SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

4 ta' Ottubru 2024*

Werrej

Il-kuntest ġuridiku 4
Ir-Regolament (KE) Nru 139/2004 4
Ir-Regolament (KE) Nru 802/2004 8
Il-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali 8
Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-Deċiżjoni kontenzjuża 10
Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata 13
It-talbiet tal-partijiet 14
Fuq l-appell 14
Fuq l-ewwel aggravju 15
Fuq l-ewwel parti tal-ewwel aggravju 15
– L-argumenti tal-partijiet 15
– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 17
Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju 24
– L-argumenti tal-partijiet 24
– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 25
Fuq it-tieni aggravju 26
Fuq l-ewwel parti tat-tieni aggravju 26
– L-argumenti tal-partijiet 26

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 27

Fuq it-tieni parti tat-tieni aggravju 29

– L-argumenti tal-partijiet 29

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 30

Fuq it-tielet parti tat-tieni aggravju 32

– L-argumenti tal-partijiet 32

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 33

Fuq ir-raba' parti tat-tieni aggravju 33

– L-argumenti tal-partijiet 33

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 33

Fuq it-tielet aggravju 34

Fuq l-ewwel parti tat-tielet aggravju 34

– L-argumenti tal-partijiet 34

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 35

Fuq it-tieni parti tat-tielet aggravju 38

– L-argumenti tal-partijiet 38

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 40

Fuq it-tielet parti tat-tielet aggravju 45

– L-argumenti tal-partijiet 45

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 46

Fuq ir-raba' parti tat-tielet aggravju 47

– L-argumenti tal-partijiet 47

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 47

Fuq il-ħames parti tat-tielet aggravju 50

– L-argumenti tal-partijiet 50

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 51

Fuq is-sitt parti tat-tielet aggravju 56

– L-argumenti tal-partijiet 56

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 56

Fuq ir-raba' aggravju 57

L-argumenti tal-partijiet 57

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 58

Fuq il-ħames aggravju 58

L-argumenti tal-partijiet 58

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja 59

Fuq l-ispejjeż 62

"Appell – Kompetizzjoni – Regolament (KE) Nru 139/2004 – Konċentrazzjoni ta' impriżi – Deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq intern u mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE – Determinazzjoni tas-swieq rilevanti – Tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva – Ħolqien jew tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti – Effetti mhux ikkoordinati – Livell ta' prova – Kunċetti ta' 'forza kompetittiva importanti' u ta' 'kompetituri mill-qrib' – Prossimità tal-kompetizzjoni bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni – Indiċi ta' Herfindahl-Hirschmann – Talbiet għal informazzjoni – Żnaturament"

Fil-Kawża C-581/22 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fl-1 ta' Settembru 2022,

thyssenkrupp AG, stabbilita f'Duisburg u Essen (il-Ġermanja), irrappreżentata minn M. Klusmann, O. Schley u J. Ziebarth, Rechtsanwälte,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata inizjalment minn G. Conte, T. Franchoo, C. Sjödin u I. Zaloguin, imbagħad minn G. Conte, T. Franchoo u I. Zaloguin, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Arabadjiev (Relatur), President tal-Awla, T. von Danwitz, P. G. Xuereb, A. Kumin u I. Ziemele, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, thyssenkrupp AG titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-22 ta' Ġunju 2022, thyssenkrupp vs Il-Kummissjoni (T-584/19, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2022:386), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tagħha intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 4228 final tal-11 ta' Ġunju 2019 li tiddikjara konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim ŻEE (Każ M.8713 – Tata Steel/thyssenkrupp vs JV) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kontenzjuża").

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament (KE) Nru 139/2004

2 Il-premessa 25 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40) tistabbilixxi:

> "(25) Fid-dawl tal-konsegwenzi li jista' jkollhom konċentrazzjonijiet fi strutturi ta' suq oligopolistiku, huwa meħtieġ aktar minn f'sitwazzjonijiet oħra li tinżamm kompetizzjoni effettiva f'suq ta' dan it-tip. Ħafna mis-swieq oligopolistiċi għandhom livell tajjeb ta' kompetizzjoni. Madankollu, konċentrazzjonijiet li jinvolvu t-tneħħija ta' kontrolli kompetittivi importanti li l-partijiet li jingħaqdu kienu jeżerċitaw fuq xulxin u li jinvolvu wkoll tnaqqis fil-pressjoni maħluqa mill-kompetizzjoni fuq il-kompetituri li jifdal, jistgħu, f'ċerti ċirkostanzi, joħolqu tfixkil sostanzjali għal kompetizzjoni effettiva. Dan jista' jiġri anki meta ma jkunx hemm riskju ta' kordinazzjoni bejn il-membri ta' l-oligopolija. Madankollu, sal-ġurnata tal-lum, il-qrati tal-Komunità għadhom ma interpretawx b'mod espress ir-Regolament [tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89 tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 31)] bħala li jitlob li konċentrazzjonijiet li joħolqu dawn l-effetti mingħajr kordinazzjoni jkunu dikjarati bħala inkompatibbli mas-suq komuni. Għalhekk, fl-interess taċ-ċertezza legali, għandu jkun ċar li dan ir-Regolament jippermetti kontroll effettiv ta' dawn il-konċentrazzjonijiet kollha billi jistabbilixxi li kull konċentrazzjoni li ħa tfixkel b'mod sinifikanti kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali minnu, għandha tkun dikjarata bħala inkompatibbli mas-suq komuni. L-espressjoni 'tfixkil sinifikanti għal kompetizzjoni effettiva' fl-Artikolu 2(2) u (3) għandha tkun interpretata bħala li tapplika lil hinn mill-kunċett ta' dominanza, iżda biss fir-rigward ta' effetti ta' konċentrazzjoni li jmorru kontra l-kompetizzjoni u li jirriżultaw minn imġieba mingħajr kordinazzjoni ta' impriżi li ma jkollhomx pożizzjoni dominanti fis-suq konċernat."

3 L-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 139/2004, bit-titolu “Stima tal-konċentrazzjonijiet”, jiddisponi:

“1. Konċentrazzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta’ dan ir-Regolament għandhom ikunu stmati skont l-għanijiet ta’ dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet li ġejjin bil-għan li jkun stabbilit jekk humiex kompatibbli mas-suq komuni jew le.

Meta tkun qiegħda tagħmel din l-istima, il-Kummissjoni [Ewropea] għandha tqis:

(a) il-bżonn li tinżamm u li tkun żviluppata kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni, u dan minħabba, fost l-oħrajn, l-istruttura ta’ l-iswieq konċernati u l-kompetizzjoni attwali u potenzjali minn impriżi li qegħdin fil-jew barra mill-Komunità;

(b) il-pożizzjoni ta’ l-impriżi konċernati fis-suq u s-saħħa ekonomika u finanzjarja tagħhom, l-alternattivi disponibbli għall-fornituri u għall-konsumaturi, l-aċċess li għandhom għal provisti jew swieq, xi barrieri legali jew barrieri oħra li jfixklu d-dħul fis-suq, tendenzi fil-provista u fit-talba għall-merkanzija u għas-servizzi relevanti, l-interessi tal-konsumaturi - kemm dawk intermedjarji u kif ukoll dawk finali - u l-iżvilupp ta’ progress tekniku u ekonomiku sakemm dan ikun fl-interess tal-konsumaturi u ma jkunx ta’ tfixkil għall-kompetizzjoni.

2. Konċentrazzjoni li mhix ħa tkun ta’ tfixkil sinifikanti għall-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f’parti sostanzjali minnu, b’mod partikolari minħabba l-ħolqien ta’ jew minħabba t-tisħiħ ta’ pożizzjoni dominanti, għandha tkun dikjarata bħala kompatibbli mas-suq komuni.

3. Konċentrazzjoni li ħa tkun ta’ tfixkil sinjifikanti għall-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f’parti sostanzjali minnu, b’mod partikolari minħabba l-ħolqien ta’ jew minħabba t-tisħiħ ta’ pożizzjoni dominanti, għandha tkun dikjarata bħala inkompatibbli mas-suq komuni.

4. Safejn il-ħolqien ta’ *joint venture* li tammonta għal konċentrazzjoni skond l-Artikolu 3 jkollu bħala l-għan jew l-effett tiegħu il-kordinazzjoni ta’ l-imġieba kompetittiva ta’ l-impriżi li jibqgħu indipendenti, din il-kordinazzjoni għandha tkun stmata skond il-kriterji ta’ l-Artikolu [101](1) u (3) [TFUE] bil-għan li jkun stabbilit jekk l-operazzjoni hix kompatibbli mas-suq komuni jew le.

5. Meta tkun qiegħda tagħmel din l-istima, il-Kummissjoni għandha tqis, b’mod partikolari:

– jekk tnejn jew aktar kumpanniji prinċipali żammewx, b’mod sinifikanti, attivitajiet fl-istess suq bħall-joint venture jew f’suq li huwa *downstream* jew *upstream* minn dak tal-*joint venture* jew f’suq fil-qrib li huwa relatat ħafna ma’ dan is-suq,

– jekk il-kordinazzjoni li hija l-konsegwenza diretta tal-ħolqien tal-*joint venture* tħallix lill-impriżi konċernati l-possibbiltà li jeliminaw il-kompetizzjoni fir-rigward ta’ parti sostanzjali mill-prodotti jew mis-servizzi konċernati.”

4 L-Artikolu 3 ta’ dan ir-regolament, intitolat “Definizzjoni ta’ konċentrazzjoni”, jipprevedi, fil-paragrafu 1(b) tiegħu, u fil-paragrafu 4 tiegħu:

“1. Għandu jitqies li hemm konċentrazzjoni meta jkun hemm bidla fil-kontroll fuq bażi dewwiema, liema bidla tkun ir-riżultat ta’:

[…]

(b) l-akkwist, minn persuna jew minn aktar minn persuna waħda li diġa tikkontrolla jew jikkontrollaw mill-anqas impriża waħda, jew minn impriża jew minn aktar minn impriża waħda, ta' kontroll dirett jew indirett ta' impriża jew ta' aktar minn impriża waħda, jew ta' partijiet minn impriża jew minn aktar minn impriża waħda. Dan l-akkwist jista' jsir kemm permezz tax-xiri ta' titoli jew ta' assi, permezz ta' kuntratt jew permezz ta' kull mezz ieħor.

[…]

4. Il-ħolqien ta' *joint venture* li twettaq, fuq bażi dewwiema, il-funzjonijiet kollha ta' entità ekonomika awtonoma għandha tammonta għal konċentrazzjoni skont it-tifsira tal-paragrafu 1(b)."

5 L-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament, intitolat "Notifika minn qabel ta' konċentrazzjonijiet u riferenza qabel in-notifika fuq talba tal-partijiet li jagħmlu n-notifika", jiddisponi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Konċentrazzjoni b'dimensjoni Komunitarja definiti f'dan ir-Regolament għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni qabel ma jiġu implimentati u wara l-konklużjoni tal-ftehim, id-dikjarazzjoni ta' l-offerta pubblika, jew l-akkwist ta' interess li għandu kontroll.

In-notifika tista' ssir ukoll meta l-impriżi konċernati juru lill-Kummissjoni li għandhom intenzjoni bi ħsieb tajjeb li jikkonkludu ftehim jew, fil-każ ta' offerta pubblika, meta jkunu ħabbru b'mod pubbliku li għandhom l-intenzjoni li jagħmlu din l-offerta, sakemm il-ftehim intenzjonat jew l-offerta intenzjonata jwasslu għal konċentrazzjoni b'dimensjoni Komunitarja.

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, il-frażi 'konċentrazzjoni notifikata' għandha tkopri wkoll konċentrazzjonijiet li għadhom ma twettqux u li kienu notifikati skont it-tieni subparagrafu. Għall-għanijiet tal-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu, it-terminu 'konċentrazzjoni' jinkludi konċentrazzjonijiet li għadhom ma twettqux u li jaqgħu taħt it-tieni subparagrafu."

6 L-Artikolu 6 tal-istess regolament, intitolat "Eżaminazzjoni tan-notifika u l-bidu tal-proċeduri", jipprevedi, fil-paragrafu 1(ċ) tiegħu:

"Il-Kummissjoni għandha teżamina n-notifika malli tirċeviha.

[…]

(ċ) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, meta l-Kummissjoni ssib illi l-konċentrazzjoni notifikata taqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament u toħloq dubji serji dwar il-kompatibilità tagħha mas-suq komuni, hija għandha tiddeċiedi li tibda proċeduri. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9, dawn il-proċeduri għandhom jingħalqu permezz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 8(1) sa (4), sakemm l-impriżi konċernati ma jikkonvinċux lill-Kummissjoni li huma abbandunaw il-konċentrazzjoni."

7 L-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 139/2004, intitolat "Poteri tal-Kummissjoni biex tieħu deċiżjoni", jiddisponi, fil-paragrafi 2 sa 3 tiegħu:

"2. Meta l-Kummissjoni ssib li, wara bidliet mill-impriżi konċernati, konċentrazzjoni notifikata tissodisfa l-kriterju stabbilit fl-Artikolu 2(2) u, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 2(4), il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu [101](3) [TFUE], hija għandha toħroġ deċiżjoni li fiha tiddikjara li l-konċentrazzjoni hija kompatibbli mas-suq komuni.

Mad-deċiżjoni tagħha, l-Kummissjoni tista' tinkludi kundizzjonijiet u obbligi maħsuba biex jassiguraw li l-impriżi konċernati jirrispettaw r-rabtiet li jkunu daħlu għalihom fir-rigward tal-Kummissjoni bil-għan li l-konċentrazzjoni tkun kompatibbli mas-suq komuni.

Deċiżjoni li tiddikjara konċentrazzjoni bħala waħda kompatibbli għandha titqies li tkopri restrizzjonijiet relatati u meħtieġa direttament għall-implimentazzjoni tal-konċentrazzjoni.

3. Meta l-Kummissjoni ssib li konċentrazzjoni tissodisfa l-kriterji definiti fl-Artikolu 2(3) jew, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 2(4), ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu [101](3) [TFUE], hija għandha toħroġ deċiżjoni li fiha tiddikjara li l-konċentrazzjoni mhix kompatibbli mas-suq komuni."

8 L-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament, intitolat "Talbiet għal informazzjoni", jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Sabiex taqdi d-dmirijiet mogħtija lilha f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista', permezz ta' talba sempliċi jew permezz ta' deċiżjoni, titlob lill-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1)(b), kif ukoll impriżi u assoċjazzjonijiet ta' impriżi, sabiex jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa."

9 L-Artikolu 14 tal-imsemmi regolament, intitolat "Multi", jipprevedi, fil-paragrafu 1(ċ) tiegħu:

"Il-Kummissjoni tista', permezz ta' deċiżjoni, timponi fuq il-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1)(b), fuq impriżi fuq jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi, multi ta' mhux aktar minn 1 % mill-valur tal-bejgħ totali ta' l-impriża jew ta' l-assoċjazzjoni ta' impriżi konċernata fis-sens ta' l-Artikolu 5 meta, b'intenzjoni jew b'negliġenza:

[…]

(ċ) jipprovdu informazzjoni żbaljata, inkompleta jew qarrieqa jew ma jipprovdux l-informazzjoni fiż-żmien stabbilit, fi tweġiba għal talba magħmula f'deċiżjoni adottata skond l-Artikolu 11(3)".

10 L-Artikolu 15 tal-istess regolament, intitolat "Pagamenti perjodiċi ta' penali", jiddisponi, fil-paragrafu 1(a) tiegħu:

"Il-Kummissjoni tista', permezz ta' deċiżjoni, timponi fuq il-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1)(b), fuq impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi, pagamenti perjodiċi ta' penali ta' mhux aktar minn 5 % tal-valur tal-bejgħ totali medju ta' kuljum ta' l-impriża jew ta' l-assoċjazzjoni ta' impriżi konċernata fis-sens ta' l-Artikolu 5 għal kull jum utli ta' dewmien, kalkulati mid-data stabbilita fid-deċiżjoni, u dan sabiex tikkostringihom:

(a) jipprovdu informazzjoni kompleta u korretta kif mitluba minnha f'deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 11(3);

[…]"

Ir-Regolament (KE) Nru 802/2004

11 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 802/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 88), kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1269/2013 tal-5 ta' Diċembru 2013 (ĠU 2013, L 336, p. 1), kien jipprevedi, fl-Artikolu 13(2) tiegħu:

"Il-Kummissjoni għandha tindirizza bil-miktub l-oġġezzjonijiet tagħha lejn il-partijiet notifikanti.

Il-Kummissjoni għandha, meta tressaq l-avviż ta' l-oġġezzjonijiet, tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih il-partijiet notifikanti jkunu jistgħu jinformaw bil-kitba lill-Kummissjoni dwar il-kummenti tagħhom.

Il-Kummissjoni għandha tinforma bil-kitba lill-partijiet l-oħrajn involuti dwar dawn l-oġġezzjonijiet.

Il-Kummissjoni għandha wkoll tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih dawk il-partijiet l-oħrajn involuti jkunu jistgħu jinformaw bil-kitba lill-Kummissjoni dwar il-kummenti tagħhom.

Il-Kummissjoni m'għandhiex tkun obbligata li tikkonsidra l-kummenti li hija tirċievi wara l-iskadenza taż-żmien li hija tkun stabbiliet."

Il-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali

12 Il-punti 14, 16, 19 sa 21, 28, 32 sa 35, 37 u 38 tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, intitolata "Linji ta' gwida fuq l-istima jew kalkolu ta' l-għaqdiet orizzontali taħt ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-intrapriżi" (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 10, iktar 'il quddiem il-"Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali"), jistabbilixxu:

"III. IS-SEHEM TAS-SUQ U L-LIVELLI TAL-KONĊENTRAZZJONI

14. L-ishma tas-suq u l-livelli tal-konċenrazzjoni jipprovdu l-ewwel indikazzjonijiet li huma utli dwar l-istruttura tas-suq u dwar l-importanza Kompetittiva kemm tal-partijiet magħquda kif ukoll tal-Kompetituri tagħhom.

[…]

16. Il-livell komplessiv tal-konċentrazzjoni fis-suq jista' wkoll jipprovdi informazzjoni utli dwar is-sitwazzjoni tal-Kompetizzjoni. Biex jiġu mkejla l-livelli tal-konċentrazzjoni, il-Kummissjoni spiss tapplika l-Indiċi Herfindahl-Hirschman(IHH). L-IHH huwa kkalkolat billi tgħodd il-kwadri ta' l-ishma individwali tas-suq tad-ditti kollha li jinsabu fis-suq. L-IHH jagħti proporzjonalment qies akbar lill-ishma tas-suq ta' l-ikbar ditti. Għalkemm l-aħjar huwa li tinkludi d-ditti kollha fil-kalkoli, in-nuqqas ta' informazzjoni dwar ditti żgħar ħafna jista' ma jkunx daqshekk importanti għax ditti bħal dawn ma tantx jaffettwaw lill-IHH. Waqt li l-livell assolut tal-IHH jista' jagħti indikazzjoni inizzjali tal-pressjoni kompetittiva fis-suq wara l-formazzjoni ta' l-għaqda, il-bidla fl-IHH (magħrufa bħala 'd-delta') hija prokura utli għall-bidla fil-konċentrazzjoni miġjuba direttament mill-għaqda.

[…]

Il-livelli tal-IHH

19. Il-Kummissjoni x'aktarx ma toqgħodx tidentifika l-preokkupazzjonijiet dwar il-kompetizzjoni Orizzontali f'suq b'IHH taħt l-1 000 wara l-formazzjoni ta' l-[konċentrazzjoni]. Swieq bħal dwan normalment m'għandhomx bżonn analiżi estensiv.

20. Il-Kummissjoni wkoll x'aktarx ma toqgħodx tidentifika l-preokkupazzjonijiet dwar il-kompetizzjoni Orizzontali f'għaqda b'IHH bejn l-1 000 u l-2 000 wara l-formazzjoni ta' l-għaqda u b'delta taħt il-250, jew għaqda b'IHH 'fuq minn l-2 000 wara l-formazzjoni ta' l-għaqda u b'delta taħt il-150, barra fejn hemm ċirkostanzi speċjali bħal, per eżempju, meta wieħed jew aktar mill-fatturi li ġejjin huma preżenti:
    (a) għaqda li tinvolvi lil dak li se jidħol kemm potenzalment jew reċentament b'sehem żgħir fis-suq;
    (b) parti waħda jew aktar magħquda huma innovaturi importanti f'modi li ma jirriflettux fl-ishma tas-suq;
    (ċ) hemm *cross-shareholdings* sinjifikanti fost dawk li qegħdin jipparteċipaw fis-suq;
    (d) waħda mid-ditti magħquda ditta 'maverick' bi probabbilta' għolja li jħassar aġir li jkun ikkordinat;
    (e) indikazzjonijiet ta' kordinazzjoni tal-passat jew li għadha għaddejja, jew prattika ta' faċilitazzjoni, huma preżenti;
    (f) waħda mill-partijiet magħquda għandha sehem tas-suq ta' 50 % jew aktar qabel il-formazzjoni ta' l-għaqda.

21. Kull wieħed minn dawn il-livelli tal-IHH, meta magħquda mad-deltas rilevanti, jistgħu jiġu użati bħala indikatur inizjali tan-nuqqas ta' preokkupazzjonijiet dwar il-Kompetizzjoni. Madankollu, dawn ma jagħtux lok għal presuppost ta' kemm l-eżistenza jew in-nuqqas ta' dawn il-preokkupazzjonijiet.

[…]

IV. EEFETTI ANTI-KOMPETITTIVI POSSIBLI TA' GĦAQDIET ORIZZONTALI

Ditti maqgħuda huma Kompetituri fil-qrib jew viċini

28. Prodotti jistgħu jiġu differenzati f'suq rilevanti b'mod li ċertu Prodotti huma sostituti eqreb minn oħra. Aktar mal-grad ta' sostituzzjoni bejn il-prodotti tad-ditti magħquda jkun għoli, aktar id-ditti magħquda jżidu il-Prezzijiet b'mod sinjifikattiv. Per eżempju, għaqda bejn żewġ Produtturi li joffru Prodotti li numru sostanzjali ta' klijenti jqisu bħala l-ewwel u t-tieni għażla tista' toħloq żieda sinjifikanti fil-Prezz. B'hekk, il-fatt li r-rivalità bejn il-partijiet kienet sors importanti ta' kompetizzjoni fis-suq jista' jkun fattur ċentrali fl-analiżi. Marġnijiet għolja qabel il-formazzjoni ta' l-għaqda x'aktarx jistgħu wkoll jagħmlu żidiet sinjifikanti fil-Prezzijiet. L-inċentiv tad-ditta' magħquda li tgħolli l-Prezzijiet x'aktarx hija aktar ristretta meta ditti rivali jipproduċu sostituti li huma qrib għall-Prodotti tad-ditti magħquda milli meta huma joffru sostituti li huma inqas fil-qrib. Għalhekk x'aktarx għaqda ma timpedixxix b'mod sinjifikanti l-Kompetizzjoni effettiva, speċjalment bil-ħolqien jew bit-tisħiħ ta' posizzjoni dominanti, meta hemm grad għoli ta' sostituzzjoni bejn il-Prodotti tad-ditti magħquda u dawk forniti mill-produtturi rivali.

[…]

Il-kompetituri x'aktarx ma jżidux il-provvisti jekk il-prezzijiet jogħlew

32. Meta il-kondizzjonijiet tas-suq huma tali li l-kompetituri tal-partijiet magħquda x'aktarx ma jżidux il-provvista tagħhom sostanzjalment jekk il-prezzijiet jogħlew, id-ditti magħquda jista' jkollhom inċentiv biex inaqqsu l-produzzjoni taħt il-livelli magħquda qabel il-formazzjoni ta' l-għaqda, billi jgħollu l-prezzijiet tas-suq. L-għaqda żżid l-inċentiv biex titnaqqas il-produzzjoni billi tagħti lid-ditti magħquda bażi akbar ta' bejgħ fuq x'hiex marġnijiet għolja jiġu mgawda, li jirriżultaw miż-żieda fil-prezzijiet indotti mit-tnaqqis tal-produzzjoni.

33. Bil-kuntrarju, meta l-kondizzjonijiet tas-suq huma tali li d-ditti rivali għandhom il-kapaċità suffiċjenti u jsibuha ta' profitt li jkabbru il-produzzjoni tagħhom b'mod suffiċjenti, il-Kummissjoni x'aktarx mhux se ssib li l-għaqda ħa toħloq jew issaħħaħ posizzjoni dominanti jew inkella li timpedixxi sinjifikament il-kompetizzjoni effettiva.

34. Dan it-tkabbir tal-produzzjoni mhux probabbli li jseħħ, b'mod partikolari, meta l-kompetituri jħabbtu wiċċhom ma' restrizzjonijiet vinkolanti fuq il-kapaċità u tkabbir ta' kapacità li hija kostuża jew jekk l-eċċess tal-kapaċità li teżisti hija sinjifikament aktar kostuża biex topera mill-kapaċità attwali li qiegħda tintuża.

35. Għalkemm ir-restrizzjonijiet fuq il-kapaċità x'aktarx huma aktar importanti meta l-oġġetti huma relattivament l-istess, dawn ir-restrizzjonijiet jistgħu jkunu wkoll importanti meta d-ditti joffru prodotti differenti.

[…]

Għaqda tellimina forza kompetittiva importanti

37. Ċertu ditti għandhom aktar influwenza fuq il-proċess tal-kompetizzjoni minn kif jista' jiġi suġġerit minn ishma tas-suq jew miżuri simili. Għaqda li tinvolvi ditta bħal din tista' tbiddel sinjifikament id-dinamiċi tal-kompetizzjoni b'mod anti-kompetittiv, b'mod partikolari meta s-suq huwa diġa' kkonċentrat […]. Bħala eżempju, ditta li tista' tkun għada kemm daħlet reċentament, jista' jiġi pretiż minnha li teżerċita pressjoni kompetittiva sinjifikativa fil-futur fuq id-ditti l-oħra fis-suq.

38. Fi swieq fejn l-innovazzjoni hija forza kompetittiva importanti, għaqda tista' żżid il-kapaċità tad-ditti u l inċentiv sabiex isiru innovazzjonijiet ġodda fis-suq u, b'hekk, il-pressjoni kompetittiva fuq ir-rivali li jinnovaw f'dak is-suq. Minflokk, kompetizzjoni effettiva tista' sinjifikament tiġi impedita minħabba għaqda bejn żewġ innovaturi importanti, bħal per eżempju bejn żewġ kumpanniji bi prodotti '*pipeline*' li huma relatati ma' prodott speċifiku fis-suq. Bl-istess mod, ditta li għandha sehem relattivament żgħir fis-suq tista' xorta waħda tkun forza kompetittiva importanti jekk għandha prodotti '*pipeline*' li għandhom il-potenzal illi jirnexxu fil-futur."

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-Deċiżjoni kontenzjuża

13 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma esposti fil-punti 1 sa 23 tas-sentenza appellata u jistgħu jiġu miġbura fil-qosor kif ġej.

14 thyssenkrupp hija kumpannija Ġermaniża li teżerċita l-attività tagħha fil-produzzjoni ta' prodotti ċatti tal-azzar bil-karbonju, fis-servizzi ta' materjali, fit-teknoloġija tal-lifts, fis-soluzzjonijiet industrijali u fit-teknoloġija tal-komponenti. Din il-kumpannija hija waħda mill-produtturi

Ewropej ewlenin tal-azzar ċatt bil-karbonju u teżerċita l-attività tagħha tul il-katina tal-valur tal-azzar ċatt bil-karbonju, mill-produzzjoni tal-azzar primarju sal-prodotti miksija lesti. Hija tipproduċi u tipprovdi wkoll firxa ta' prodotti ċatti tal-azzar bil-karbonju, inkluż l-azzar illaminat bis-sħana, l-azzar illaminat bil-kesħa, l-azzar miksi bil-metall u l-azzar illaminat għall-imballaġġ, l-azzar iggalvanizzat, l-azzar miksi b'materjal organiku, il-grani orjentati rrumblati ċatti ta' azzar manjetiku tas-silikon (iktar 'il quddiem il-"GOES") u l-grani mhux orjentati rrumblati ċatti ta' azzar manjetiku tas-silikon. L-attivitajiet ta' thyssenkrupp huma ċċentrati fil-Ġermanja u l-fabbriki integrati kollha tagħha jinsabu f'Duisburg (il-Ġermanja), iżda għandha wkoll fabbriki tal-irfinar fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), b'mod partikolari fi Franza, fil-Ġermanja u fi Spanja.

15 Tata Steel Ltd (iktar 'il quddiem "TSE") hija kumpannija Indjana li teżerċita l-attività tagħha fl-estrazzjoni tal-faħam u tal-mineral tal-ħadid, fil-manifattura ta' prodotti tal-azzar u fil-bejgħ tagħhom madwar id-dinja. Barra minn hekk, TSE tipproduċi ligi tal-ħadid kif ukoll minerali relatati u timmanifattura ċerti prodotti oħra, bħal materjal agrikolu u bearings. B'mod partikolari, TSE tipproduċi u tbigħ firxa ta' prodotti tal-azzar bil-karbonju, inkluż l-azzar illaminat bis-sħana, l-azzar illaminat bil-kesħa, l-azzar miksi bil-metall u l-azzar illaminat għall-imballaġġ, l-azzar iggalvanizzat u l-azzar miksi b'materjal organiku, kif ukoll GOES u l-grani mhux orjentati rrumblati ċatti ta' azzar manjetiku tas-silikon. TSE timmanifattura wkoll prodotti downstream oħra, bħal tubi tal-azzar bil-karbonju u oġġetti tal-azzar għall-kostruzzjoni. Il-fabbriki ta' TSE jinsabu prinċipalment fir-Renju Unit u fil-Pajjiżi l-Baxxi, iżda għandha wkoll ċertu numru ta' impjanti tal-irfinar f'postijiet oħra fl-Ewropa, b'mod partikolari fil-Belġju, fi Franza, fil-Ġermanja u fl-Isvezja.

16 Fil-25 ta' Settembru 2018, thyssenkrupp u TSE (iktar 'il quddiem, flimkien, il-"partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata") ikkomunikaw lill-Kummissjoni, konformement mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004, proposta ta' konċentrazzjoni (iktar 'il quddiem il-"konċentrazzjoni ppjanata") li permezz tagħha huma akkwistaw il-kontroll konġunt ta' impriża konġunta ġdida (iktar 'il quddiem "JV"), fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u (4) ta' dan ir-regolament.

17 Skont il-konċentrazzjoni proposta, JV eżerċitat l-attività tagħha fil-produzzjoni tal-azzar ċatt bil-karbonju u ta' prodotti tal-azzar manjetiku. Kull waħda mill-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata tittrasferixxi lil JV l-attivitajiet u l-attivi tagħha ta' produzzjoni ta' azzar ċatt bil-karbonju u ta' azzar manjetiku fl-Ewropa. Is-servizzi ta' funderija ta' thyssenkrupp jiġu ttrasferiti wkoll lil JV. Barra minn hekk, kull waħda mill-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata żżomm 50 % tal-azzjonijiet ta' JV. L-ebda waħda minn dawn il-partijiet ma tingħata drittijiet ta' veto rilevanti li l-parti l-oħra ma jkollhiex, u għaldaqstant huma jikkontrollaw l-impriża konġunta flimkien. JV tissodisfa b'mod permanenti l-funzjonijiet kollha ta' entità ekonomika awtonoma li għandha l-preżenza tagħha stess fis-suq, kemm upstream kif ukoll downstream. Għalhekk, JV hija impriża konġunta li topera b'mod sħiħ.

18 Permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni qieset li l-konċentrazzjoni ppjanata kienet tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern u ddeċidiet li tibda proċedura ta' eżami fil-fond, konformement mal-Artikolu 6(1)(ċ) tar-Regolament Nru 139/2004.

19 Fit-13 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni adottat dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li permezz tagħha hija kkonkludiet li l-konċentrazzjoni ppjanata ser tfixkel b'mod sinjifikattiv il-kompetizzjoni effettiva f'parti sostanzjali tas-suq intern, fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 139/2004.

20 Fis-27 ta' Frar 2019, il-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata ppreżentaw lill-Kummissjoni t-tweġiba tagħhom għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Huma kkonfermaw li ma kinux qegħdin jitolbu li jinstemgħu.

21 Fl-20 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni bagħtitilhom ittra li permezz tagħha hija esponiet il-fatti u l-provi li jikkorroboraw l-oġġezzjonijiet ifformulati fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Il-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar din l-ittra fil-25 ta' Marzu 2019.

22 Fl-1 ta' April 2019, il-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata ppreżentaw impenji sabiex isolvu l-problemi ta' kompetizzjoni identifikati fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

23 Fit-23 ta' April 2019, dawn il-partijiet ippreżentaw impenji riveduti.

24 Matul il-proċedura amministrattiva, minbarra t-talbiet għal informazzjoni indirizzati lill-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata, il-Kummissjoni kkuntattjat ċertu numru ta' atturi tas-suq, b'mod partikolari l-klijenti u l-kompetituri tal-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata, u talbithom, skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 139/2004, jipprovdulha informazzjoni. Bl-istess mod, saru sensiela ta' skambji u ta' laqgħat bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata u l-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pprovdiet numru ta' dokumenti lil dawn il-partijiet u l-aċċess għall-fajl ingħatalhom diversi drabi.

25 Fil-11 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 139/2004, adottat id-Deċiżjoni kontenzjuża, li permezz tagħha hija ddikjarat li l-konċentrazzjoni ppjanata kienet inkompatibbli mas-suq intern u maż-ŻEE.

26 F'dik id-deċiżjoni, il-Kummissjoni għamlet riferiment għal kunsiderazzjonijiet marbuta, b'mod partikolari, mas-swieq inkwistjoni, mal-effetti tal-konċentrazzjoni ppjanata f'termini ta' kompetizzjoni u mal-impenji tal-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata.

27 Fir-rigward tas-swieq tal-prodotti inkwistjoni, il-Kummissjoni waslet, fil-premessa 256 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, għall-konklużjoni li l-azzar iggalvanizzat bis-sħana (iktar 'il quddiem il-"HDG") u l-azzar elettrogalvanizzat (iktar 'il quddiem l-"EG") kienu probabbilment jikkostitwixxu swieq ta' prodotti distinti, iżda li ma kienx neċessarju li tiġi fformulata konklużjoni dwar din il-kwistjoni speċifika.

28 Fil-premessa 257 ta' dik id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet, essenzjalment, li l-produzzjoni u l-provvista ta' HDG lill-industrija tal-karozzi (iktar 'il quddiem l-"Auto HDG") kienu jikkostitwixxu suq ta' prodotti distint minn dak tal-produzzjoni u tal-provvista ta' HDG għal applikazzjonijiet oħra.

29 Fil-premessa 301 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li l-produzzjoni u l-provvista ta' pjanċa stanjata (iktar 'il quddiem it-"TP") u ta' azzar miksi bil-kromju elettrolitiku (iktar 'il quddiem l-"ECCS") intiż għall-imballaġġ kienu jikkostitwixxu swieq ta' prodotti distinti.

30 Fil-premessa 302 tal-istess deċiżjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet, barra minn hekk, li l-produzzjoni u l-provvista ta' azzar illaminat intiż għall-imballaġġ kienu jikkostitwixxu wkoll suq ta' prodotti distinti.

31 Fir-rigward tas-swieq ġeografiċi kkonċernati, fil-premessa 456 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni qieset, essenzjalment, li s-suq ġeografiku inkwistjoni għall-produzzjoni u għall-provvista ta' Auto HDG kien jestendi, l-iktar, għaż-ŻEE u li, barra minn hekk, kienu jeżistu provi ta' differenzazzjoni ġeografika fi ħdan iż-ŻEE.

32 Fil-premessa 457 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kkonstatat li s-swieq ġeografiċi inkwistjoni għall-produzzjoni u għall-provvista ta' TP, ta' ECCS u ta' azzar illaminat intiż għall-imballaġġ kienu jestendu, l-iktar, għaż-ŻEE.

33 Fir-rigward tal-effetti tal-konċentrazzjoni ppjanata fuq il-kompetizzjoni, il-Kummissjoni qieset, fil-premessi 1250 u 1669 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li l-konċentrazzjoni kienet fixklet b'mod sinjifikattiv il-kompetizzjoni effettiva f'dak li jirrigwarda l-produzzjoni u l-provvista ta' Auto HDG fiż-ŻEE minħabba effetti orizzontali mhux ikkoordinati li jirriżultaw mill-eliminazzjoni ta' restrizzjoni kompetittiva qawwija.

34 Fil-premessi 1416, 1417, 1419 u 1670 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll li l-konċentrazzjoni ppjanata twassal għal tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva f'dak li jirrigwarda l-produzzjoni u l-provvista ta' TP u ta' azzar illaminat intiż għall-imballaġġ fiż-ŻEE, għaliex hija toħloq pożizzjoni dominanti fis-swieq inkwistjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ppreċiżat li, fi kwalunkwe każ, il-konċentrazzjoni ppjanata tipproduċi wkoll effetti orizzontali mhux ikkoordinati f'dak li jirrigwarda l-produzzjoni u l-provvista ta' TP u ta' azzar illaminat intiż għall-imballaġġ fiż-ŻEE li jirriżultaw mill-eliminazzjoni ta' restrizzjoni kompetittiva qawwija.

35 Fil-premessi 1418, 1419 u 1671 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kkonstatat li l-konċentrazzjoni ppjanata tfixkel b'mod sinjifikattiv il-kompetizzjoni effettiva f'dak li jirrigwarda l-produzzjoni u l-provvista ta' ECCS intiż għall-imballaġġ fiż-ŻEE minħabba effetti orizzontali mhux ikkoordinati li jirriżultaw mill-eliminazzjoni ta' restrizzjoni kompetittiva qawwija.

36 Fir-rigward tal-impenji proposti mill-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata, il-Kummissjoni kkonkludiet, fil-premessi 1668 u 1672 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li dawn l-impenji ma kinux jeliminaw għalkollox l-ostakoli sinjifikattivi għal kompetizzjoni effettiva li jirriżultaw mill-konċentrazzjoni ppjanata f'dak li jirrigwarda, minn naħa, l-azzar miksi bil-metall (TP u ECCS) kif ukoll l-azzar illaminat intiż għall-imballaġġ fiż-ŻEE u, min-naħa l-oħra, l-Auto HDG fiż-ŻEE, u li la kienu kompleti u lanqas effikaċi minn kull aspett. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li ma kienx possibbli li jiġi konkluż bil-livell ta' ċertezza meħtieġ li l-attività ta' JV kienet ser tkun vijabbli fil-kuntest tal-istruttura korrettiva prevista.

37 Konsegwentement, il-Kummissjoni ddikjarat il-konċentrazzjoni ppjanata bħala inkompatibbli mas-suq intern.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

38 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-22 ta' Awwissu 2019, thyssenkrupp ippreżentat rikors intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

39 Insostenn ta' dan ir-rikors, thyssenkrupp invokat tmien motivi.

40 L-ewwel motiv kien ibbażat fuq żbalji proċedurali, żbalji ta' liġi u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni dwar id-definizzjoni tas-swieq tal-Auto HDG kif ukoll tal-azzar intiż għall-imballaġġ. It-tieni motiv kien ibbażat fuq żbalji proċedurali, żbalji ta' liġi u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni dwar id-definizzjoni tas-swieq ġeografiċi tal-Auto HDG kif ukoll tal-azzar intiż għall-imballaġġ. It-tielet motiv kien ibbażat fuq żbalji proċedurali, żbalji ta' liġi u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-konklużjoni dwar l-eżistenza ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva fl-allegat suq tal-Auto HDG. Ir-raba' motiv kien ibbażat fuq żbalji proċedurali, żbalji ta' liġi u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni li fir-rigward tal-konklużjoni dwar l-eżistenza ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva fl-allegati swieq ta' TP, tal-ECCS u tal-azzar illaminat intiż għall-imballaġġ. Il-ħames motiv kien ibbażat fuq żbalji proċedurali u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni tal-miżuri korrettivi proposti mill-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata. Is-sitt motiv kien ibbażat fuq assenza ta' motivazzjoni tad-Deċiżjoni kontenzjuża fir-rigward tal-GOES. Is-seba' motiv kien ibbażat fuq żball proċedurali li jikkonsisti fin-nuqqas ta' neċessità li l-atturi tas-suq jeħtieġu tweġibiet għat-talbiet għal informazzjoni. It-tmien motiv kien ibbażat fuq żbalji ta' evalwazzjoni dwar l-analiżi tal-konċentrazzjoni li tat lok għad-deċiżjoni tas-7 ta' Mejju 2018, Każ COMP/M.8.444 ArcelorMittal vs Ilva (iktar 'il quddiem il-"Każ AM vs Ilva") wara l-allegat falliment ta' din il-konċentrazzjoni.

41 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dawn il-motivi kollha u, għaldaqstant, ir-rikors ta' thyssenkrupp kollu kemm hu.

It-talbiet tal-partijiet

42 thyssenkrupp titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tannulla d-Deċiżjoni kontenzjuża;

– sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tagħti deċiżjoni konformement mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-appellanti quddiem il-Qorti Ġenerali u quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

43 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell u

– tikkundanna lil thyssenkrupp għall-ispejjeż kollha tal-istanza.

Fuq l-appell

44 Insostenn tal-appell tagħha, thyssenkrupp tqajjem ħames aggravji.

45 L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq diversi żbalji ta' liġi li jikkonċernaw, b'mod partikolari, id-definizzjoni ta' suq ta' prodotti distint għall-Auto HDG, id-definizzjoni tas-suq ġeografiku inkwistjoni, l-evalwazzjoni tal-inċentiv ta' ArcelorMittal (iktar 'il quddiem "AM") sabiex teżerċita restrizzjoni kompetittiva fuq żieda fil-prezzijiet wara l-konċentrazzjoni, l-eżistenza possibbli ta'

tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva kif ukoll il-livell ta' prova applikabbli għall-Kummissjoni. It-tieni aggravju huwa bbażat, essenzjalment, fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali, qabelxejn, wettqet diversi żbalji ta' liġi fir-rigward tad-determinazzjoni tas-swieq ta' Auto HDG u tal-azzar illaminat. Sussegwentement, hija ċaħdet b'mod żbaljat ċerti argumenti ta' thyssenkrupp bħala ineffettivi. Fl-aħħar nett, hija ma tatx deċiżjoni fuq ċerti lmenti tar-rikors fl-ewwel istanza peress li hija ma fehmitx b'mod korrett l-ilmenti magħmula minn thyssenkrupp. It-tielet aggravju huwa bbażat, l-ewwel nett, fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 139/2004 kif ukoll tal-premessa 25 tiegħu u fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat li l-Kummissjoni setgħet tibbaża ruħha fuq l-istess fatturi sabiex issostni ż-żewġ teoriji tagħha ta' effett ħażin fuq il-kompetizzjoni. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali, essenzjalment, interpretat b'mod żbaljat il-kunċett ta' "forza kompetittiva importanti". It-tielet nett, hija interpretat b'mod żbaljat dak ta' "kompetituri mill-qrib". Ir-raba' nett, il-Qorti Ġenerali wettqet diversi żbalji dwar l-aġir eventwali ta' AM wara l-implimentazzjoni tal-konċentrazzjoni ppjanata u l-punt dwar jekk din l-impriża setgħetx tiġi kkunsidrata li tikkostitwixxi alternattiva vijabbli għax-xerrejja ta' TP jew ta' ECCS. Il-ħames nett, il-Qorti Ġenerali wettqet diversi żbalji dwar l-effett fuq il-kompetizzjoni tal-importazzjonijiet ta' prodotti ta' Auto HDG u ta' azzar intiż għall-imballaġġ. Is-sitt nett, il-Qorti Ġenerali żnaturat ċerti provi u wettqet żball ta' liġi meta eżerċitat l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha tal-kalkolu tal-IHH, f'dak li jirrigwarda s-swieq HDG, TP u ECCS. Ir-raba' aggravju huwa bbażat, minn naħa, fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali, billi żnaturat ċerti provi ma tatx deċiżjoni dwar argument ta' thyssenkrupp u, min-naħa l-oħra, fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li l-Kummissjoni ma kinitx kisret id-drittijiet tad-difiża ta' thyssenkrupp. Il-ħames aggravju huwa bbażat, essenzjalment, fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali ma tatx deċiżjoni dwar is-seba' motiv tar-rikors fl-ewwel istanza peress li hija ma fehmitx dan il-motiv b'mod korrett.

Fuq l-ewwel aggravju

Fuq l-ewwel parti tal-ewwel aggravju

– *L-argumenti tal-partijiet*

46 thyssenkrupp issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet diversi żbalji ta' liġi fis-sentenza appellata li jaqgħu taħt ħames kategoriji legali differenti. L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx stħarriġ ġudizzjarju korrett u komplet tad-Deċiżjoni kontenzjuża. It-tieni nett, dik il-qorti sempliċement irrepetiet u ddeskriviet l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li tinsab f'dik id-deċiżjoni. It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali adottat l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni u ma wettqitx l-evalwazzjoni tagħha stess. Ir-raba' nett, il-Qorti Ġenerali ċċitat provi mingħajr ma eżaminathom. Il-ħames nett, il-Qorti Ġenerali naqset milli tagħti deċiżjoni dwar xi punti jew xi motivi rilevanti.

47 Għalhekk, thyssenkrupp tippreżenta tabella li tindika b'mod skematiku iktar minn sebgħin punt tas-sentenza appellata, il-kategoriji ta' żbalji rispettivi kif ukoll is-suġġett ikkonċernat minn kull żball allegat.

48 F'dan il-kuntest, billi tat, essenzjalment, ħames eżempji konkreti ta' żbalji ta' liġi li allegatament wettqet il-Qorti Ġenerali, thyssenkrupp tqajjem ħames ilmenti speċifiċi.

49 L-ewwel nett, thyssenkrupp issostni li, fil-punti 58 sa 63 tas-sentenza appellata, li jikkonċernaw id-definizzjoni ta' ċerti swieq inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx evalwazzjoni ta' ċerti premessi tad-Deċiżjoni kontenzjuża, iżda sempliċement irriproduċiet, diversi drabi, dawn tal-aħħar. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali la eżaminat jekk ir-raġunament tal-Kummissjoni kienx korrett u lanqas ma mmotivat din l-assenza ta' evalwazzjoni.

50 It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali, billi ċaħdet, fil-punti 80 sa 85 tas-sentenza appellata, l-argument ta' thyssenkrupp li permezz tiegħu hija riedet turi li l-Kummissjoni kellha tapplika t-test "Small but Significant and Non-transitory Increase in Price (SSNIP)", li huwa test ibbażat fuq żieda żgħira iżda sinjifikattiva u mhux tranżitorja tal-prezzijiet (iktar 'il quddiem it-"test SSNIP"), sabiex tevalwa s-sostitwibbiltà min-naħa tal-offerta fis-swieq tal-HDG, ma eżaminatx l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar dan il-punt, iżda sempliċement tennietha.

51 It-tielet nett, fil-punti 186 sa 189 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali sempliċement ġabret fil-qosor il-motivi tal-Kummissjoni li jinsabu fid-Deċiżjoni kontenzjuża, mingħajr ma wettqet l-evalwazzjoni tagħha stess, u dan wassalha sabiex tikkunsidra b'mod żbaljat li kienet teżisti sensiela ta' provi li juru li l-konstatazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni kienu validi u li din l-istituzzjoni kienet impliċitament ħadet inkunsiderazzjoni l-oġġezzjonijiet ta' thyssenkrupp.

52 Ir-raba' nett, thyssenkrupp tqis li, fil-punti 279 u 283 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali qieset b'mod żbaljat li l-Kummissjoni la kienet obbligata tevalwa l-provi ekonomiċi li kienu ġew prodotti quddiemha u lanqas li tipprova t-teorija tagħha ta' effett ħażin fuq il-kompetizzjoni. thyssenkrupp issostni li, fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, meta qieset, fil-punt 279 tas-sentenza appellata, li l-provi ekonomiċi speċifiċi u disponibbli tal-effetti prospettivi tal-konċentrazzjoni ppjanata setgħu jiġu injorati. Il-Qorti Ġenerali ma tistax tikkunsidra li, fid-dawl tal-prinċipju tal-libertà tal-prova fid-dritt tal-Unjoni, l-assenza ta' studji ekonomiċi li jistabbilixxu l-iżvilupp probabbli tas-sitwazzjoni fis-suq inkwistjoni u li jindikaw l-eżistenza ta' inċentiv għall-atturi tas-suq kif ukoll għall-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni sabiex jaġixxu b'mod partikolari ma hijiex fiha nnifisha deċiżiva.

53 Dan ikun ukoll il-każ anki f'sitwazzjoni fejn l-interess kummerċjali ta' impriża għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi vverifikat jekk dan l-interess ixaqlibx b'mod predominanti favur aġir partikolari. Fil-fatt, "l-interess kummerċjali ta' impriża" jikkostitwixxi fih innifsu kwistjoni fundamentalment ekonomika, li teħtieġ l-analiżi ta' provi ekonomiċi u l-Qorti Ġenerali ma tistax tissepara din il-kwistjoni purament ekonomika mill-eżami tal-provi ekonomiċi disponibbli. Barra minn hekk, l-insuffiċjenzi tal-provi ekonomiċi fl-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Qorti Ġenerali jikkostitwixxu żnaturament tal-provi mwettqa mill-Kummissjoni u mill-Qorti Ġenerali rispettivament.

54 Il-ħames nett, skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx stħarriġ sħiħ tad-Deċiżjoni kontenzjuża peress li, kif jirriżulta mill-punti 279 sa 290 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali sempliċement eżaminat kwistjonijiet preċiżi.

55 Sussidjarjament, thyssenkrupp issostni li, fil-punti kollha tas-sentenza appellata ċċitati fit-tabella li hija ppreżentat, il-Qorti Ġenerali kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

56 Il-Kummissjoni tikkontesta kemm l-ammissibbiltà kif ukoll il-fondatezza tal-argumenti ta' thyssenkrupp.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

57 Fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-argumenti ta' thyssenkrupp imressqa b'mod skematiku f'tabella li tindika l-punti tas-sentenza appellata, il-kategoriji ta' żbalji rispettivi kif ukoll is-suġġett ikkonċernat minn kull żball allegat, għandu jitfakkar li, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u mill-Artikolu 168(1)(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkritikati tas-sentenza li tagħha jintalab l-annullament kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku din it-talba, taħt piena ta' inammissibbiltà tal-appell jew tal-aggravju kkonċernat (sentenza tat-28 ta' Settembru 2023, QI *et* vs Il-Kummissjoni u BĊE, C-262/22 P, EU:C:2023:714, punt 71).

58 B'mod partikolari, aggravju li l-argument tiegħu ma huwiex suffiċjentement ċar u preċiż sabiex jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-istħarriġ tagħha tal-legalità ma jissodisfax dawn ir-rekwiżiti u għandu jiġi ddikjarat inammissibbli, b'mod partikolari għaliex l-elementi essenzjali li fuqhom huwa bbażat l-aggravju ma jirriżultawx b'mod suffiċjentement koerenti u li jinftiehem mit-test ta' dan l-appell, li huwa fformulat b'mod oskur u ambigwu f'dan ir-rigward. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li għandu jiġi miċħud bħala manifestament inammissibbli appell li ma jkollux struttura koerenti, li jkun limitat għal dikjarazzjonijiet ġenerali u li ma jinkludix indikazzjonijiet preċiżi marbuta mal-punti tad-deċiżjoni kkontestata li huma possibbilment ivvizzjati bi żball ta' liġi (sentenza tat-28 ta' Settembru 2023, QI *et* vs Il-Kummissjoni u BĊE, C-262/22 P, EU:C:2023:714, punt 72).

59 Issa, għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, għalkemm, fit-tabella tagħha, thyssenkrupp tidentifika bi preċiżjoni l-punti tas-sentenza appellata li hija tixtieq tikkritika permezz tal-ewwel aggravju tagħha, hija ma tesponix b'mod preċiż u speċifiku l-iżbalji ta' liġi li l-Qorti Ġenerali allegatament wettqet f'dawn il-punti.

60 Is-sempliċi dikjarazzjoni astratta u skematika ta' iktar minn sebgħin punt tas-sentenza appellata, tal-kategoriji ta' żbalji rispettivi kif ukoll tas-suġġett ikkonċernat minn kull żball allegat ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 57 u 58 ta' din is-sentenza. Konsegwentement, l-ilmenti kollha li ma humiex sostnuti b'mod speċifiku minn argumenti legali għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli.

61 Huma biss il-ħames ilmenti li għalihom thyssenkrupp indikat b'mod preċiż l-elementi kkritikati tas-sentenza appellata u ressqet argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku l-allegazzjonijiet tagħha li jistgħu għalhekk jitqiesu li huma ammissibbli.

62 Fir-rigward tal-fondatezza tal-ewwel ilment invokat minn thyssenkrupp, li permezz tiegħu hija ssostni li, fil-punti 58 sa 63 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx l-evalwazzjoni tagħha stess tal-argumenti ta' thyssenkrupp, iżda sempliċement irriproduċiet, diversi drabi, ċerti premessi tad-Deċiżjoni kontenzjuża, mingħajr ma mmotivat din l-assenza ta' evalwazzjoni, għandu jiġi kkonstatat li dan l-ilment huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata.

63 Fil-punti 58 sa 70 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-argument ta' thyssenkrupp li permezz tiegħu din il-kumpannija kkontestat il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni li, minn naħa, "l-EEG u l-HDG probabbilment jikkostitwixxu swieq distinti" u, min-naħa l-oħra, "ir-riżultat tal-evalwazzjoni mill-perspettiva tal-kompetizzjoni huwa l-istess, kemm jekk jitqies li jeżisti suq distint għall-HDG jew suq globali tal-azzar iggalvanizzat (HDG + EG)". Kif jirriżulta mill-punt 52

tal-imsemmija sentenza, li ma huwiex ikkontestat minn thyssenkrupp, din il-kumpannija kienet sostniet quddiem il-Qorti Ġenerali li dawn il-konstatazzjonijiet huma żbaljati għal tliet raġunijiet. L-ewwel nett, il-kompetituri għandhom kapaċitajiet kbar ta' riżerva għall-EG, li l-inklużjoni tiegħu jnaqqas l-ishma tal-kapaċità tal-partijiet fil-konċentrazzjoni. It-tieni nett, tali inklużjoni kienet turi li l-kapaċitajiet ta' riżerva ma humiex dgħajfa u ma jinsabux, wara l-konċentrazzjoni, fil-parti l-kbira f'idejn AM u l-partijiet fil-konċentrazzjoni proposta. It-tielet nett, xejn ma jiġġustifika li l-EG ma jiġix inkluż fis-suq inkwistjoni tal-Auto HDG.

64 Għalkemm, fl-evalwazzjoni tagħha ta' dawn l-argumenti, il-Qorti Ġenerali rreferiet għal ċerti premessi tad-Deċiżjoni kontenzjuża, xorta jibqa' l-fatt li hija għamlet dan fil-kuntest tal-eżami tagħha stess ta' dik id-deċiżjoni u tal-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni li jinsabu fiha.

65 L-ewwel nett, fil-punti 58 u 59 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li l-konklużjoni tal-Kummissjoni, li tinsab fil-premessa 132 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li ma kienx neċessarju li jiġi ddeterminat jekk l-HDG u l-EG kinux jikkostitwixxu swieq ta' prodotti distinti minn xulxin jew jekk kienx jeżisti suq globali tal-azzar iggalvanizzat, kienet ibbażata fuq żewġ fatti, esposti fil-premessi 133 sa 136 ta' dik id-deċiżjoni. Minn naħa, il-Kummissjoni rrilevat li TSE ma kinitx preżenti fis-suq tal-EG. Min-naħa l-oħra, dik l-istituzzjoni kkunsidrat li l-inklużjoni tal-EG fl-istess suq bħall-HDG żiedet il-parti kkombinata ta' dan is-suq li kellhom il-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata. Madankollu, minħabba l-volum żgħir tal-EG meta mqabbel mal-HDG u l-parti żgħira tal-azzar iggalvanizzat li kien jirrappreżenta, ir-riżultat tal-evalwazzjoni tal-kompetizzjoni probabbilment kien ikun l-istess. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li dawn il-motivi ma kinux ġew ikkontestati minn thyssenkrupp. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 59 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata talli ma ġġustifikatx il-konklużjoni tagħha msemmija fil-premessa 132 tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

66 It-tieni nett, mill-punti 60 sa 62 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali eżaminat l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sostitwibbiltà bejn l-HDG u l-EG. Fil-fatt, fil-punt 60 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li "ma tistax isseħħ sostitwibbiltà bejn l-HDG u l-EG, min-naħa tal-offerta, peress li, kif jirriżulta mill-premessa 138 tad-Deċiżjoni [kontenzjuża], li ssemmi dokument intern ta' TSE, li ma ġiex ikkontestat minn [thyssenkrupp], il-proċessi ta' produzzjoni tal-HDG u tal-EG huma differenti, u li ma hemmx dubju li t-tagħmir użat għall-produzzjoni ta' wieħed ma jistax jintuża għall-produzzjoni tal-ieħor. Għalhekk, kif tindika l-premessa 144 ta' din id-deċiżjoni, min-naħa tal-offerta, ma huwiex suffiċjentement rapidu u ekonomiku li wieħed jaqleb mill-HDG għall-EG".

67 Fir-rigward tas-sostitwibbiltà, min-naħa tad-domanda, bejn l-HDG u l-EG, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq il-premessi 137 u 144 tad-Deċiżjoni kontenzjuża sabiex tiddeduċi, fil-punt 61 tas-sentenza appellata li, anki jekk jiġi preżunt li s-sostitwibbiltà bejn l-HDG u l-EG, li hija possibbli biss f'sens wieħed, jiġifieri dak tal-EG lejn l-HDG, tista' tiġġustifika li titwessa' d-definizzjoni tas-suq rilevanti, xorta baqa' l-fatt li l-kapaċità kollha ta' riżerva disponibbli għall-EG ma setgħetx tintuża sabiex tissodisfa d-domanda tal-klijenti tal-HDG.

68 Huwa abbażi ta' dawn ir-raġunijiet, li ma ġewx ikkontestati speċifikament minn thyssenkrupp, li l-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 62 tas-sentenza appellata, li t-teħid inkunsiderazzjoni possibbli tal-kapaċitajiet ta' riżerva għall-EG ma kien ikollha l-ebda effett fuq il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li tinsab fil-premessa 132 tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

69 It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 63 tas-sentenza appellata, li thyssenkrupp ma kinitx issostanzjat l-allegazzjoni tagħha li l-kompetituri tal-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata minbarra AM kellhom kapaċitajiet ta' riżerva sinjifikattivi għall-EG.

70 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li ma wettqitx l-evalwazzjoni tagħha stess tar-raġunament tal-Kummissjoni u li kkuntentat ruħha li tiċċita ċerti premessi tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

71 Għaldaqstant, l-ewwel mill-ħames ilmenti speċifiċi mqajma fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

72 Permezz tat-tieni lment tagħha, thyssenkrupp issostni, essenzjalment, li, billi ċaħdet, fil-punti 80 sa 85 tas-sentenza appellata, l-argument tagħha intiż sabiex juri li l-Kummissjoni kellha tapplika t-test SSNIP sabiex tevalwa s-sostitwibbiltà min-naħa tal-offerta fis-swieq tal-HDG, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx l-evalwazzjoni tagħha stess tal-argumenti ta' thyssenkrupp, iżda sempliċement tenniet l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni.

73 Issa, għandu jiġi kkonstatat li dan l-ilment huwa bbażat ukoll fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata u, b'mod partikolari, tal-punti 74 sa 85 ta' dik is-sentenza.

74 Mill-punti 74 sa 76 tal-imsemmija sentenza jirriżulta li, wara li tfakkar il-kontenut tal-paragrafu 15 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti għall-għanijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 155, iktar 'il quddiem il-"Komunikazzjoni dwar id-definizzjoni tas-suq"), il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni ma hija marbuta minn ebda test sabiex tiddetermina l-possibbiltà ta' sostitwibbiltà tal-prodotti kkonċernati u li hija żżomm id-dritt li tagħżel, minn fost il-provi li jippermettu li jiġi evalwat sa liema punt tista' ssir is-sostituzzjoni, dawk li hija tqis l-iktar xierqa f'kull każ. Il-Qorti Ġenerali għalhekk ikkunsidrat li dik l-istituzzjoni ma kinitx obbligata tapplika t-test SSNIP.

75 Fil-punt 78 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali rrilevat li d-definizzjoni tas-"suq rilevanti" ma kinitx teħtieġ li l-Kummissjoni ssegwi ordni ġerarkika riġida tad-diversi sorsi ta' informazzjoni jew tad-diversi tipi ta' provi, iżda li, min-naħa l-oħra, hija kienet obbligata twettaq evalwazzjoni globali u setgħet tieħu inkunsiderazzjoni diversi provi.

76 F'dan il-kuntest, għandu jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għal dak li ssostni thyssenkrupp, fil-punti 79 sa 84 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kienet wettqet l-eżami tagħha tal-argumenti ta' din il-kumpannija sabiex tivverifika jekk u kif il-Kummissjoni eżaminat il-livell ta' sostitwibbiltà min-naħa tal-offerta fir-rigward tal-Auto HDG, inkluż fir-rigward tal-kapaċità ta' produzzjoni ta' HDG attwalment użata għall-klijenti barra mill-industrija tal-karozzi.

77 Fi tmiem dak l-eżami, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 85 ta' dik is-sentenza, li l-Kummissjoni ma kienet wettqet l-ebda żball meta bbażat il-konklużjonijiet tagħha dwar id-definizzjoni ta' suq distint ta' Auto HDG fuq l-evalwazzjoni tagħha tal-provi miġbura, mingħajr ma rrikorriet għat-test SSNIP, b'tali mod li t-tieni lment imqajjem minn thyssenkrupp fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel motiv quddiem il-Qorti Ġenerali kellu jiġi miċħud.

78 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li ma wettqitx l-evalwazzjoni tagħha stess tal-argumenti ta' thyssenkrupp u li sempliċement tenniet l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni. It-tieni mill-ħames ilmenti speċifiċi mqajma fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandu għalhekk jiġi miċħud bħala infondat.

79 Permezz tat-tielet ilment tagħha, thyssenkrupp issostni li, fil-punti 186 sa 189 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali llimitat ruħha li tirriproduċi l-motivi tal-Kummissjoni li jinsabu fid-Deċiżjoni kontenzjuża, mingħajr ma wettqet l-evalwazzjoni tagħha stess tal-argumenti mressqa quddiemha, u dan wassalha sabiex tikkunsidra b'mod żbaljat li kienet teżisti sensiela ta' provi msemmija f'dik id-deċiżjoni li juru li l-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni kienu validi u li din kienet impliċitament ħadet inkunsiderazzjoni l-oġġezzjonijiet ifformulati minn thyssenkrupp.

80 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, f'dawn il-punti 186 sa 189, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-argument ta' thyssenkrupp li jgħid li, fil-kuntest tal-interpretazzjoni tagħha ta' ċerti dokumenti interni ta' thyssenkrupp u ta' TSE, il-Kummissjoni ma kinitx ħadet inkunsiderazzjoni l-ispjegazzjonijiet ipprovduti minn dawn il-kumpanniji matul il-proċedura amministrattiva li kienu wrew li dawn id-dokumenti ma kinux xierqa sabiex jipprovaw limitazzjoni tal-portata ġeografika tas-swieq tal-Auto HDG u tal-azzar intiż għall-imballaġġ għaż-ŻEE.

81 Issa, kuntrarjament għal dak li ssostni thyssenkrupp, il-Qorti Ġenerali esponiet ir-raġunijiet li għalihom hija qieset li l-argument ta' din il-kumpannija, imsemmi fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza, ma jistax jintlaqa'.

82 Fil-fatt, meta wettqet eżami ddettaljat ta' dik id-deċiżjoni, il-Qorti Ġenerali qieset, qabelxejn, fil-punt 186 tas-sentenza appellata, li l-elementi meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni kienu jikkostitwixxu mhux biss dokumenti interni tal-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata, iżda wkoll dikjarazzjonijiet tal-kompetituri miġbura matul l-investigazzjoni mwettqa minn dik l-istituzzjoni.

83 Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 187 tas-sentenza appellata, li thyssenkrupp ma kinitx uriet li l-Kummissjoni kienet interpretat b'mod manifestament kuntrarju l-formulazzjoni tad-dokumenti interni tal-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata.

84 Barra minn hekk, fil-punt 188 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali wettqet l-eżami tagħha stess tal-argument ta' thyssenkrupp dwar l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-imsemmija dokumenti u kkonstatat li l-ispjegazzjonijiet ta' din il-kumpannija ma kinux suffiċjentement konvinċenti sabiex iċaħħdu mill-plawżibbiltà l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni li jinsabu fil-premessi 351 sa 361 tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

85 Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 189 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata talli injorat l-argumenti tal-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata, peress li dik l-istituzzjoni kienet wieġbet impliċitament, iżda neċessarjament, għal dan l-argument billi kkunsidrat li l-ispjegazzjonijiet ipprovduti minn thyssenkrupp u TSE ma kinux kapaċi jbiddlu l-evalwazzjoni li hija kienet adottat fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

86 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li ma wettqitx l-evalwazzjoni tagħha stess tal-argumenti ta' thyssenkrupp u li sempliċement tenniet il-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni.

87 It-tielet mill-ħames ilmenti speċifiċi mqajma fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandu għalhekk jiġi miċħud bħala infondat.

88 Permezz tar-raba' lment tagħha, thyssenkrupp issostni li, fil-punti 279 u 283 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat li l-Kummissjoni la kienet obbligata tevalwa l-provi ekonomiċi li kienu ġew ippreżentati lilha u lanqas li tipprova t-teorija ta' effett ħażin fuq il-kompetizzjoni li fuqha dik l-istituzzjoni bbażat ruħha sabiex tipprojbixxi l-konċentrazzjoni

ppjanata. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat, fil-punt 279 tas-sentenza appellata, li l-provi ekonomiċi speċifiċi u disponibbli tal-effetti prospettivi tal-konċentrazzjoni ppjanata setgħu jiġu injorati. Barra minn hekk, thyssenkrupp tqis li l-insuffiċjenzi tal-provi ekonomiċi fl-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Qorti Ġenerali jikkostitwixxu żnaturament tal-provi mwettqa mill-Kummissjoni u mill-Qorti Ġenerali.

89 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li dan l-ilment huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata u huwa, fi kwalunkwe każ, infondat.

90 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punt 277 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni kellha tibbaża ruħha fuq provi affidabbli u koerenti u li dawn l-elementi kollha kellhom jikkostitwixxu d-data rilevanti kollha li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa.

91 Fil-punt 278 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali rrilevat ukoll li l-kontroll ta' konċentrazzjonijiet mill-Kummissjoni kien jeħtieġ analiżi prospettiva li kienet tikkonsisti f'eżami ta' kif tali konċentrazzjoni setgħet tbiddel il-fatturi li jiddeterminaw l-istat tal-kompetizzjoni f'suq partikolari u, għaldaqstant, tikkostitwixxi tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva. Hija ppreċiżat li din l-analiżi prospettiva kienet teħtieġ li jiġu immaġinati d-diversi sekwenzi ta' kawża u ta' effett sabiex tiġi kkunsidrata dik li kienet l-iktar probabbli.

92 Barra minn hekk, fil-punt 279 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li "[kienet] il-Kummissjoni li għandha tipproduċi provi sodi dwar il-probabbiltà ta' dawn is-sekwenzi. F'ċerti każijiet, dawn il-provi [setgħu] jkunu kkostitwiti minn studji ekonomiċi li jistabbilixxu l-iżvilupp probabbli tas-sitwazzjoni fis-suq inkwistjoni u li jindikaw l-eżistenza ta' inċentiv għall-atturi tas-suq kif ukoll għall-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni sabiex jaġixxu b'mod partikolari. Madankollu, fid-dawl tal-prinċipju tal-libertà tal-prova fid-dritt tal-Unjoni, l-assenza ta' dan it-tip ta' prova ma [kinitx] fiha nnifisha deċiżiva. B'mod partikolari, f'sitwazzjoni fejn [kien] ċar li l-interess kummerċjali ta' impriża [kien] ixaqleb b'mod predominanti favur aġir partikolari, il-Kummissjoni ma [wettqitx] żball manifest ta' evalwazzjoni meta tikkunsidra li [kien] probabbli li l-atturi tas-suq jew l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni realment jadottaw l-aġir previst. F'każ bħal dan, is-sempliċi realtajiet ekonomiċi u kummerċjali tal-każ inkwistjoni [setgħu] jikkostitwixxu tali provi sodi."

93 Huwa fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet li l-Qorti Ġenerali eżaminat l-ilment invokat minn thyssenkrupp, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-inċentiv ta' AM sabiex teżerċita restrizzjoni fuq żieda fil-prezzijiet wara l-konċentrazzjoni ppjanata.

94 B'hekk, fil-punt 283 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, "sabiex jiġi ddeterminat l-iżvilupp probabbli tas-sitwazzjoni fis-suq inkwistjoni u sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' inċentiv għall-atturi tas-suq jew għall-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni sabiex jaġixxu b'mod partikolari, il-Kummissjoni ma [kinitx] obbligata tibbaża ruħha fuq studji ekonomiċi sofistikati". Hija qieset li hija "[setgħet] tibbaża ruħha fuq kunsiderazzjonijiet dwar jekk dawn l-atturi jew din l-entità realment jadottawx l-aġir previst, meta [kien] ċar li l-interess kummerċjali ta' impriża [kien] ixaqleb b'mod predominanti favur aġir partikolari, li hija ħaġa li hija wriet f'dan il-każ". Hija kkunsidrat li minn dan kien isegwi "li l-Kummissjoni setgħet, b'mod partikolari, tibbaża ruħha f'dan ir-rigward fuq is-sempliċi realtajiet ekonomiċi u kummerċjali f'dan il-każ".

95 Issa, għandu jiġi kkonstatat li mill-punti msemmija iktar ’il fuq tas-sentenza appellata bl-ebda mod ma jirriżulta li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni la kienet obbligata tevalwa l-provi ekonomiċi li kienu ġew prodotti lilha mill-partijiet ikkonċernati u lanqas li tipprova t-teorija tagħha ta’ effett ħażin fuq il-kompetizzjoni.

96 Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali enfasizzat, fil-punti 279 u 280 ta’ dik is-sentenza, li kienet il-Kummissjoni li kellha tipproduċi provi sodi sabiex turi li konċentrazzjoni setgħet tostakola b’mod sinjifikattiv il-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f’parti sostanzjali minnu.

97 Huwa minnu li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat, essenzjalment, li, sabiex jiġi ddeterminat l-iżvilupp probabbli tas-sitwazzjoni fis-suq ikkonċernat u sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta’ inċentiv għall-atturi tas-suq jew għall-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni sabiex jaġixxu b’mod partikolari, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata tibbaża ruħha neċessarjament fuq studji ekonomiċi sofistikati, b’mod partikolari, f’sitwazzjoni fejn kien jirriżulta manifestament minn provi oħra li l-interess kummerċjali ta’ impriża kien ixaqleb b’mod predominanti favur aġir partikolari.

98 Madankollu, għandu jiġi rrilevat, f’dan ir-rigward, li la mir-Regolament Nru 139/2004 u lanqas mill-ġurisprudenza ma jirriżulta li l-uniċi mezzi ta’ prova aċċettati, sabiex jiġi ddeterminat l-iżvilupp probabbli tas-sitwazzjoni fis-suq ikkonċernat u sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta’ inċentiv għall-atturi tas-suq jew għall-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni sabiex jaġixxu b’mod partikolari, huma l-istudji ekonomiċi.

99 Fil-fatt, għandu jitfakkar li l-prinċipju li jipprevali fid-dritt tal-Unjoni huwa dak tal-amministrazzjoni libera tal-provi (sentenza tal-10 ta’ Settembru 2020, Hamas vs Il-Kunsill, C-386/19 P, EU:C:2020:691, punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata), b’tali mod li l-Kummissjoni, bħala prinċipju, għandha l-possibbiltà li tinvoka mezzi ta’ prova ta’ kull natura, li ma jeskludix ir-rekwiżit li jirriżulta mill-ġurisprudenza li l-provi għandhom ikunu suffiċjentement sinjifikattivi, konkordanti, affidabbli, koerenti u materjalment eżatti (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta’ Lulju 2023, Il-Kummissjoni vs CK Telecoms UK Investments, C-376/20 P, EU:C:2023:561, punti 75 u 125).

100 F’dan il-każ, il-Qorti Ġenerali rreferiet, fil-punt 277 tas-sentenza appellata, għar-raġunijiet li jinsabu fil-punt 35 ta’ dik is-sentenza, li permezz tagħhom hija fakkret li l-qorti tal-Unjoni għandha tivverifika mhux biss tivverifika l-eżattezza materjali tal-provi invokati, l-affidabbiltà tagħhom u l-koerenza tagħhom, iżda għandha wkoll tistħarreġ jekk dawn il-provi jikkostitwixxux id-data kollha rilevanti li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk humiex ta’ natura li jsostnu l-konklużjonijiet misluta minnha. Huwa b’mod partikolari fid-dawl ta’ dan il-punt 35 li hija wettqet l-evalwazzjonijiet li jinsabu fil-punti 282 u 283 tas-sentenza appellata, billi eżaminat il-provi meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kontenzjuża li, flimkien mad-data ekonomika pprovduta minn thyssenkrupp u TSE sabiex tiġi kkonfutata l-analiżi ekonomika ppreżentata minn dawn tal-aħħar matul il-proċedura amministrattiva.

101 F’dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jitqies li l-Qorti Ġenerali wettqet l-iżball ta’ liġi li bih hija ġiet ikkritikata fir-rigward tal-punti 279 u 283 tas-sentenza appellata.

102 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument ibbażat fuq allegat żnaturament fl-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali, għandu jitfakkar li mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll

mill-Artikolu 168(1)(d) u mill-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkritikati tas-sentenza li jkun qiegħed jintalab l-annullament tagħha, kif ukoll l-argumenti legali mqajma speċifikament insostenn ta' din it-talba. Għalhekk, meta appellant jallega żnaturament tal-provi mill-Qorti Ġenerali, huwa għandu jindika b'mod preċiż il-provi li allegatament ġew żnaturati minnha u juri l-iżbalji ta' analiżi li, fl-evalwazzjoni tiegħu, allegatament wasslu lill-Qorti Ġenerali għal dan l-iżnaturament (sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Staatliche Porzellan-Manufaktur Meissen vs EUIPO, C-471/16 P, EU:C:2017:602, punt 34).

103 Issa, bl-argument tagħha, thyssenkrupp ma tidentifikax b'mod preċiż il-provi li ġew żnaturati mill-Qorti Ġenerali.

104 Għaldaqstant, dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

105 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-raba' mill-ħames ilmenti speċifiċi mqajma fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment infondat u bħala parzjalment inammissibbli.

106 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-ħames u l-aħħar ilment ta' thyssenkrupp, li permezz tiegħu din il-kumpannija ssostni li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx stħarriġ sħiħ tad-Deċiżjoni kontenzjuża, peress li, fil-punti 279 sa 290 tas-sentenza appellata, hija sempliċement eżaminat kwistjonijiet preċiżi, għandu jitfakkar li mir-regoli li jirregolaw il-proċedura quddiem il-qrati tal-Unjoni, b'mod partikolari mill-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 76 u mill-Artikolu 84(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, jirriżulta li t-tilwima hija, bħala prinċipju, iddeterminata u limitata mill-partijiet u li l-qorti tal-Unjoni ma tistax tiddeċiedi *ultra petita* (sentenza tat-13 ta' Lulju 2023, Il-Kummissjoni vs CK Telecoms UK Investments, C-376/20 P, EU:C:2023:561, punt 324).

107 Għalkemm ċerti motivi jistgħu, jew saħansitra għandhom, jitqajmu *ex officio*, bħal nuqqas jew insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni, li jaqa' taħt ir-rekwiżiti formali essenzjali, motiv ibbażat fuq il-legalità sostantiva tal-imsemmija deċiżjoni, li jaqa' taħt il-ksur tat-trattati jew ta' kwalunkwe dispożizzjoni legali oħra marbuta mal-applikazzjoni tagħhom, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, jista', min-naħa l-oħra, jiġi eżaminat mill-qorti tal-Unjoni biss jekk jiġi invokat mir-rikorrent (sentenza tat-13 ta' Lulju 2023, Il-Kummissjoni vs CK Telecoms UK Investments, C-376/20 P, EU:C:2023:561, punt 325).

108 Għalhekk, l-istħarriġ ġudizzjarju li l-Qorti Ġenerali tista' teżerċita huwa, bħala prinċipju, strettament marbut mal-motivi speċifiċi mressqa fir-rikors fl-ewwel istanza.

109 Il-ħames mill-ħames ilmenti speċifiċi mqajma fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandu għalhekk jiġi miċħud bħala infondat.

110 Barra minn hekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-allegazzjoni ta' thyssenkrupp, imqajma sussidjarjament, li l-Qorti Ġenerali, fir-rigward ta' dawn il-ħames ilmenti speċifiċi, kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha għandha wkoll tiġi miċħuda.

111 Għaldaqstant, l-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment infondata u bħala parzjalment inammissibbli.

Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju

– *L-argumenti tal-partijiet*

112 Permezz tal-ewwel ilment tagħha, thyssenkrupp issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi sa fejn ma kkonstatatx li, sabiex turi ostakolu sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, il-Kummissjoni kellha twettaq eżami f'żewġ stadji, fis-sens tal-punt 51 tas-sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala (C-413/06 P, EU:C:2008:392), kif ukoll tal-punti 113 *et seq*. tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Mejju 2020, CK Telecoms UK Investments vs Il-Kummissjoni (T-399/16, EU:T:2020:217).

113 Dan l-eżami jimplika, fl-ewwel lok, li ssir evalwazzjoni tal-aġir futur li ser jiġi adottat mill-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni u mill-operaturi l-oħra wara din il-konċentrazzjoni, permezz tal-evalwazzjoni tal-iżvilupp ekonomiku attribwibbli għall-imsemmija konċentrazzjoni li huwa l-iktar probabbli.

114 Fit-tieni lok, l-imsemmi eżami f'żewġ stadji jimplika li ssir, permezz ta' analiżi prospettiva tas-suq ta' referenza, evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk dan l-aġir futur probabbilment iwassalx għal sitwazzjoni li fiha l-kompetizzjoni effettiva fis-suq inkwistjoni tiġi ostakolata b'mod sinjifikattiv.

115 Permezz tat-tieni lment tagħha, thyssenkrupp issostni li, b'mod partikolari fil-punti 270 sa 290, 304, 432 u 433, 448 sa 453, 540 sa 544, 551, 570, 613, 633, 737 u 754 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata turi bi "probabbiltà serja" l-eżistenza possibbli, f'dan il-każ, ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.

116 Issa, mill-punt 118 tas-sentenza tat-28 ta' Mejju 2020, CK Telecoms UK Investments vs Il-Kummissjoni (T-399/16, EU:T:2020:217) jirriżulta li l-Kummissjoni hija obbligata turi bi "probabbiltà serja" l-eżistenza ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva wara konċentrazzjoni u li r-rekwiżit ta' prova applikabbli għal dik l-istituzzjoni huwa, konsegwentement, iktar strett minn dak li bih tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva jkun "iktar probabbli milli improbabbli".

117 Skont thyssenkrupp, l-applikazzjoni ta' livell ta' prova inqas eżiġenti, bħal dak applikat mill-Qorti Ġenerali f'din il-kawża, twassal b'mod żbaljat għal inverżjoni tal-oneru tal-prova, peress li l-parti li qiegħda tinnotifika tkun obbligata tipprova bi "probabbiltà serja" l-assenza ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.

118 Barra minn hekk, thyssenkrupp tqis li, billi ma talbitx lill-Kummissjoni turi bi "probabbiltà serja" li l-konċentrazzjoni ppjanata ser twassal għal ostakolu sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva fis-suq intern, il-Qorti Ġenerali aċċettat li l-Kummissjoni setgħet tibbaża ruħha fuq preżunzjoni ġenerali tal-eżistenza ta' tali ostakolu.

119 Il-Kummissjoni tikkontesta kemm l-ammissibbiltà kif ukoll il-fondatezza tal-argumenti ta' thyssenkrupp.

120 Fir-replika tagħha, thyssenkruppp tippreċiża li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, it-tieni parti tal-ewwel aggravju hija ammissibbli peress li l-lakuni tal-analiżi tal-konċentrazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ħtieġa li jitwettaq eżami f'żewġ stadji kienu diġà ġew invokati fl-ewwel istanza, kif jirriżulta mill-punti 14 *et seq*., 26 *et seq*., 58 *et seq*., 63, 69, 72 *et seq*., 128, 135, 139 u 153 tar-rikors fl-ewwel istanza.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

121 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-ammissibbiltà tal-ewwel ilment tat-tieni parti tal-ewwel aggravju ta' thyssenkrupp, minkejja li din il-kumpannija ssostni li hija enfasizzat diversi drabi quddiem il-Qorti Ġenerali li l-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-Auto HDG u l-azzar intiż għall-imballaġġ kienu vvizzjati bi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u ta' liġi, l-imsemmija kumpannija ma wrietx li hija kienet qajmet fl-ewwel istanza motivi speċifiċi li jikkonċernaw, minn naħa, l-allegat obbligu tal-Kummissjoni u tal-Qorti Ġenerali li jwettqu eżami f'żewġ stadji, fis-sens tal-punt 51 tas-sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala (C-413/06 P, EU:C:2008:392), kif ukoll tal-punti 113 *et seq*. tas-sentenza tat-28 ta' Mejju 2020, CK Telecoms UK Investments vs Il-Kummissjoni (T-399/16, EU:T:2020:217).

122 L-ebda wieħed mill-punti tar-rikors fl-ewwel istanza li tirreferi għalihom thyssenkrupp, sabiex turi li hija kienet qajmet l-ilmenti msemmija fil-punt preċedenti quddiem il-Qorti Ġenerali, ma jinkludi tali motivi jew tali argumenti speċifiċi.

123 Issa, huwa biżżejjed li jitfakkar, f'dan ir-rigward, li, skont l-Artikolu 170(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-appell ma jistax ibiddel is-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-appell hija fil-fatt limitata għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li ngħatat għall-motivi dibattuti quddiem l-ewwel istanza. Għaldaqstant, parti ma tistax tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja motiv li hija ma qajmitx quddiem il-Qorti Ġenerali, peress li dan ikun ifisser li din il-parti titħalla tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-ġurisdizzjoni tagħha fil-qasam ta' appell hija limitata, tilwima iktar estiża minn dik li tressqet quddiem il-Qorti Ġenerali (sentenza tal-25 ta' Marzu 2021, Slovak Telekom vs Il-Kummissjoni, C-165/19 P, EU:C:2021:239, punti 98 u 99 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

124 Peress li l-ewwel ilment tat-tieni parti tal-ewwel aggravju ma ġiex ifformulat mill-appellanti quddiem il-Qorti Ġenerali, dan għandu jiġi miċħud bħala manifestament inammissibbli.

125 Fir-rigward tal-ammissibbiltà tat-tieni lment tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, ibbażat fuq ir-rekwiżiti ta' prova li għandha l-Kummissjoni meta hija jkollha tipprova l-eżistenza ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 139/2004, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-allegat nuqqas ta' osservanza tar-regoli applikabbli fil-qasam tal-provi jikkostitwixxi kwistjoni ta' liġi li hija ammissibbli fl-istadju tal-appell (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-28 ta' Novembru 2019, ABB vs Il-Kummissjoni, C-593/18 P, EU:C:2019:1027, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata). Issa, kif tfakkar fil-punt 115 ta' din is-sentenza, thyssenkrupp tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli kkunsidrat li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata turi bi "probabbiltà serja" l-eżistenza possibbli ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li t-tieni lment tat-tieni parti tal-ewwel aggravju huwa ammissibbli.

126 Fir-rigward tal-fondatezza tagħha, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-argument ta' thyssenkrupp huwa bbażat fuq il-premessa li mill-punt 118 tas-sentenza tat-28 ta' Mejju 2020, CK Telecoms UK Investments vs Il-Kummissjoni (T-399/16, EU:T:2020:217) jirriżulta li l-Kummissjoni hija obbligata turi bi "probabbiltà serja" l-eżistenza ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva wara konċentrazzjoni u li r-rekwiżit ta' prova applikabbli għal dik l-istituzzjoni huwa, konsegwentement, iktar strett minn dak li bih ostakolu sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva jkun "iktar probabbli milli improbabbli".

127 Issa, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 87 u 88 tas-sentenza tagħha tat-13 ta' Lulju 2023, Il-Kummissjoni vs CK Telecoms UK Investments (C-376/20 P, EU:C:2023:561), din il-premessa hija żbaljata. Fil-fatt, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-istruttura simetrika tal-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament Nru 139/2004 u tan-natura prospettiva tal-analiżijiet ekonomiċi tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, hemm lok li jiġi kkunsidrat li, sabiex jiġi ddikjarat li konċentrazzjoni hija inkompatibbli jew kompatibbli mas-suq intern, huwa biżżejjed li l-Kummissjoni turi, permezz ta' elementi suffiċjentement sinjifikattivi u konkordanti, li huwa iktar probabbli milli improbabbli li l-konċentrazzjoni kkonċernata tfixkel jew le b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu.

128 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tieni lment tat-tieni parti tal-ewwel aggravju huwa infondat.

129 Minn dan isegwi li t-tieni parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment manifestament inammissibbli u bħala parzjalment infondata.

Fuq it-tieni aggravju

Fuq l-ewwel parti tat-tieni aggravju

– *L-argumenti tal-partijiet*

130 thyssenkrupp issostni li, fil-punti 55 sa 71, 74 sa 85, 88 sa 93, 98 sa 107, u 112 sa 114 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet diversi żbalji dwar id-determinazzjoni tas-suq rilevanti f'dan il-każ. Il-Qorti Ġenerali żnaturat ukoll il-provi u/jew kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

131 Fl-ewwel lok, fil-punti 55 sa 57 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat li l-Kummissjoni ma kinitx ibbażat id-Deċiżjoni kontenzjuża fuq l-eżistenza ta' suq distint għall-Auto HDG.

132 Fit-tieni lok, thyssenkrupp issostni, essenzjalment, li l-Kummissjoni kienet wettqet żball manifest meta llimitat ruħha, fil-punti 9.1 sa 9.4 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li twettaq analiżi kompetittiva tal-konċentrazzjoni ppjanata billi bbażat ruħha biss fuq is-suq ta' Auto HDG u mhux ukoll fuq suq usa' li jkopri l-EG u l-HDG. Skont din il-kumpannija, dan l-iżball manifest tal-Kummissjoni kellu jiġi identifikat u kkonstatat mill-Qorti Ġenerali.

133 Fit-tielet u l-aħħar lok, thyssenkrupp issostni li, għall-finijiet tad-determinazzjoni tas-suq rilevanti, il-Qorti Ġenerali imponiet b'mod żbaljat, b'mod partikolari fil-punt 103 tas-sentenza appellata, "rekwiżit ta' sostitwibbiltà perfetta" bejn l-Auto HDG u l-HDG għal applikazzjonijiet li ma humiex għall-karozzi. Il-Qorti Ġenerali wettqet ukoll żball ta' liġi meta ma talbitx lill-Kummissjoni tiddefinixxi l-kriterji tekniċi li abbażi tagħhom ċerti linji ta' produzzjoni tas-suq ta' prodotti

inkwistjoni setgħu jiġu inklużi jew esklużi għall-finijiet tad-determinazzjoni tas-sostitwibbiltà min-naħa tal-offerta. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qalbet l-oneru tal-prova billi eżiġiet li l-partijiet li qegħdin jinnotifikaw juru li ma kien jeżisti l-ebda fattur li seta' jillimita l-possibbiltajiet ta' sostituzzjoni bejn il-produzzjoni ta' Auto HDG u l-HDG għal applikazzjonijiet li ma humiex għall-karozzi.

134 Il-Kummissjoni tikkontesta kemm l-ammissibbiltà kif ukoll il-fondatezza tal-argumenti ta' thyssenkrupp.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

135 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-ammissibbiltà tal-ewwel parti tat-tieni aggravju, li permezz tagħha l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet diversi żbalji dwar id-determinazzjoni tas-suq rilevanti f'dan il-każ, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 57 u 58 ta' din is-sentenza, appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkritikati tas-sentenza li qiegħed jintalab l-annullament tagħha kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku din it-talba, taħt piena ta' inammissibbiltà tal-appell jew tal-aggravju kkonċernat. Aggravju li l-argument tiegħu ma huwiex suffiċjentement ċar u preċiż sabiex jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-istħarriġ tagħha ma jissodisfax dawn ir-rekwiżiti u għandu jiġi ddikjarat inammissibbli, b'mod partikolari għaliex l-elementi essenzjali li fuqhom huwa bbażat l-aggravju ma jirriżultawx b'mod koerenti u li jinftiehem mill-appell. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li għandu jiġi miċħud bħala manifestament inammissibbli appell li ma jkollux struttura koerenti, li jkun limitat għal dikjarazzjonijiet ġenerali u li ma jinkludix indikazzjonijiet preċiżi marbuta mal-punti tad-deċiżjoni kkontestata li huma possibbilment ivvizzjati bi żball ta' liġi.

136 Issa, f'dan il-każ, peress li l-ilmenti fformulati minn thyssenkrupp dwar il-punti tas-sentenza appellata minbarra l-punti 55 sa 57 u 103 ta' dik is-sentenza ma humiex sostnuti minn argumenti legali speċifiċi, dawn għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli. L-istess jgħodd fir-rigward tal-argument li l-Qorti Ġenerali kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

137 Sa fejn thyssenkrupp tikkontesta l-punti 55 sa 57 tas-sentenza appellata wkoll minħabba li, kuntrarjament għall-konstatazzjoni li tinsab fil-premessa 132 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni bbażat ruħha, essenzjalment, fuq l-eżistenza ta' suq distint għall-Auto HDG f'taqsimiet oħra ta' dik id-deċiżjoni, għandu jiġi kkunsidrat li thyssenkrupp tikkontesta l-fondatezza ta' din il-konstatazzjoni u titlob, għaldaqstant, lill-Qorti tal-Ġustizzja twettaq evalwazzjoni ġdida tal-fatti, li huwa inammissibbli fl-istadju tal-appell.

138 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-argument li l-Qorti Ġenerali żnaturat ċerti provi, għandu jitfakkar, kif jirriżulta mill-punt 102 ta' din is-sentenza, li meta appellant jallega żnaturament tal-provi mill-Qorti Ġenerali, huwa għandu jindika b'mod preċiż il-provi li allegatament ġew żnaturati minnha u juri l-iżbalji ta' analiżi li, fil-fehma tiegħu, wasslu lill-Qorti Ġenerali għal dan l-iżnaturament.

139 Issa, bl-argument tagħha, thyssenkrupp ma tidentifikax b'mod preċiż il-provi li ġew żnaturati mill-Qorti Ġenerali.

140 Għaldaqstant, dan l-argument għandu wkoll jiġi miċħud bħala inammissibbli.

141 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-argument ta' thyssenkrupp li, essenzjalment, il-Qorti Ġenerali kellha tidentifika u tikkonstata li l-Kummissjoni kienet wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta llimitat ruħha, fil-punti 9.1 sa 9.4 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li twettaq analiżi kompetittiva tal-konċentrazzjoni ppjanata, billi bbażat ruħha biss fuq is-suq ta' Auto HDG u mhux ukoll fuq suq usa' li jkopri l-EG u l-HDG, għandu jiġi rrilevat li, quddiem il-Qorti Ġenerali, din il-kumpannija sempliċement sostniet li l-konklużjoni tal-Kummissjoni, li r-riżultat tal-evalwazzjoni mill-perspettiva tal-kompetizzjoni kien ikun l-istess għal suq jew ieħor, kienet żbaljata. Kuntrarjament għal dak li kienet sostniet l-imsemmija kumpannija fir-replika tagħha, din il-konstatazzjoni hija kkonfermata mill-punti 14 *et seq*. tar-rikors fl-ewwel istanza, li għalihom hija kienet għamlet riferiment f'dan ir-rigward.

142 Issa, kif ġie rrilevat fil-punt 123 ta' din is-sentenza, skont l-Artikolu 170(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-appell ma jistax ibiddel is-suġġett tat-tilwima quddiem il-Qorti Ġenerali. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-appell, hija fil-fatt limitata għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li ngħatat għall-motivi dibattuti quddiem l-ewwel istanza. Għalhekk parti ma tistax tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja motiv li hija ma tkunx qajmet quddiem il-Qorti Ġenerali, peress li dan ikun ifisser li din il-parti titħalla tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-kompetenza tagħha fil-qasam ta' appell hija limitata, tilwima iktar estiża minn dik li tressqet quddiem il-Qorti Ġenerali.

143 Għaldaqstant, dan l-argument ta' thyssenkrupp għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

144 Fir-raba' u l-aħħar lok, fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-argument ta' thyssenkrupp li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma eżiġietx li l-Kummissjoni tiddefinixxi l-kriterji tekniċi li abbażi tagħhom ċerti linji ta' produzzjoni tas-suq ta' prodotti inkwistjoni jkunu jistgħu jiġu inklużi għall-finijiet tad-determinazzjoni tas-sostitwibbiltà min-naħa tal-offerta, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, peress li thyssenkrupp ma kinitx qajmet tali argument fl-ewwel istanza, dan l-argument għandu wkoll jiġi kklassifikat bħala "motiv ġdid" u, għaldaqstant, għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

145 Fir-rigward tal-fondatezza, l-ewwel nett, tal-argument ta' thyssenkrupp li permezz tiegħu din il-kumpannija tikkritika lill-Qorti Ġenerali li kkonstatat b'mod żbaljat li l-Kummissjoni ma kinitx ibbażat id-Deċiżjoni kontenzjuża fuq l-eżistenza ta' suq distint għall-Auto HDG, għandu jiġi kkunsidrat li, fi kwalunkwe każ, dan l-argument huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata. Fil-punti 55 sa 57 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma għamlitx tali konstatazzjoni. Fil-fatt, hija kkonstatat, fl-imsemmija punti 55 sa 57, li, skont il-Kummissjoni, ma kienx neċessarju li jiġi ddeterminat, f'dan il-każ, jekk l-HDG u l-EG kinux jikkostitwixxu jew le swieq ta' prodotti distinti, peress li r-riżultat tal-evalwazzjoni tal-kompetizzjoni kien ikun l-istess, kemm jekk din tirrigwarda suq distint tal-HDG kif ukoll jekk tirrigwarda suq globali tal-azzar iggalvanizzat (HDG + EG).

146 Għaldaqstant, dan l-ilment ta' thyssenkrupp għandu wkoll jiġi miċħud bħala infondat.

147 It-tieni nett, fir-rigward tal-ilment imqajjem minn thyssenkrupp li jgħid li, għall-finijiet tad-determinazzjoni tas-suq rilevanti, il-Qorti Ġenerali imponiet b'mod żbaljat, b'mod partikolari fil-punt 103 tas-sentenza appellata, "rekwiżit ta' sostitwibbiltà perfetta" bejn l-Auto HDG u l-HDG għal applikazzjonijiet li ma humiex għall-karozzi, għandu jiġi kkunsidrat li dan l-ilment huwa bbażat ukoll fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata.

148 Fil-fatt, fil-punti 101 sa 103 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali sempliċement wieġbet għal wieħed mill-argumenti ta' thyssenkrupp. Mill-punt 95 tas-sentenza appellata, li jinkludi sunt fidil ta' dan l-argument, li thyssenkrupp kien sostna, quddiem il-Qorti Ġenerali, li dawn it-tipi ta' azzar kienu perfettament sostitwibbli min-naħa tal-offerta u li, minbarra l-każ tal-azzar avvanzat b'reżistenza għolja li jeħtieġ għodda speċifika, il-maġġoranza l-kbira tal-linji ta' produzzjoni ta' HDG li jinsabu fiż-ŻEE kienu kapaċi jipproduċu HDG oħra għall-klijenti tas-settur tal-karozzi jew setgħu jiġu adattati għal dan l-għan permezz ta' investimenti minuri.

149 Barra minn hekk, b'mod partikolari mill-punti 101 u 102 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali eżaminat il-kwistjoni dwar jekk, fid-dawl tal-paragrafu 20 tal-Komunikazzjoni dwar id-definizzjoni tas-suq, il-fornituri setgħux jorjentaw mill-ġdid faċilment il-firxa ta' prodotti tagħhom sal-punt li jiġġustifikaw tkabbir tas-suq għall-HDG kollu. Issa, minn dan il-paragrafu ma jirriżulta l-ebda rekwiżit ta' sostitwibbiltà perfetta.

150 Fil-punt 103 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-investimenti neċessarji sabiex jiġu aġġornati l-linji ta' produzzjoni sabiex dawn jiġu adattati għall-produzzjoni ta' Auto HDG ma kinux minuri. B'hekk, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata talli kkunsidrat li l-Auto HDG u l-HDG għal applikazzjonijiet li ma humiex għall-karozzi ma kinux perfettament sostitwibbli min-naħa tal-offerta.

151 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ilment ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali imponiet "rekwiżit ta' sostitwibbiltà perfetta" bejn l-Auto HDG u l-HDG għal applikazzjonijiet li ma humiex għall-karozzi għandu jiġi miċħud bħala infondat.

152 It-tielet nett, fir-rigward tal-argument ta' thyssenkrupp ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali qalbet l-oneru tal-prova billi eżiġiet li l-partijiet li qegħdin jinnotifikaw juru li ma kien jeżisti l-ebda fattur li jista' jillimita l-possibbiltajiet ta' sostituzzjoni bejn il-produzzjoni ta' Auto HDG u l-HDG għal applikazzjonijiet oħra li ma humiex għall-karozzi, għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata.

153 Fil-fatt, fil-punti 79 sa 83 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni kienet effettivament wettqet evalwazzjoni tal-livell ta' sostitwibbiltà min-naħa tal-offerta u li hija kienet uriet li din is-sostitwibbiltà kienet insuffiċjenti sabiex tiġġustifika l-inklużjoni tal-HDG għal applikazzjonijiet li ma humiex għall-karozzi fis-suq ta' prodotti kkonċernat. B'hekk, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li qalbet l-oneru tal-prova, billi ma eżiġietx min-naħa tal-Kummissjoni, iżda min-naħa tal-partijiet li qegħdin jinnotifikaw li juru assenza ta' fatturi li jistgħu jillimitaw il-possibbiltajiet ta' sostituzzjoni bejn il-produzzjoni ta' Auto HDG u l-HDG għal applikazzjonijiet li ma humiex għall-karozzi.

154 Għaldaqstant, l-ewwel parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u bħala parzjalment infondata.

Fuq it-tieni parti tat-tieni aggravju

– *L-argumenti tal-partijiet*

155 thyssenkrupp tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli kisret l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 139/2004 meta ddeċidiet, fil-punti 118 sa 122 u 127 sa 136 tas-sentenza appellata, li l-azzar illaminat intiż għall-imballaġġ kien jikkostitwixxi suq ta' prodotti distint.

156 B'mod partikolari, thyssenkrupp tqis, fl-ewwel lok, li l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali dwar is-sostitwibbiltà min-naħa tal-offerta hija vvizzjata bi żbalji ta' liġi, b'insuffiċjenza ta' motivazzjoni kif ukoll b'żnaturamenti tal-provi. Din il-kumpannija ssostni li l-Qorti Ġenerali ddikjarat b'mod żbaljat, fil-punt 118 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet ikkonstatat, fil-premessa 293 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li l-atturi tas-settur tal-azzar intiż għall-imballaġġ ma kinux jipproduċu azzar illaminat bit-tagħmir eżistenti użat għall-produzzjoni tal-azzar miksi b'materjal organiku.

157 Fil-fatt, f'din il-premessa 293, il-Kummissjoni ddikjarat biss li l-produzzjoni tal-azzar illaminat kienet teħtieġ tagħmir ta' manifattura speċifiku, li kien jiddistingwiha mill-produzzjoni ta' TP u ta' ECCS. Issa, skont thyssenkrupp, il-Qorti Ġenerali kellha teżamina jekk it-tagħmir eżistenti użat għall-produzzjoni tal-azzar miksi b'materjal organiku setax jintuża sabiex jiġi prodott l-azzar illaminat, u b'hekk kien jippermetti sostitwibbiltà min-naħa tal-offerta.

158 Fit-tieni lok, thyssenkrupp issostni li, fil-punt 119 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, billi kkunsidrat li kienet din il-kumpannija li kellha turi sostitwibbiltà usa' min-naħa tal-offerta, qalbet l-oneru tal-prova.

159 Fit-tielet u l-aħħar lok, thyssenkrupp issostni, minn naħa, li, b'mod partikolari fil-punti 132 sa 134 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi minħabba li ma kkonstatatx li l-Kummissjoni kellha, skont ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Komunikazzjoni dwar id-definizzjoni tas-suq, tuża t-test SSNIP sabiex tiddetermina l-firxa ta' prodotti sostitwibbli.

160 Min-naħa l-oħra, skont thyssenkrupp, fil-punt 132 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi meta kkunsidrat li mit-tweġibiet mogħtija mill-klijenti għall-mistoqsijiet dwar is-sostitwibbiltà bejn l-azzar illaminat u l-azzar miksi bil-vernić fil-kuntest tal-investigazzjoni tas-suq mibdija mill-Kummissjoni kien jirriżulta b'mod ċar li l-parti l-kbira tal-klijenti li esprimew pożizzjoni kienu semmew, b'mod konvinċenti, l-eżistenza ta' limiti għas-sostitwibbiltà.

161 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argument ta' thyssenkrupp.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

162 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-argument ta' thyssenkrupp ibbażat, essenzjalment, minn naħa, fuq il-fatt li, fil-punt 118 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma rriproduċietx b'mod fidil il-premessa 293 tad-Deċiżjoni kontenzjuża u, min-naħa l-oħra, fuq il-fatt li, għall-finijiet tad-determinazzjoni tas-sostitwibbiltà min-naħa tal-offerta, il-Qorti Ġenerali ma eżaminatx jekk it-tagħmir eżistenti użat għall-produzzjoni tal-azzar miksi b'materjal organiku setax jintuża għall-produzzjoni tal-azzar illaminat, għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument huwa bbażat fuq qari żbaljat kemm tas-sentenza appellata kif ukoll tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

163 Minn naħa, għandu jiġi kkunsidrat li l-Qorti Ġenerali rriproduċiet b'mod fidil il-premessa 293 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, peress li minn din il-premessa jirriżulta li l-Kummissjoni kkunsidrat li l-fatt li l-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata kellhom linji ta' produzzjoni speċifiċi għall-azzar illaminat u li l-linji ta' produzzjoni tal-azzar miksi b'materjal organiku tal-kompetituri tal-partijiet fil-konċentrazzjoni ma humiex attivi fil-produzzjoni u fil-provvista ta' azzar illaminat jikkontesta l-argument ta' dawn tal-aħħar li l-eżistenza ta' linji ta' produzzjoni tal-azzar miksi b'materjal organiku tippermetti sostitwibbiltà min-naħa tal-offerta.

164 Min-naħa l-oħra, mill-punti 118 sa 121 tas-sentenza appellata jirriżulta li, għall-finijiet tad-determinazzjoni tas-sostitwibbiltà min-naħa tal-offerta, il-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni t-tagħmir eżistenti użat għall-produzzjoni tal-azzar miksi b'materjal organiku fir-rigward tal-possibbiltà li jiġi prodott l-azzar illaminat.

165 Fil-fatt, qabelxejn, fil-punt 119 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-fattibbiltà teknika hija kundizzjoni neċessarja, iżda mhux suffiċjenti, tas-sostitwibbiltà min-naħa tal-offerta. Sussegwentement, fil-punt 120 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, hekk kif jirriżulta mill-punt 23 tal-Komunikazzjoni dwar id-definizzjoni tas-suq, sabiex is-sostitwibbiltà min-naħa tal-offerta tkun rilevanti għall-finijiet tad-definizzjoni tas-suq ta' prodotti, il-forniturigħandhom ikunu f'pożizzjoni li jorjentaw mill-ġdid il-produzzjoni tagħhom, b'mod partikolari, mingħajr dewmien twil u mingħajr ma jsostnu investimenti addizzjonali sostanzjali, li huwa inkompatibbli man-neċessità ta' stadju ta' produzzjoni addizzjonali sabiex jiġu ttrasformati t-TP jew l-ECCS f'azzar illaminat, li jeżiġi li jiġu miżjuda b'kisja addizzjonali, jiġifieri film tal-plastik għal substrat metalliku. Fl-aħħar nett, fil-punt 121 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-konstatazzjoni magħmula mill-Kummissjoni, fil-premessa 293 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li tgħid li thyssenkrupp u TSE għandhom linji ta' laminazzjoni speċifiċi sabiex iwettqu dan l-istadju addizzjonali tal-produzzjoni tal-azzar illaminat, turi li huma kellhom isostnu spejjeż addizzjonali sinjifikattivi, li kien jikser xi sostitwibbiltà possibbli min-naħa tal-offerta, fis-sens tal-punt 23 tal-Komunikazzjoni dwar id-definizzjoni tas-suq.

166 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li ma eżaminatx jekk it-tagħmir eżistenti użat għall-produzzjoni tal-azzar miksi b'materjal organiku setax jintuża sabiex jiġi prodott l-azzar illaminat, u b'hekk kien jippermetti sostitwibbiltà min-naħa tal-offerta.

167 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument ta' thyssenkrupp li jgħid li, fil-punt 119 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qalbet l-oneru tal-prova sa fejn ikkunsidrat li kienet din il-kumpannija li kellha turi sostitwibbiltà usa' min-naħa tal-offerta, għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument huwa bbażat ukoll fuq qari żbaljat ta' dik is-sentenza.

168 Fil-fatt, mill-imsemmi punt 119 bl-ebda mod ma jirriżulta li l-Qorti Ġenerali obbligat lil thyssenkrupp li turi sostitwibbiltà iktar wiesgħa min-naħa tal-offerta filwaqt li ħelset lill-Kummissjoni mill-oneru tal-prova li hija għandha fil-qasam tal-konċentrazzjonijiet.

169 Min-naħa l-oħra, mill-punti 118 sa 121 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni kienet sostniet l-evalwazzjoni tagħha tas-sostitwibbiltà min-naħa tal-offerta f'dan il-każ u li thyssenkrupp ma kinitx irnexxielha turi li din l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni kienet ivvizzjata bi żbalji proċedurali, bi żbalji ta' liġi jew bi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni.

170 Għalhekk ma jistax jitqies li l-Qorti Ġenerali eżentat lill-Kummissjoni mill-obbligu tagħha li tipprova li l-implimentazzjoni tal-konċentrazzjoni ppjanata xxekkel jew le b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu. Dik il-qorti lanqas ma eżiġiet li thyssenkrupp turi sostitwibbiltà usa' min-naħa tal-offerta.

171 Fit-tielet u l-aħħar lok, fir-rigward, minn naħa, tal-ilment ta' thyssenkrupp li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma kkonstatatx l-assenza ta' użu mill-Kummissjoni tat-test SSNIP sabiex tiddetermina l-firxa ta' prodotti sostitwibbli, għandu jiġi rrilevat li, kif jikkonferma l-punt 15 tal-Komunikazzjoni dwar id-definizzjoni tas-suq, it-test SSNIP jikkostitwixxi biss "mod" sabiex tiġi evalwata s-sostitwibbiltà bejn il-prodotti kkonċernati. Mill-punt 25

tal-imsemmija komunikazzjoni jirriżulta wkoll li "[h]emm spektrum ta' evidenza li tippermetti assessjar sa fejn is-sostituzzjoni tista' ssir " u li, "[i]l-Kummissjoni issegwi approċċ miftuħ għall-evidenza empirikali, intiża sabiex tagħmel użu effettiv tal-informazzjoni kollha disponibbli illi tista' tkun rilevanti għall-każijiet individwali [u] ma ssegwix ġerarkija riġida ta' egħjun ta' informazzjoni differenti jew tipi ta' xiehda".

172 Minn dan isegwi li l-Kummissjoni ma llimitatx lilha nnifisha fis-sens li hija dejjem tapplika t-test SSNIP sabiex tiddetermina l-possibbiltà ta' sostitwibbiltà tal-prodotti kkonċernati. Għaldaqstant, hija għandha marġni ta' evalwazzjoni u tista' tagħżel, fost is-sensiela ta' provi msemmija fil-punt 25 tal-Komunikazzjoni dwar id-definizzjoni tas-suq, dawk li hija tqis l-iktar xierqa f'kull każ partikolari.

173 F'dak li jirrigwarda, min-naħa l-oħra, il-kritika ta' thyssenkrupp ibbażata fuq żnaturament tal-provi dwar is-sostitwibbiltà bejn l-azzar illaminat u l-azzar miksi bil-verniċ, għandu jiġi rrilevat li din il-kumpannija tillimita ruħha, essenzjalment, li ssostni li, fil-punt 132 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi meta kkunsidrat li mit-tweġibiet mogħtija mill-klijenti għall-mistoqsijiet dwar is-sostitwibbiltà bejn l-azzar illaminat u l-azzar miksi bil-verniċ kien jirriżulta b'mod ċar li l-parti l-kbira tal-klijenti li kienu esprimew pożizzjoni kienu invokaw b'mod konvinċenti l-limiti għal din is-sostitwibbiltà. thyssenkrupp iżżid li l-fatt li jiġi kkunsidrat li din il-pożizzjoni hija dik tal-"maġġoranza" tal-klijenti jikkostitwixxi żnaturament tal-provi. Skont din il-kumpannija, sabiex wieħed jasal għal tali konstatazzjoni, huwa neċessarju mhux li ssir evalwazzjoni ġdida tal-mertu, iżda biss kalkolu tat-tweġibiet.

174 Issa, minflok ma identifikat bi preċiżjoni l-provi li allegatament ġew żnaturati mill-Qorti Ġenerali, thyssenkrupp sempliċement tirreferi għar-rikors tagħha fl-ewwel istanza u għall-Anness A.4d imsemmi fil-punt 132 tas-sentenza appellata, li għandu 592 paġna u jinkludi t-tweġibiet kollha mogħtija mill-klijenti għall-mistoqsijiet magħmula mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-investigazzjoni tagħha tas-suq.

175 Għalhekk, peress li thyssenkrupp ma tidentifikax b'mod preċiż il-provi allegatament żnaturati f'dan il-każ, l-argument ta' din il-kumpannija għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

176 Għaldaqstant, it-tieni parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u bħala parzjalment infondata.

Fuq it-tielet parti tat-tieni aggravju

– *L-argumenti tal-partijiet*

177 thyssenkrupp tilmenta li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat, fil-punt 56 tas-sentenza appellata, li l-argumenti tagħha intiżi sabiex juru li l-HDG u l-EG jappartjenu għall-istess suq għandhom jiġu miċħuda bħala ineffettivi fl-intier tagħhom.

178 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argument ta' thyssenkrupp.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

179 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, fil-punt 56 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, essenzjalment, li peress li l-Kummissjoni ma kinitx ikkonkludiet b'mod definittiv li l-HDG u l-EG kienu jaqgħu taħt żewġt iswieq distinti, l-argumenti ta' thyssenkrupp intiżi sabiex juru li l-HDG u l-EG jappartjenu għall-istess suq kellhom jiġu miċħuda bħala ineffettivi fl-intier tagħhom.

180 Fil-punt 57 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali qieset li dawn l-argumenti kellhom, fi kwalunkwe każ, jiġu miċħuda wkoll bħala infondati għar-raġunijiet esposti fil-punti 58 sa 70 tal-imsemmija sentenza.

181 Issa, peress li, kif jirriżulta, essenzjalment, mill-punti 62 sa 70 ta' din is-sentenza, thyssenkrupp ma wrietx li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punti 58 sa 70 tas-sentenza appellata, it-tielet parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala ineffettiva.

Fuq ir-raba' parti tat-tieni aggravju

– *L-argumenti tal-partijiet*

182 thyssenkrupp issostni li l-Qorti Ġenerali ma ddeċidietx dwar l-ewwel ilment tal-ewwel motiv tar-rikors fl-ewwel istanza u kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha billi interpretat ħażin l-ilment imressaq minn din il-kumpannija dwar in-neċessità li tittieħed inkunsiderazzjoni l-prassi deċiżjonali preċedenti tal-Kummissjoni u, b'mod partikolari, id-deċiżjoni mogħtija fil-Każ AM vs Ilva.

183 Fil-fatt, thyssenkrupp sostniet, fl-ewwel istanza, li ma kienet teżisti l-ebda bażi fattwali li tippermetti li tiġi preżunta l-eżistenza ta' suq distint għall-Auto HDG, billi bbażat ruħha fuq ċerti elementi tal-Każ AM vs Ilva li kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll f'din il-kawża, peress li dawn kienu jikkonċernaw l-istess prodotti u l-istess swieq rilevanti. B'mod partikolari, l-imsemmija elementi kienu jinkludu konstatazzjonijiet dwar is-sostitwibbiltà min-naħa tal-offerta bejn il-prodotti ta' kwalità għolja u l-prodotti bażiċi, u r-restrizzjoni tal-prezz eżerċitata mill-prodotti bażiċi, kif ukoll il-fatt li AM kienet fil-punt li tixtri żewġ fabbriki kbar ta' HDG ta' Ilva, kapaċi jipproduċu volumi sinjifikattivi ta' HDG u ta' Auto HDG ta' kwalità għolja.

184 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argument ta' thyssenkrupp.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

185 F'dan ir-rigward, mir-rikors fl-ewwel istanza jirriżulta b'mod ċar li thyssenkrupp sostniet li, fil-Każ AM vs Ilva, l-Auto HDG ma kinitx meqjusa bħala suq distint u li ma kienx hemm lok li jitqies li tali suq kien jeżisti f'din il-kawża. Skont din il-kumpannija, l-ineżistenza ta' tali suq distint hija sostnuta minn żewġ raġunijiet ġenerali tal-Kummissjoni li jinsabu fil-premessi 295 u 602 *et seq*. tad-deċiżjoni mogħtija fil-Każ AM vs Ilva.

186 Issa, fil-punti 65 sa 69 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fehmet b'mod korrett l-ilment ta' thyssenkrupp filwaqt li ċaħdet l-argumenti tagħha.

187 B'mod partikolari, fil-punt 65 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali qieset li r-riferiment għad-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni dwar il-prodotti ċatti tal-azzar bil-karbonju u, b'mod partikolari, għad-deċiżjoni mogħtija fil-Każ AM vs Ilva kien irrilevanti.

188 Fil-punt 66 tal-imsemmija sentenza, dik il-qorti kkunsidrat li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Ġenerali, meta l-Kummissjoni tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà ta' konċentrazzjoni mas-suq intern abbażi ta' komunikazzjoni u ta' fajl speċifiku għal din it-tranżazzjoni, rikorrent ma jistax jikkontesta dawn il-konstatazzjonijiet minħabba li dawn ikunu differenti minn dawk li jkunu saru preċedentement f'kawża oħra, abbażi ta' komunikazzjoni u ta' fajl differenti, anki jekk is-swieq inkwistjoni fiż-żewġ kawżi jkunu simili, jew saħansitra identiċi. Għalhekk, skont il-Qorti Ġenerali, sa fejn thyssenkrupp tinvoka, f'dan il-każ, analiżijiet magħmula mill-Kummissjoni f'deċiżjoni preċedenti, din il-parti tal-argument tagħha hija irrilevanti.

189 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 68 tas-sentenza appellata, li, fi kwalunkwe każ, la l-Kummissjoni u lanqas, *a fortiori*, il-Qorti Ġenerali ma huma marbuta, f'dan il-każ, bil-konstatazzjonijiet ta' fatt u bl-evalwazzjonijiet ekonomiċi mwettqa fid-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni dwar il-prodotti ċatti tal-azzar bil-karbonju u, b'mod partikolari, bid-deċiżjoni mogħtija fil-Każ AM vs Ilva, li għalihom tirreferi thyssenkrupp. Anki jekk wieħed jassumi li l-analiżi mwettqa f'din l-aħħar deċiżjoni hija differenti minn dik imwettqa f'dan il-każ fid-Deċiżjoni kontenzjuża, mingħajr ma din id-differenza tkun iġġustifikata oġġettivament, il-Qorti Ġenerali għandha tannulla d-Deċiżjoni kontenzjuża f'din il-kawża biss jekk dik id-deċiżjoni, u mhux id-deċiżjoni mogħtija fil-Każ AM vs Ilva, kienet ivvizzjata bi żbalji.

190 Għalhekk, fil-punt 69 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li thyssenkrupp ma tistax tikkritika lill-Kummissjoni talli ma segwietx, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, il-prassi deċiżjonali preċedenti tagħha, billi ssostni li dik l-istituzzjoni ma kinitx wettqet l-istess evalwazzjonijiet fuq il-fatti tal-każ u fuq dawk tal-każijiet preċedenti u, b'mod partikolari, tal-Każ AM vs Ilva, li għalihom hija tirreferi.

191 Għaldaqstant, ir-raba' parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

192 Minn dan isegwi li t-tieni aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u bħala parzjalment infondat.

Fuq it-tielet aggravju

Fuq l-ewwel parti tat-tielet aggravju

– *L-argumenti tal-partijiet*

193 Permezz tal-ewwel ilment tagħha, thyssenkrupp tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli, b'mod partikolari fil-punti 561 u 562 tas-sentenza appellata, wettqet interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljati tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 139/2004 kif ukoll tal-premessa 25 ta' dan ir-regolament, meta kkunsidrat li l-Kummissjoni setgħet tikkonkludi, fil-premessa 1419 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li jista' jkun hemm tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva li jirriżulta mill-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti fir-rigward tat-TP u tal-azzar illaminat intiż għall-imballaġġ kif ukoll tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva li jirriżulta minn effetti orizzontali mhux ikkoordinati fis-swieq ta' TP, ta' ECCS u tal-azzar illaminat intiż

għall-imballaġġ. Skont thyssenkrupp, il-premessa 25 tar-Regolament Nru 139/2004 ma tippermettix applikazzjoni parallela ta' dawn iż-żewġ kunċetti differenti. Minn din il-premessa bl-ebda mod ma jirriżulta li l-emenda leġiżlattiva li tirriżulta minn dan ir-regolament kienet intiża sabiex tiffaċilita interpretazzjoni mhux restrittiva tal-kriterju ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva. B'hekk, skont thyssenkrupp, il-kunċett ta' effetti mhux ikkoordinati fis-swieq oligopolistiċi jista' japplika biss jekk ma tkun ġiet ikkonstatata l-ebda pożizzjoni dominanti.

194 F'dan il-każ, il-Kummissjoni u l-Qorti Ġenerali ħallew miftuħa l-kwistjoni dwar jekk l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata kinitx ser issir dominanti jew le u, konsegwentement, kienu naqqsu l-limitu ta' intervent b'mod żbaljat. Madankollu, kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Mejju 2020, CK Telecoms UK Investments vs Il-Kummissjoni (T-399/16, EU:T:2020:217), xejn ma jindika li l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 139/2004 kien intiż sabiex jintroduċi limitu ta' intervent iktar baxx.

195 Permezz tat-tieni lment tagħha, thyssenkrupp issostni, essenzjalment, li, fil-punti 564 u 565 tas-sentenza appellata, mingħajr ma wettqet l-analiżi tagħha stess, il-Qorti Ġenerali sempliċement irreferiet għall-premessi 1413 sa 1419 tad-Deċiżjoni kontenzjuża sabiex tikkunsidra li l-Kummissjoni "għamlet distinzjoni ċara bejn l-elementi li fuqhom hija bbażata l-konstatazzjoni tal-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti [minn] dawk li [wassluha] sabiex tikkonkludi li jeżistu effetti orizzontali mhux ikkoordinati". Issa, skont thyssenkrupp, l-evalwazzjoni tal-effetti ekonomiċi għandha tkun differenti skont jekk il-konċentrazzjoni tinvolvix pożizzjoni dominanti jew effetti mhux ikkoordinati f'suq oligopolistiku. thyssenkrupp tqis li, anki jekk, fil-punt 565 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali setgħet tikkunsidra li l-istess fatturi setgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġu sostnuti ż-żewġ teoriji ta' effett ħażin fuq il-kompetizzjoni mressqa mill-Kummissjoni, xorta kien jibqa' l-fatt li hija ma setgħetx tqis li l-Kummissjoni kienet iddistingwiet b'mod suffiċjentement ċar dawn iż-żewġ teoriji kif ukoll is-swieq rilevanti.

196 Barra minn hekk, fil-punt 563 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat li thyssenkrupp ma kienet irreferiet għal ebda element speċifiku tal-analiżi tal-Kummissjoni sabiex tikkritikaha li ma għamlitx distinzjoni bejn iż-żewġ teoriji ta' effett ħażin fuq il-kompetizzjoni. Fil-fatt, skont din il-kumpannija, l-essenza stess tal-ilment li hija tqajjem li l-Kummissjoni ma kinitx għamlet tali distinzjoni ma tippermettix li jiġi deskritt fejn, preċiżament, fl-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni seħħ in-nuqqas allegat.

197 Permezz tat-tielet u l-aħħar ilment tagħha, thyssenkrupp tikkritika lill-Qorti Ġenerali li llimitat ruħha, fil-punti 567 u 568 tas-sentenza appellata, li tiġbor fil-qosor id-Deċiżjoni kontenzjuża mingħajr ma evalwat il-kontenut tagħha.

198 Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza tal-argumenti ta' thyssenkrupp kif ukoll l-ammissibbiltà tat-tieni lment.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

199 Fir-rigward tal-ewwel ilment ta' thyssenkrupp, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 139/2004, il-konċentrazzjonijiet li jostakolaw b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu, b'mod partikolari minħabba l-ħolqien jew it-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti, għandhom jiġu ddikjarati bħala inkompatibbli mas-suq intern.

200 Kif jirriżulta, essenzjalment, mill-premessa 25 ta' dan ir-regolament, l-Artikolu 2(3) tal-imsemmi regolament jirrigwarda l-inkompatibbiltà mas-suq intern ta' konċentrazzjoni bejn impriżi li joperaw f'suq oligopolistiku meta din il-konċentrazzjoni tikkostitwixxi tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, anki jekk l-entità li tirriżulta minn din il-konċentrazzjoni ma jkollhiex pożizzjoni dominanti fis-suq ikkonċernat.

201 B'mod partikolari, mill-aħħar sentenza tal-premessa 25 tar-Regolament Nru 139/2004 jirriżulta li l-kunċett ta' "tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva", fis-sens tal-Artikolu 2(2) u (3) ta' dan ir-regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li jestendi, lil hinn mill-kunċett ta' dominanza, biss għall-effetti antikompetittivi ta' konċentrazzjoni li jirriżultaw minn aġir mhux ikkoordinat ta' impriżi li ma jkollhomx pożizzjoni dominanti fis-suq ikkonċernat. Fil-fatt, kif ġie rrilevat fit-tielet sentenza ta' din il-premessa, f'ċerti ċirkustanzi, il-konċentrazzjonijiet li jinvolvu l-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet kompetittivi qawwija li l-partijiet fil-konċentrazzjoni kienu jeżerċitaw fuq xulxin, kif ukoll tnaqqis tal-pressjonijiet kompetittivi fuq il-kompetituri l-oħra, jistgħu – anki fil-assenza ta' probabbiltà ta' koordinazzjoni bejn il-membri tal-oligopolija – ikollhom bħala konsegwenza tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.

202 F'dan il-kuntest, għandu jiġi rrilevat li l-iktar effetti orizzontali mhux ikkoordinati jseħħu meta l-entità li tirriżulta minn konċentrazzjoni tikseb jew issaħħaħ pożizzjoni dominanti individwali.

203 Kif affermat il-Qorti Ġenerali fil-punt 562 tas-sentenza appellata billi bbażat ruħha fuq il-punt 51 tas-sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni (85/76, EU:C:1979:36), suq jista' jiġi ddominat minn impriża individwali u jkun oligopolistiku fl-istess ħin. Issa, anki f'tali suq oligopolistiku, il-pożizzjoni dominanti individwali ta' tali impriża tista' tissaħħaħ mill-effetti orizzontali mhux ikkoordinati ta' konċentrazzjoni, bħal dawk imsemmija fil-punt 201 ta' din is-sentenza.

204 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta, fil-punti 561 u 562 tas-sentenza appellata, interpretat l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 139/2004 u l-premessa 25 tiegħu f'dan is-sens li l-kunċetti, minn naħa, ta' ħolqien jew ta' tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti u, min-naħa l-oħra, tal-eżistenza ta' effetti orizzontali mhux ikkoordinati li jirriżultaw mill-eliminazzjoni ta' restrizzjoni kompetittiva sinjifikattiva f'suq oligopolistiku huma kompatibbli u ma jeskludux lil xulxin.

205 Għaldaqstant, l-ewwel ilment għandu jiġi miċħud bħala infondat.

206 Fir-rigward tal-inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni dwar it-tieni lment, imqajjem mill-Kummissjoni u bbażat fuq il-fatt li thyssenkrupp ma sostnietx dan l-ilment b'argumenti legali speċifiċi, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, fl-appell tagħha, din il-kumpannija ressqet argumenti legali suffiċjentement speċifiċi. Permezz ta' dawn l-argumenti, thyssenkrupp lanqas ma titlob, kuntrarjament għal dak li sostniet il-Kummissjoni, li l-Qorti tal-Ġustizzja twettaq evalwazzjoni ġdida tal-fatti tal-każ. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà għandha tiġi miċħuda.

207 Fir-rigward tal-fondatezza tat-tieni lment, għandu jiġi kkonstatat, fl-ewwel lok, li, kuntrarjament għal dak li ssostni thyssenkrupp, il-Qorti Ġenerali wettqet l-analiżi tagħha stess tal-argumenti ta' din il-kumpannija dwar il-punt dwar jekk, f'dan il-każ, il-Kummissjoni kinitx ibbażat ruħha fuq l-istess fatturi sabiex tasal għal żewġ konklużjonijiet differenti.

208 Fil-fatt, mill-punti 564 u 565 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali qieset li, fil-premessi 1413 sa 1419 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kienet analizzat b'mod distint, minn naħa, il-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti u, min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta' effetti orizzontali mhux ikkoordinati, anki jekk dawn iż-żewġ analiżijiet kienu, parzjalment, ibbażati fuq l-istess elementi fattwali. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat, fil-punt 564 ta' dik is-sentenza, li "l-Kummissjoni [kienet] ikkonkludiet, prinċipalment, li tinħoloq pożizzjoni dominanti abbażi tal-partijiet tas-suq u ta' diversi elementi oħra msemmija fil-punti 9.5.3 sa 9.5.9 ta' dik id-deċiżjoni u, sussidjarjament, ukoll li jeżistu effetti orizzontali mhux ikkoordinati li jirriżultaw mill-eliminazzjoni ta' restrizzjoni kompetittiva sinjifikattiva, billi bbażat ruħha fuq il-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 9.5.3 sa 9.5.12 tal-imsemmija deċiżjoni".

209 Fir-rigward tal-fatt li dawn l-analiżijiet kienu, parzjalment, ibbażati fuq l-istess elementi fattwali, fil-punt 565 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali qieset li "l-analiżi tal-Kummissjoni dwar il-pożizzjoni dominanti u dik dwar l-effetti orizzontali mhux ikkoordinati ma jistgħux isiru ħlief billi wieħed jiffoka neċessarjament fuq l-istess elementi fattwali, bħall-partijiet tas-suq u ta' kapaċità, l-importazzjonijiet, ir-reazzjoni tal-kompetituri u s-saħħa tal-akkwist, kif [kien] ġie eżaminat fis-suddiviżjonijiet tal-punt 9.5 tad-Deċiżjoni [kontenzjuża], peress li dawn [kienu] l-istess elementi li [kellhom] jittieħdu inkunsiderazzjoni għal dawn iż-żewġ analiżijiet".

210 Għaldaqstant, minn dawn il-motivi tal-Qorti Ġenerali jirriżulta li din wettqet hija stess eżami tal-analiżi tal-Kummissjoni dwar l-effetti tal-konċentrazzjoni inkwistjoni.

211 Fit-tieni lok, peress li, kif jirriżulta mill-punti 202 sa 204 ta' din is-sentenza, il-kunċetti, minn naħa, ta' ħolqien jew ta' tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti u, min-naħa l-oħra, tal-eżistenza ta' effetti orizzontali mhux ikkoordinati li jirriżultaw mill-eliminazzjoni ta' restrizzjoni kompetittiva sinjifikattiva f'suq oligopolistiku ma jeskludux lil xulxin reċiprokament u peress li l-iktar effetti orizzontali mhux ikkoordinati jseħħu meta l-entità li tirriżulta minn konċentrazzjoni tikseb jew issaħħaħ pożizzjoni dominanti individwali, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat, fil-punt 565 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni setgħet sa ċertu punt tibbaża ruħha fuq l-istess fatturi u indizji sabiex turi li l-konċentrazzjoni ppjanata tkun setgħet tagħti lok għall-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti jew twassal għal effetti orizzontali mhux ikkoordinati.

212 Fit-tielet u l-aħħar lok, fir-rigward tal-argument ta' thyssenkrupp ibbażat fuq il-fatt li, fil-punt 563 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat li thyssenkrupp ma rreferiet għall-ebda element speċifiku tal-analiżi tal-Kummissjoni sabiex issostni l-kritika tagħha li tgħid li dik l-istituzzjoni ma kinitx għamlet distinzjoni bejn iż-żewġ teoriji ta' effett ħażin fuq il-kompetizzjoni li hija ressqet, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, peress li thyssenkrupp ma stabbilixxietx li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat, fil-punti 564 u 565 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet iddistingwiet l-elementi li fuqhom huma bbażati dawn iż-żewġ teoriji, dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

213 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tieni lment ta' thyssenkrupp għandu jiġi miċħud bħala infondat.

214 F'dak li jirrigwarda t-tielet u l-aħħar ilment, għandu jiġi kkonstatat li, peress li l-argument ta' thyssenkrupp riprodott fil-punt 567 ta' dik is-sentenza u eżaminat fil-punti 567 u 568 tagħha kien jirrigwarda biss il-punt dwar jekk l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-elementi li jistgħu juru l-ħolqien jew it-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti kellhiex issir b'mod differenti mill-evalwazzjoni

tal-effetti l-oħra mhux ikkoordinati, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li ma wettqitx l-analiżi tagħha stess tal-evalwazzjoni ekonomika tal-Kummissjoni meta din kienet intiża sabiex tagħti tweġiba preċiżament għal dan l-argument.

215 Fil-fatt, fil-punt 568 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali enfasizzat, minn naħa, li "fir-rigward tas-suq tat-TP, il-Kummissjoni evalwat l-inċentivi ta' AM sabiex tiġġieled kontra żieda fil-prezzijiet tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata, billi ħadet inkunsiderazzjoni b'mod partikolari elementi ekonomiċi, bħall-istruttura oligopolistika tas-suq, bħar-rieda dgħajfa tal-klijenti li jżidu d-dipendenza tagħhom fuq AM, il-fatt li l-ġlieda kontra żieda fil-prezzijiet twassal għal tnaqqis fil-prezzijiet fuq il-volumi kollha u l-assenza ta' kapaċitajiet ta' riżerva ta' AM (premessi 1288 u 1289)". Min-naħa l-oħra, "fir-rigward tas-suq tal-ECCS, il-Kummissjoni evalwat l-inċentivi ta' AM sabiex tikkumpensa għal tali żieda, billi bbażat ruħha b'mod partikolari fuq l-istruttura oligopolistika tas-suq u fuq analiżi tad-dokumenti interni tar-rikorrenti li juru, skont din tal-aħħar, l-aġir probabbli ta' AM f'dan is-suq (premessi 1294 sa 1297)". Barra minn hekk, peress li thyssenkrupp ma stabbilixxietx li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punti 567 u 568 tas-sentenza appellata, l-ilmenti tagħha dwar il-punt 566 ta' dik is-sentenza huma ineffettivi.

216 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tielet u l-aħħar ilment ta' thyssenkrupp għandu jiġi miċħud bħala infondat. Konsegwentement, l-ewwel parti tat-tielet aggravju hija miċħuda.

Fuq it-tieni parti tat-tielet aggravju

– *L-argumenti tal-partijiet*

217 Permezz tal-ewwel ilment tagħha, thyssenkrupp issostni li l-Qorti Ġenerali żbaljat dwar il-kontenut tal-ewwel ilment tal-ħames parti tat-tielet motiv tar-rikors fl-ewwel istanza u ma ddefinixxietx b'mod korrett il-kriterji rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk TSE setgħetx tiġi kklassifikata bħala "forza kompetittiva importanti".

218 Fil-fatt, permezz ta' dan l-ilment, thyssenkrupp tafferma li sostniet, quddiem il-Qorti Ġenerali, li, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni la kienet indikat il-kriterju legali applikabbli għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' TSE bħala "forza kompetittiva importanti" u lanqas ma kienet analizzat jekk is-sitwazzjoni inkwistjoni kinitx taqa' taħt wieħed miż-żewġ każijiet deskritti fil-punti 37 u 38 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali. Skont thyssenkrupp, il-Kummissjoni sempliċement affermat, fil-premessa 965 ta' dik id-deċiżjoni, li, qabel il-konċentrazzjoni ppjanata, TSE kienet forza kompetittiva importanti, anki lil hinn minn dak li setgħet tissuġġerixxi l-parti attwali tagħha tas-suq, b'mod partikolari għaliex hija kienet qiegħda tipproponi b'mod attiv li testendi l-preżenza tagħha fis-suq rilevanti.

219 F'dan il-kuntest, fil-punt 463 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, b'mod żbaljat, interpretat b'mod wiesa' ħafna l-kunċett ta' "forza kompetittiva importanti" u għalhekk wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat, konsegwentement, li dan il-kunċett kien jippermetti li jittieħdu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjonijiet li fihom il-partijiet tas-suq ta' impriża jagħtu biss indikazzjoni utli iniżjali tal-importanza kompetittiva tal-atturi fis-suq.

220 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kellha tieħu inkunsiderazzjoni t-tagħlim li jirriżulta mill-punt 174 tas-sentenza tat-28 ta' Mejju 2020, CK Telecoms UK Investments vs Il-Kummissjoni (T-399/16, EU:T:2020:217), li "forza kompetittiva importanti" għandha tkun

distinta mill-kompetituri tagħha f'termini ta' konsegwenzi fuq il-kompetizzjoni peress li kull impriża f'suq oligopolistiku li teżerċita pressjoni kompetittiva tista' tiġi kklassifikata bħala "forza kompetittiva importanti".

221 Permezz tat-tieni lment tagħha, thyssenkrupp tressaq sitt argumenti prinċipali.

222 L-ewwel nett, l-evalwazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest tal-eżami tagħha tat-tieni lment tal-ħames parti tat-tielet motiv tar-rikors fl-ewwel istanza hija vvizzjata bi żball ta' liġi, peress li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx stħarriġ ġudizzjarju effettiv. B'mod partikolari, thyssenkrupp tqis li, b'mod partikolari fil-punti 476, 478, 484 u 486 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali sempliċement irrepetiet u ddeskriviet l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li tinsab fid-Deċiżjoni kontenzjuża u ma pprovdietx raġunijiet li jippermettu li jinftiehem jekk hija qisitx li l-argumenti u l-provi prodotti mill-Kummissjoni kienu suffiċjenti sabiex isostnu l-konstatazzjonijiet magħmula minnha li, essenzjalment, TSE twettaq investimenti ogħla mill-medja u kkonċentrat fuq iż-żieda tal-parti tagħha tas-suq fis-settur tal-Auto HDG.

223 It-tieni nett, thyssenkrupp tqis li l-Qorti Ġenerali qieset b'mod żbaljat, fil-punt 477 tas-sentenza appellata, li, fir-rigward tal-provi prodotti sabiex jintwera li fornituri oħra ta' Auto HDG kienu jwettqu wkoll, fl-istess mument, investimenti simili għal dawk imwettqa minn TSE f'dan is-settur, kellha tingħata preferenza lid-dikjarazzjonijiet ta' dawn il-fornituri maħruġa fil-kuntest tal-investigazzjoni tas-suq tal-Kummissjoni għall-provi prodotti minn thyssenkrupp u TSE.

224 It-tielet nett, fil-punti 478 u 485 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rreferiet, b'mod żbaljat, għall-premessa 1079 tad-Deċiżjoni kontenzjuża għall-finijiet tal-eżami tagħha tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kwistjoni jekk TSE setgħetx tiġi kklassifikata bħala "forza kompetittiva importanti". Issa, din il-premessa ma għandha l-ebda rabta ma' din l-evalwazzjoni.

225 Ir-raba' nett, thyssenkrupp tqis li l-punt 482 tas-sentenza appellata huwa vvizzjat minn motivazzjoni kontradittorja. Minn naħa, f'dan il-punt 482 il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet żball ta' evalwazzjoni meta qieset li d-data ekonomika pprovduta minn thyssenkrupp u TSE, li kienet tirrigwarda l-evoluzzjoni tal-parti tas-suq ta' TSE matul l-2012 sal-2017, ma kinitx determinanti għall-klassifikazzjoni ta' din il-kumpannija bħala "forza kompetittiva importanti", b'mod partikolari, għaliex, kif kien jirriżulta mill-premessa 901 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, wara l-investimenti mwettqa, ċerti attivi ta' TSE probabbilment kienu biss jibdew il-produzzjoni mmodernizzata matul l-2019 sal-2021 l-iktar kmieni.

226 Min-naħa l-oħra, fl-imsemmi punt 482, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, kif kien jirriżulta mill-premessa 901 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni ma kinitx assumiet li, matul is-snin 2019 sal-2021, il-parti tas-suq ta' TSE kienet ser tiżdied.

227 F'dan il-kuntest, thyssenkrupp tippreċiża li jekk il-Kummissjoni qieset li l-parti tas-suq ta' TSE ma żdiditx b'mod sinjifikattiv fil-passat minħabba li wħud mill-attivi tagħha kienu għadhom ma bdewx il-produzzjoni mmodernizzata, hija kellha tassumi li l-parti tas-suq ta' TSE kien ser jiżdied hekk kif tibda l-produzzjoni mmodernizzata. Fil-każ bil-kontra, ma jkun jeżisti l-ebda argument li jippermetti lill-Kummissjoni tikklassifika lil TSE bħala "forza kompetittiva importanti".

228 Barra minn hekk, skont thyssenkrupp, il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-argument ta' din il-kumpannija li żieda fil-kompetittività ta' TSE wara l-bidu tal-produzzjoni mmodernizzata ma setgħetx tiġi preżunta mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-effetti tal-investimenti kontemporanji u paralleli, ekwivalenti u magħrufa, imwettqa mill-kompetituri ta' TSE.

229 Il-ħames nett, thyssenkrupp issostni li, fil-punt 487 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali naqset milli teżamina b'mod indipendenti l-argument tagħha li, essenzjalment, l-investimenti ta' TSE kienu intiżi biss sabiex tilħaq mal-kompetituri tagħha. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali barra minn hekk żnaturat il-premessa 897 tad-Deċiżjoni kontenzjuża billi kkonstatat li thyssenkrupp u TSE ammettew li huma ma kellhomx provi sabiex isostnu l-affermazzjoni tagħhom. Fil-fatt, thyssenkrupp u TSE kienu sempliċement irrikonoxxew li l-fatt li fuqu huma bbażaw ruħhom f'dan ir-rigward ma kienx ġie espressament indikat fil-provi prodotti minn dawn iż-żewġ impriżi. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx eżami tal-provi li hija kellha quddiemha.

230 Is-sitt nett, thyssenkrupp issostni li, fil-punt 490 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tagħha li l-Kummissjoni kienet injorat provi prodotti minn thyssenkrupp u TSE intiżi li juru li ċertu numru ta' klijenti u ta' kompetituri ma kinux jikkondividu l-klassifikazzjoni ta' TSE bħala "forza kompetittiva importanti", mingħajr ma wettqet l-analiżi tagħha stess u mingħajr ma ppreċiżat il-premessi tad-Deċiżjoni kontenzjuża dwar l-eżami, mill-Kummissjoni, ta' dawn il-provi.

231 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argument ta' thyssenkrupp.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

232 Fir-rigward tal-ewwel ilment ta' thyssenkrupp, ibbażat, essenzjalment, fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali ma fehmitx il-kontenut tal-ewwel ilment tal-ħames parti tat-tielet motiv tar-rikors fl-ewwel istanza u ma ddefinixxietx b'mod korrett il-kriterji rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk TSE setgħetx tiġi kklassifikata bħala "forza kompetittiva importanti", għandu, fl-ewwel lok, jiġi rrilevat li, fil-punti 454 sa 464 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-ewwel ilment tal-ħames parti tat-tielet motiv tar-rikors fl-ewwel istanza.

233 Fil-punti 454 sa 458 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ppreżentat l-argument ta' thyssenkrupp. Minn dawn il-punti jirriżulta, essenzjalment, li, permezz tal-ewwel ilment tal-ħames parti tat-tielet motiv tar-rikors fl-ewwel istanza, din il-kumpannija sostniet li, fil-premessi 883 *et seq*. tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni ma kinitx applikat b'mod korrett il-kriterji li jippermettu li jiġi ddefinit x'tikkostitwixxi "forza kompetittiva importanti" stabbiliti fil-punti 37 u 38 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali.

234 Issa, kif jirriżulta mill-punti 100 sa 102 tar-rikors fl-ewwel istanza, thyssenkrupp kienet effettivament irreferiet għaż-żewġ każijiet deskritti fil-punti 37 u 38 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali bħala kriterji rilevanti u qieset li, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni ma kinitx eżaminat l-applikabbiltà tal-kriterji tal-kunċett ta' "forza kompetittiva importanti".

235 Għaldaqstant isegwi li ma kienx il-każ li l-Qorti Ġenerali ma fehmitx il-kontenut tal-ewwel ilment tal-ħames parti tat-tielet motiv tar-rikors fl-ewwel istanza.

236 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ilment ta' thyssenkrupp li, essenzjalment, il-Qorti Ġenerali, minn naħa, ma ddefinixxietx b'mod korrett il-kriterji rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk TSE setgħetx tiġi kklassifikata bħala "forza kompetittiva importanti" u, min-naħa l-oħra, interpretat b'mod żbaljat ħafna, fil-punt 463 tas-sentenza appellata, il-kunċett ta' "forza kompetittiva importanti", għandu jiġi rrilevat li, fil-punti 460 u 461 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali fakkret il-kontenut tal-punti 37 u 38 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali li jintroduċu dan il-kunċett.

237 Fil-punt 462 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li ż-żewġ każijiet imsemmija fil-punti 37 u 38 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali li skonthom, minn naħa, jista' jkun li impriża li daħlet reċentement fis-suq ikkonċernat fil-futur teżerċita pressjoni kompetittiva qawwija fuq l-impriżi l-oħra preżenti f'dan is-suq u, min-naħa l-oħra, impriża li l-parti tagħha tas-suq hija relattivament żgħira tista' madankollu tikkostitwixxi forza kompetittiva importanti jekk il-prodotti tagħha fil-proċess ta' żvilupp ikunu promettenti, huma biss eżempji ta' sitwazzjonijiet li fihom jista' jkun hemm forza kompetittiva importanti.

238 Barra minn hekk, fil-punt 463 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, kif jirriżulta mill-punt 37 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali, il-kunċett ta' "forza kompetittiva importanti" jippermetti li jittieħdu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjonijiet li fihom il-partijiet tas-suq ta' impriża jistgħu jwasslu sabiex tiġi ssottovalutata l-importanza tagħha mill-perspettiva tal-kompetizzjoni. Skont il-Qorti Ġenerali, dan il-kunċett huwa kompatibbli mal-punt 14 ta' dawn il-linji gwida, li jgħid li l-partijiet tas-suq, għalkemm rilevanti, jagħtu biss indikazzjoni utli inizjali tal-importanza kompetittiva tal-atturi fis-suq. B'hekk, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li hija l-Kummissjoni li għandha twettaq analiżi fil-fond tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni billi tieħu inkunsiderazzjoni wkoll fatturi oħra minbarra l-partijiet tas-suq, bħall-effetti tal-konċentrazzjoni fuq il-kompetizzjoni bejn il-partijiet u r-reazzjonijiet possibbli tal-klijenti u tal-kompetituri.

239 F'dan il-kuntest, fil-punti 464 sa 466 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, essenzjalment, ikkonstatat li l-Kummissjoni kienet wettqet tali analiżi ddettaljata tal-kompetizzjoni bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata u tar-restrizzjoni kompetittiva eżerċitata minn TSE fis-suq tal-Auto HDG. Il-Qorti Ġenerali għalhekk qieset li dik l-istituzzjoni kienet analizzat ir-rwol u l-kapaċitajiet speċifiċi ta' TSE, il-pożizzjoni tagħha meta mqabbla ma' atturi oħra u kienet ikkonstatat li TSE kienet tbiegħdet mill-parti l-kbira ta' dawn l-atturi l-oħra.

240 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont qari flimkien tal-punti 26, 37 u 38 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali, l-eliminazzjoni ta' "forza kompetittiva importanti" hija, bħala prinċipju, wieħed mill-fatturi li jistgħu jinfluwenzaw il-probabbiltà li konċentrazzjoni twassal għal effetti mhux ikkoordinati sinjifikattivi u li jippermettu għalhekk li jiġi evalwat, b'mod partikolari, jekk din il-konċentrazzjoni twassalx għall-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet kompetittivi qawwija li l-partijiet fil-konċentrazzjoni kienu jeżerċitaw fuq xulxin (sentenza tat-13 ta' Lulju 2023, Il-Kummissjoni vs CK Telecoms UK Investments, C-376/20 P, EU:C:2023:561, punt 160).

241 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-kunċett ta' "forza kompetittiva importanti" ma jistax jiġi applikat esklużivament għal impriżi li jikkompetu b'mod partikolarment aggressiv fir-rigward tal-prezzijiet u li jġiegħlu lill-kompetituri tagħhom fis-suq jallinjaw ruħhom mal-prezzijiet tagħhom jew ma' impriżi li l-politika tal-prezzijiet tagħhom tista' tbiddel b'mod sinjifikattiv id-dinamika kompetittiva fis-suq ikkonċernat (sentenza tat-13 ta' Lulju 2023, Il-Kummissjoni vs CK Telecoms UK Investments, C-376/20 P, EU:C:2023:561, punt 166).

242 Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà qieset li, sabiex impriża tiġi kklassifikata bħala "forza kompetittiva importanti", huwa biżżejjed, kif ġie espost fil-punt 37 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali, li hija għandha rwol iktar importanti fil-kompetizzjoni milli jħallu li jiġi preżunt il-parti tagħha tas-suq jew kull indikatur ieħor simili (sentenza tat-13 ta' Lulju 2023, Il-Kummissjoni vs CK Telecoms UK Investments, C-376/20 P, EU:C:2023:561, punt 167).

243 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddefinixxiet il-kriterji rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk TSE setgħetx tiġi kklassifikata bħala "forza kompetittiva importanti", meta interpretat il-kunċett ta' "forza kompetittiva importanti" billi kkunsidrat li dan kien jinkludi wkoll is-sitwazzjonijiet li fihom il-partijiet tas-suq setgħu jwasslu sabiex tiġi ssottovalutata l-importanza ta' impriża u meta kkunsidrat li kienet il-Kummissjoni li kellha twettaq analiżi fil-fond tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni billi tieħu inkunsiderazzjoni wkoll fatturi oħra, bħall-effetti tal-konċentrazzjoni fuq il-kompetizzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati u r-reazzjonijiet possibbli tal-klijenti u tal-kompetituri.

244 Għaldaqstant, l-ewwel ilment għandu jiġi miċħud bħala infondat.

245 It-tieni lment jinkludi sitt argumenti prinċipali.

246 Fir-rigward tal-ewwel argument imqajjem fil-kuntest tat-tieni lment, imsemmi fil-punt 222 ta' din is-sentenza, għandu jitfakkar li l-portata tal-istħarriġ tal-legalità previst fl-Artikolu 263 TFUE testendi għall-elementi kollha tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li l-Qorti Ġenerali tiżgura stħarriġ fil-fond tagħhom, fid-dritt kif ukoll fil-fatt, fid-dawl tal-motivi mqajma mill-appellanti u fid-dawl tal-elementi rilevanti kollha ppreżentati minn din tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018, Infineon Technologies vs Il-Kummissjoni, C-99/17 P, EU:C:2018:773, punt 48).

247 Il-portata tal-istħarriġ eżerċitat mill-Qorti Ġenerali hija għalhekk limitata mill-motivi mqajma mir-rikorrent, bl-eċċezzjoni tal-motivi ta' ordni pubbliku.

248 Issa, minn naħa, mill-punt 468 tas-sentenza appellata, li ma huwiex ikkontestat minn thyssenkrupp, jirriżulta li din il-kumpannija llimitat ruħha, fl-ewwel istanza, li tafferma li ma tifhimx b'mod ċar fuq liema provi l-Kummissjoni bbażat ruħha sabiex tikkunsidra li TSE kienet wettqet investimenti ogħla mill-medja u kienet ikkonċentrat fuq iż-żieda tal-parti tagħha tas-suq fis-settur tal-Auto HDG. Barra minn hekk, thyssenkrupp ikkritikat lill-Kummissjoni talli ċaħdet, fil-premessa 896 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-provi prodotti minn thyssenkrupp u TSE sabiex turi li fornituri oħra ta' Auto HDG kienu wkoll fil-proċess li jwettqu investimenti simili għal dawk ta' TSE f'dan is-settur, minħabba li dawn il-provi kienu jikkontradixxu t-tweġibiet tal-fornituri stess u tal-klijenti fl-imsemmi settur.

249 Fl-eżami ta' dawn l-ilmenti fil-punti 475 sa 479 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, essenzjalment, li, kuntrarjament għal dak li sostniet thyssenkrupp, id-Deċiżjoni kontenzjuża kienet tinkludi sensiela ta' indizji li juru li TSE kienet wettqet investimenti ogħla mill-medja fl-Auto HDG u kienet ikkonċentrat fuq iż-żieda tal-parti tagħha tas-suq fis-settur tal-Auto HDG. B'mod partikolari, fil-punt 476 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata li ma ċċitatx il-provi li fuqhom hija bbażat ruħha, peress li, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessi 884 sa 892, 948 u 954 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, hija bbażat ruħha fuq id-dokumenti interni ta' thyssenkrupp u ta' TSE kif ukoll fuq it-tweġibiet tal-kompetituri u tal-klijenti fil-kuntest tal-investigazzjoni tas-suq li hija kienet wettqet.

250 Barra minn hekk, fil-punti 477 u 478 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, fir-rigward tal-ilment ta' thyssenkrupp li l-Kummissjoni ma setgħetx tiċħad, fil-premessa 896 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-provi ta' thyssenkrupp u ta' TSE intiżi sabiex juru li fornituri oħra ta' Auto HDG kienu wkoll fil-proċess li jwettqu investimenti simili għal dawk ta' TSE, il-Kummissjoni kienet indikat, f'din il-premessa 896, li hija kienet ibbażat ruħha fuq l-investigazzjoni tagħha tas-suq sabiex tiċħadhom.

251 Min-naħa l-oħra, fil-punti 484 sa 486 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-ilmenti ta' thyssenkrupp li jgħidu li l-Kummissjoni la pparagunat l-investimenti ta' TSE ma' dawk tal-kompetituri tagħha u lanqas ma ħadet inkunsiderazzjoni l-ispejjeż tar-riċerka u tal-iżvilupp jew il-pjanijiet ta' strateġija interna ta' dawn il-kompetituri.

252 Madankollu, mill-punti 484 sa 486 tas-sentenza appellata jirriżulta b'mod ċar li l-Qorti Ġenerali eżaminat dawn l-ilmenti u rrilevat li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni kienet wettqet, fil-premessi 883 sa 966 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, analiżi ddettaljata tar-rwol, tal-pożizzjoni u tal-kapaċitajiet speċifiċi ta' TSE meta mqabbla ma' atturi oħra fis-suq ikkonċernat u kkonstatat li TSE kienet differenti mill-parti l-kbira ta' dawn l-atturi l-oħra. Fil-punti 485 u 486 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li, għall-finijiet tal-analiżi tagħha, il-Kummissjoni kienet ħadet inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-investimenti u l-pjanijiet ta' espansjoni ta' erba' kompetituri ta' TSE.

253 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kritika fformulata minn thyssenkrupp fir-rigward tal-punti 476, 478, 484 u 486 tas-sentenza appellata ma hijiex fondata.

254 Fir-rigward tat-tieni argument imqajjem fil-kuntest tat-tieni lment, imsemmi fil-punt 223 ta' din is-sentenza, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li thyssenkrupp ma wrietx għal liema raġuni l-Qorti Ġenerali ma kellhiex tipprivileġġa d-dikjarazzjonijiet tal-fornituri li ma humiex TSE filwaqt li, kif kienet irrilevat il-Kummissjoni, huma kienu f'pożizzjoni aħjar minn thyssenkrupp sabiex jikkummentaw dwar il-pjanijiet ta' investiment tagħhom stess.

255 Għalhekk, dan l-argument ta' thyssenkrupp għandu jiġi miċħud bħala infondat.

256 Fir-rigward tat-tielet argument imressaq fil-kuntest tat-tieni lment, imsemmi fil-punt 224 ta' din is-sentenza, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li, fil-punt 478 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tfittex li tagħti tweġiba għall-argument li permezz tiegħu thyssenkrupp tikkritika lill-Kummissjoni talli ma ċċitatx il-provi li fuqhom hija bbażat ruħha sabiex tikklassifika lil TSE bħala "forza kompetittiva importanti".

257 Issa, thyssenkrupp ma tikkontestax l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali, fil-punt 479 tas-sentenza appellata, li l-appellanti ma wrietx li l-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tibbaża ruħha fuq sensiela ta' indizji fattwalment eżatti, affidabbli u konkordanti, ta' natura li jsostnu l-konklużjonijiet li kienu nsiltu f'dan ir-rigward fil-premessi 883 sa 966 tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

258 Min-naħa l-oħra, permezz tal-punt 485 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tfittex li tagħti tweġiba għall-argument ta' thyssenkrupp li l-Kummissjoni ma wettqitx paragun tal-investimenti ta' TSE ma' dawk tal-kompetituri tagħha għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' TSE bħala "forza kompetittiva importanti".

259 Issa, anki jekk jitqies li ma kienx hemm lok li l-Qorti Ġenerali tirreferi għall-premessa 1079 tad-Deċiżjoni kontenzjuża peress li din ma tagħmilx parti mit-taqsima ta' dik id-deċiżjoni ddedikata speċifikament għall-kwistjoni dwar jekk TSE tikkostitwixxix forza kompetittiva importanti, għandu jiġi rrilevat li, fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq premessi oħra tal-imsemmija deċiżjoni li juru li l-Kummissjoni kienet effettivament wettqet tali paragun.

260 Fil-fatt, mill-punt 484 tas-sentenza appellata jirriżulta li, fil-premessi 883 sa 966 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni analizzat ir-rwol u l-kapaċitajiet speċifiċi ta' TSE, il-pożizzjoni ta' TSE meta mqabbla ma' atturi oħra fis-suq u kkonstatat li TSE kienet differenti mill-parti l-kbira ta' dawn l-atturi l-oħra.

261 Issa, mill-premessa 896 ta' dik id-deċiżjoni, li ġiet eżaminata mill-Qorti Ġenerali fil-punt 477 ta' dik is-sentenza, jirriżulta li l-Kummissjoni kienet analizzat l-affermazzjoni tal-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata li l-kompetituri ta' TSE kienu huma stess jagħmlu investimenti komparabbli għal dawk ta' TSE u li hija kienet ikkonstatat li din l-affermazzjoni kienet kontradetta mill-informazzjoni li hija kienet irċeviet mingħand dawn il-kompetituri u mingħand il-konsumaturi tal-prodotti inkwistjoni.

262 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument ta' thyssenkrupp għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

263 Fir-rigward tar-raba' argument imressaq fil-kuntest tat-tieni lment, imsemmi fil-punti 225 sa 228 ta' dik is-sentenza, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li dan l-argument jirrigwarda motiv superfluwu tas-sentenza appellata. Issa, peress li l-ilmenti diretti kontra motivi superfluwi ta' deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali ma jistgħux iwasslu għall-annullament ta' dik id-deċiżjoni u għalhekk huma ineffettivi (sentenza tat-13 ta' Lulju 2023, Il-Kummissjoni vs CK Telecoms UK Investments, C-376/20 P, EU:C:2023:561, punt 96 u l-ġurisprudenza ċċitata), l-imsemmi argument għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

264 Fir-rigward tal-ħames argument imressaq fil-kuntest tat-tieni lment, imsemmi fil-punt 229 ta' din is-sentenza, għandu jitqies li, anki jekk jitqies li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 487 tas-sentenza appellata, ma għamlitx sunt korrett tal-premessa 897 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, tali żball huwa irrilevanti għall-allegazzjoni ta' thyssenkrupp li l-Qorti Ġenerali naqset milli teżamina b'mod indipendenti l-affermazzjoni tagħha li l-investimenti ta' TSE kienu intiżi biss sabiex tilħaq mal-kompetituri tagħha. Fil-fatt, fil-punt 488 ta' dik is-sentenza, li ma huwiex ikkontestat minn thyssenkrupp, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni kienet ċaħdet din l-affermazzjoni fil-premessi 920 sa 932 tad-Deċiżjoni kontenzjuża u li l-ebda prova kuntrarja suffiċjentement konvinċenti ma kienet ġiet prodotta minn thyssenkrupp sabiex tneħħi l-plawżibbiltà tal-evalwazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni fl-imsemmija premessi.

265 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-ħames argument imressaq fil-kuntest tat-tieni lment, imsemmi fil-punt 229 ta' din is-sentenza, għandu jiġi miċħud.

266 Fir-rigward tas-sitt argument imqajjem fil-kuntest tat-tieni lment, imsemmi fil-punt 230 ta' din is-sentenza, għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument ta' thyssenkrupp huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata.

267 Kif jirriżulta mill-punti 473 u 490 tas-sentenza appellata, li jinkludu sunt tal-ilmenti ta' thyssenkrupp, din il-kumpannija sempliċement sostniet quddiem il-Qorti Ġenerali li l-Kummissjoni kienet injorat l-imsemmija provi. Dan il-fatt huwa kkonfermat mill-qari tal-punt 107 tar-rikors fl-ewwel istanza.

268 F'dan il-kuntest, fil-punt 490 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali indirizzat preċiżament dan l-ilment u, billi għamlet riferiment għall-premessi 883 sa 966 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, ikkonstatat li, kuntrarjament għal dak li ssostni thyssenkrupp, fil-kuntest tal-eżami tagħha tal-provi kollha mqiegħda għad-dispożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni kienet ħadet inkunsiderazzjoni dawn il-provi, iżda kienet qieset li dawn ma kinux suffiċjentement konvinċenti sabiex ibiddlu l-evalwazzjoni tagħha f'dan ir-rigward.

269 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li ma evalwatx hija stess il-provi prodotti mill-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata jew li ma ppreċiżatx f'liema premessi tad-Deċiżjoni kontenzjuża l-Kummissjoni kienet eżaminat dawn il-provi.

270 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tieni lment tat-tieni parti tat-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

271 Għaldaqstant, it-tieni parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq it-tielet parti tat-tielet aggravju

– *L-argumenti tal-partijiet*

272 thyssenkrupp issostni li, kuntrarjament għat-tagħlim li jirriżulta mill-punti 227 *et seq*. tas-sentenza tat-28 ta' Mejju 2020, CK Telecoms UK Investments vs Il-Kummissjoni (T-399/16, EU:T:2020:217), il-Qorti Ġenerali ma talbitx lill-Kummissjoni turi livell partikolari ta' prossimità bejn thyssenkrupp u TSE, kemm f'dak li jirrigwarda s-suq Auto HDG kif ukoll is-suq tal-azzar intiż għall-imballaġġ. Skont thyssenkrupp, dik il-qorti għalhekk wettqet interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljati tal-kunċett ta' "kompetituri fil-qrib", li jinsab fil-punt 28 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali.

273 L-ewwel nett, fil-punt 532 tas-sentenza appellata, li jikkonkludi t-taqsima dwar l-Auto HDG, il-Qorti Ġenerali għamlet riferiment għall-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li thyssenkrupp u TSE huma kompetituri "mill-qrib" u mhux kompetituri "partikolarment" mill-qrib. Issa, l-approċċ segwit mill-Qorti Ġenerali fil-punti 513, 520 u 521 tas-sentenza appellata juri li l-Qorti Ġenerali ma obbligatx lill-Kummissjoni turi li dawn iż-żewġ kumpanniji huma kompetituri partikolarment mill-qrib.

274 It-tieni nett, fit-taqsima kollha tas-sentenza appellata dwar l-azzar intiż għall-imballaġġ, b'mod partikolari fil-punti 740 sa 745 u 750 sa 752 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kklassifikat il-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata bħala kompetituri "mill-qrib". B'mod partikolari, mill-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jinsabu fil-punti 735, 739, 747 u 751 tal-imsemmija sentenza jirriżulta b'mod ċar li l-Qorti Ġenerali ma tirrikonoxxix li l-prossimità tal-kompetizzjoni, fis-sens tal-punti 28 *et seq*. tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali, teżiġi livell partikolari ta' prossimità. Għalhekk minn dawn il-punti tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma applikatx il-kriterju xieraq ta' livell partikolari ta' prossimità tal-kompetizzjoni.

275 Il-Kummissjoni tikkontesta kemm l-ammissibbiltà kif ukoll il-fondatezza tal-argumenti ta' thyssenkrupp.

276 Fir-replika tagħha, thyssenkrupp toġġezzjona li din il-parti hija ammissibbli, minn naħa, minħabba li, minkejja li ma użatx it-termini "kompetituri partikolarment mill-qrib" fir-rikors tagħha fl-ewwel istanza, jirriżulta, b'mod partikolari, mill-punt 161 tagħha, li hija rreferiet għall-punt 28 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali kif ukoll għall-fatt li l-Kummissjoni ma applikatx il-kriterju t-tajjeb li jikkonsisti f'li jiġi ddeterminat jekk il-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata kinux joffru prodotti li numru kbir ħafna ta' klijenti jikkunsidraw bħala li jikkostitwixxu l-ewwel jew it-tieni għażla tagħhom, li juri livell partikolari ta' prossimità tal-kompetizzjoni. Min-naħa l-oħra, din il-kwistjoni tqajmet minn thyssenkrupp waqt is-seduta quddiem il-Qorti Ġenerali.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

277 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, kif ġie rrilevat fil-punt 123 ta' din is-sentenza, li, konformement mal-Artikolu 170(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-appell ma jistax ibiddel is-suġġett tat-tilwima quddiem il-Qorti Ġenerali. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-appell, hija fil-fatt limitata għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li ngħatat għall-motivi dibattuti quddiem l-ewwel istanza. Għalhekk parti ma tistax tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja motiv li hija ma tkunx qajmet quddiem il-Qorti Ġenerali, peress li dan ikun ifisser li din il-parti titħalla tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-kompetenza tagħha fil-qasam ta' appell hija limitata, tilwima iktar estiża minn dik li tressqet quddiem il-Qorti Ġenerali.

278 Issa, f'dan il-każ, mir-rikors fl-ewwel istanza, b'mod partikolari mill-punt 161 tiegħu, jirriżulta li għalkemm thyssenkrupp irreferiet għall-punt 28 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali, xorta jibqa' l-fatt li din il-kumpannija ma kkritikatx lill-Kummissjoni talli wettqet żball sa fejn, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-prossimità ta' thyssenkrupp u ta' TSE, dik l-istituzzjoni applikat kriterju inqas eżiġenti minn dak li jgħid li dawn iż-żewġ impriżi kellhom jiġu kklassifikati bħala "kompetituri partikolarment mill-qrib". thyssenkrupp illimitat ruħha, fir-realtà, li tafferma li l-evalwazzjoni dwar l-eżistenza ta' prossimità tal-kompetizzjoni kienet tikkostitwixxi essenzjalment evalwazzjoni ekonomika tal-livell ta' sostitwibbiltà tal-prodotti tal-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata u li l-mistoqsijiet magħmula mill-Kummissjoni lill-klijenti sabiex tiġi ddeterminata l-prossimità tal-kompetizzjoni bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata kienu żbaljati.

279 Fir-rigward tal-argument ta' thyssenkrupp li jgħid li, waqt is-seduta quddiem il-Qorti Ġenerali, din il-kumpannija affermat espressament, billi rreferiet għas-sentenza tat-28 ta' Mejju 2020, CK Telecoms UK Investments vs Il-Kummissjoni (T-399/16, EU:T:2020:217), li l-Kummissjoni kellha turi li thyssenkrupp u TSE huma "kompetituri partikolarment mill-qrib", kemm fir-rigward tas-suq Auto HDG kif ukoll fir-rigward tas-suq tal-azzar intiż għall-imballaġġ, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li thyssenkrupp ma pproduċiet l-ebda prova li tista' ssostni dan l-argument.

280 Għaldaqstant, it-tielet parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

281 Għaldaqstant, it-tielet parti tat-tielet aggravju hija miċħuda.

Fuq ir-raba' parti tat-tielet aggravju

– *L-argumenti tal-partijiet*

282 L-ewwel nett, thyssenkrupp tikkritika, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali talli ma eżaminatx, fil-punti 279 sa 287 tas-sentenza appellata, l-argumenti ta' din il-kumpannija esposti fil-punti 63 sa 68 tar-rikors fl-ewwel istanza. Skont l-imsemmija kumpannija, il-Qorti Ġenerali kkuntentat ruħha li tirriproduċi l-provi li fuqhom il-Kummissjoni bbażat ruħha fid-Deċiżjoni kontenzjuża.

283 It-tieni nett, thyssenkrupp tikkritika lill-Qorti Ġenerali, essenzjalment, b'mod partikolari fil-punt 285 tas-sentenza appellata, talli kkonfermat l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni li ż-żidiet fil-prezzijiet wara l-konċentrazzjoni ppjanata kienu sostnuti biss mit-theddida ta' ritaljazzjoni min-naħa tal-entità li tirriżulta minn din il-konċentrazzjoni jekk AM ma kinitx tadatta għaż-żidiet fil-prezzijiet. Skont thyssenkrupp, mingħajr konstatazzjoni ta' effetti koordinati, dan l-approċċ jippermetti lill-Kummissjoni tikkonstata l-eżistenza ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva fil-konċentrazzjonijiet kollha. thyssenkrupp tippreċiża li l-entitajiet kollha f'fużjoni jkunu fil-fatt inċentivati li jżidu l-prezzijiet jekk huma jkunu jistgħu jheddu b'mod kredibbli r-ritaljazzjonijiet tar-rivali li ma jadattawx ruħhom.

284 It-tielet nett, thyssenkrupp tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli llimitat ruħha, fil-punti 611, 612, 615, 617 u 619 tas-sentenza appellata, mingħajr ma wettqet l-analiżi tagħha stess tal-punt dwar jekk AM kinitx alternattiva vijabbli għax-xerrejja ta' TP jew ta' ECCS, li tiġbor fil-qosor id-Deċiżjoni kontenzjuża, billi kkonstatat li l-analiżi ekonomika tal-Kummissjoni kienet "koerenti", "plawżibbli ħafna" u "soda".

285 Barra minn hekk, skont thyssenkrupp, l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tinsab fil-punt 615 tas-sentenza appellata u li tirrigwarda l-aġir possibbli ta' AM wara żieda fil-prezz min-naħa tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni hija żbaljata sa fejn il-Qorti Ġenerali injorat il-fatt li kompetitur kien ser iżid id-domanda tiegħu biss jekk ma jsegwix iż-żieda (ipotetika) tal-prezzijiet tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni.

286 Barra minn hekk, thyssenkrupp tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli naqset milli tevalwa, fil-punti 613 *et seq*. tas-sentenza appellata, liema kapaċitajiet ta' riżerva setgħu jitqiesu bħala "suffiċjenti".

287 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argument ta' thyssenkrupp.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

288 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-ilment ta' thyssenkrupp li jgħid li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx, fil-punti 279 sa 287 tas-sentenza appellata, l-argumenti ta' din il-kumpannija esposti fil-punti 63 sa 68 tar-rikors fl-ewwel istanza, għandu jiġi kkonstatat li dan l-ilment jirriżulta minn qari żbaljat tas-sentenza appellata.

289 L-argumenti ta' thyssenkrupp li jinsabu fil-punti 63 sa 68 tar-rikors fl-ewwel istanza u huma miġburin fil-qosor fil-punti 270 u 271 tas-sentenza appellata huma miċħuda fil-punti 282 sa 290 ta' dik is-sentenza. B'mod partikolari, kif jirriżulta mill-punti 282, 283, 285 u 287 sa 289 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni kienet ibbażat ruħha fuq diversi provi, fuq l-aġir reali u effettiv ta' AM fis-suq Auto HDG kif ukoll fuq id-data ekonomika

pprovduta minn thyssenkrupp u TSE sabiex jiġi stabbilit li AM ma kinitx inċentivata tirreaġixxi permezz ta' żieda fil-produzzjoni tagħha għaż-żidiet fil-prezz tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punt 288 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali approvat il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni billi bbażat ruħha fuq l-eżami tagħha stess tal-imsemmija provi.

290 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument ta' thyssenkrupp, ibbażat, essenzjalment, fuq il-fatt li, b'mod partikolari fil-punt 285 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonfermat b'mod żbaljat il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni li ż-żidiet fil-prezzijiet wara l-konċentrazzjoni ppjanata jkunu sostnuti biss mit-theddida ta' ritaljazzjoni min-naħa tal-entità li tirriżulta minn din il-konċentrazzjoni jekk AM ma tadattax għaż-żidiet fil-prezzijiet, għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument huwa wkoll ibbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata.

291 Minn naħa, kif jirriżulta mill-punt 266 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-argument ta' thyssenkrupp li l-Kummissjoni kienet ikkonkludiet, impliċitament, li kienu jeżistu effetti orizzontali kkoordinati, peress li, skont dik l-istituzzjoni, AM kienet tikkoordina l-prezzijiet tagħha mal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata u din l-entità kienet tieħu inkunsiderazzjoni din il-koordinazzjoni sabiex tieħu d-deċiżjonijiet tariffarji tagħha wara l-konċentrazzjoni ppjanata. Fil-punti 268 u 269 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan l-argument ta' thyssenkrupp u kkonstatat, essenzjalment, li l-Kummissjoni ma kinitx semmiet, anki impliċitament, kwalunkwe eżistenza ta' effetti orizzontali kkoordinati bejn AM u l-entità li tirriżulta minn din il-konċentrazzjoni.

292 Min-naħa l-oħra, fil-punti 282 sa 290 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument ta' thyssenkrupp li, essenzjalment, id-Deċiżjoni kontenzjuża hija vvizzjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni f'dak li jikkonċerna l-provi użati sabiex tiġi stabbilita l-assenza ta' inċentiv min-naħa ta' AM sabiex teżerċita restrizzjoni fuq żieda fil-prezzijiet wara l-konċentrazzjoni ppjanata, minkejja l-kapaċitajiet enormi għad-dispożizzjoni tagħha.

293 Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha, il-Qorti Ġenerali bl-ebda mod ma kkonstatat li ż-żidiet fil-prezzijiet wara l-konċentrazzjoni ppjanata jkunu sostnuti biss mit-theddida ta' ritaljazzjoni min-naħa tal-entità li tirriżulta minn din il-konċentrazzjoni jekk AM ma tadattax għaż-żidiet fil-prezzijiet.

294 Fit-tielet u l-aħħar lok, fir-rigward tal-argument ta' thyssenkrupp imsemmi fil-punti 284 sa 286 ta' din is-sentenza, għandu jiġi rrilevat li, fir-rigward tal-punti 611, 612, 615, 617 u 619 tas-sentenza appellata, dawn jikkonċernaw l-eżami mill-Qorti Ġenerali tat-tielet parti tar-raba' motiv tar-rikors fl-ewwel istanza, dwar żball ta' liġi u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni dwar il-possibbiltajiet tal-klijenti li jbiddlu l-fornitur fiż-ŻEE.

295 Mill-punti 611 sa 620 tas-sentenza appellata jirriżulta b'mod suffiċjentement ċar li, kuntrarjament għal dak li ssostni thyssenkrupp, il-Qorti Ġenerali mhux biss ċaħdet il-kritika ta' din il-kumpannija li l-Kummissjoni ma kinitx ipprovat b'mod suffiċjenti fid-dritt li, wara l-konċentrazzjoni ppjanata, AM ma kinitx alternattiva vijabbli għax-xerrejja ta' TP jew ta' ECCS, iżda wettqet ukoll l-evalwazzjoni tagħha stess tal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni.

296 Fil-fatt, wara li kkonstatat, b'mod partikolari fil-punti 612 u 616 tas-sentenza appellata, li, f'dak li jirrigwarda kemm is-suq ta' TP kif ukoll dak tal-ECCS, il-Kummissjoni kienet ikkorroborat l-analiżi prospettiva tagħha tal-inċentivi ta' AM sabiex tiġġieled kontra żieda possibbli fil-prezzijiet tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata, il-Qorti Ġenerali, qabelxejn,

wettqet, fil-punt 614 ta' dik is-sentenza, verifika tal-kwistjoni dwar jekk din l-analiżi kinitx konformi mal-punti 32 sa 35 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali, li jinsabu taħt it-titolu "Il-kompetituri x'aktarx ma jżidux il-provvisti jekk il-prezzijiet jogħlew". Wara l-eżami tagħha, hija qieset li ż-żieda tal-produzzjoni kienet improbabbli, b'mod partikolari, meta l-kompetituri kien ikollhom limitazzjonijiet ta' kapaċità, bħalma huwa l-każ ta' AM f'dan il-każ għat-TP.

297 Sussegwentement, kif jirriżulta mill-punt 615 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-analiżi prospettiva tal-Kummissjoni u kkonstatat li kien probabbli ħafna li, quddiem żieda possibbli fil-prezzijiet min-naħa tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata, il-klijenti li kienu jippruvaw iduru lejn kompetitur, bħal AM, li huwa l-uniku attur importanti ieħor fis-suq ikkonċernat, kienu ser jiġu kkonfrontati wkoll b'żidiet fil-prezz.

298 Fil-fatt, skont il-Qorti Ġenerali, meta tali kompetitur jara li d-domanda għall-prodotti tiegħu qiegħda tiżdied, huwa stess ikun unilateralment inċentivat li jżid il-prezzijiet u mhux li jżommhom kostanti jew li jbaxxihom sabiex jikseb klijenti ġodda, għaliex dan imur kontra l-ottimizzazzjoni tal-profitti tiegħu. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali approvat l-analiżi prospettiva tal-Kummissjoni bħala koerenti u plawżibbli ħafna u, kuntrarjament għal dak li ssostni thyssenkrupp, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata talli ddeterminat b'mod żbaljat, fil-punt 615 tas-sentenza appellata, l-aġir possibbli ta' AM fil-każ ta' żieda fil-prezz min-naħa tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata, fid-dawl b'mod partikolari tar-restrizzjonijiet ta' kapaċità ta' din il-kumpannija, invokati fil-punt 613 ta' dik is-sentenza.

299 Barra minn hekk, fil-punt 617 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li r-raġunament, espost fil-punti 612 *et seq*. ta' dik is-sentenza, dwar is-suq ta' TP kien japplika, essenzjalment, ukoll għas-suq tal-ECCS. B'hekk, hija kkonfermat li l-analiżi prospettiva tal-Kummissjoni, li tgħid li AM ma kinitx inċentivata sabiex tiġġieled kontra żieda possibbli fil-prezzijiet tal-ECCS wara l-konċentrazzjoni ppjanata, iżda pjuttost li ssegwiha u li tibbenefika minnha, kienet fil-fatt daqstant koerenti u plawżibbli ħafna, fid-dawl ukoll tal-fatt li l-istruttura oligopolistika tas-suq tal-ECCS probabbilment ser tkompli tissaħħaħ wara din il-konċentrazzjoni.

300 Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 619 tas-sentenza appellata, li l-analiżi prospettiva tal-Kummissjoni, imwettqa fil-premessi 1288 u 1289 kif ukoll fil-premessi 1294 *et seq*. tad-Deċiżjoni kontenzjuża, kienet effettivament ibbażata fuq analiżi ekonomika soda tar-reazzjoni ta' AM fir-rigward ta' żieda possibbli fil-prezzijiet tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni fis-swieq tat-TP u tal-ECCS.

301 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li ma wettqitx l-analiżi tagħha stess tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar jekk AM hijiex alternattiva vijabbli għax-xerrejja ta' TP jew ta' ECCS. Dan l-ilment ta' thyssenkrupp għalhekk jirriżulta minn qari żbaljat tas-sentenza appellata.

302 Il-Qorti Ġenerali lanqas ma tista' tiġi kkritikata talli naqset milli tevalwa, fil-punti 613 *et seq*. tas-sentenza appellata, il-kapaċitajiet ta' riżerva li setgħu jitqiesu bħala "suffiċjenti". F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat, minn naħa, li la mill-punt 136 tar-rikors fl-ewwel istanza u lanqas mill-punt 601 tas-sentenza appellata, li jirriproduċi l-argument ta' thyssenkrupp fl-ewwel istanza, ma jirriżulta li din il-kumpannija qajmet tali argument quddiem il-Qorti Ġenerali, li jirrendi din il-kritika manifestament inammissibbli. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni l-kapaċitajiet ta' riżerva ta' AM għaliex, kif jirriżulta mill-punti 612, 613, 618

u 619 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali rreferiet għall-premessa 1289 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li tinkludi stima tal-kapaċitajiet ta' riżerva tal-kompetituri tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata u b'mod partikolari ta' dawk ta' AM.

303 Għaldaqstant, ir-raba' parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u bħala parzjalment infondata.

Fuq il-ħames parti tat-tielet aggravju

– *L-argumenti tal-partijiet*

304 Permezz tal-ewwel ilment tagħha, thyssenkrupp tikkritika lill-Qorti Ġenerali, l-ewwel nett, talli naqset milli tirrileva li ma kienx possibbli li jiġi kkunsidrat, abbażi tal-istrateġija attwali ta' TSE, li l-klijenti stabbiliti fiż-ŻEE ma kinux jikkostitwixxu mira strateġika għall-forniturі Asjatiċi Posco, Hyundai Steel u Baosteel, mingħajr ma staqsiet direttament lil dawn l-impriżi x'kienet il-mira strateġika tagħhom. It-tieni nett, thyssenkrupp tqis li teżisti kontradizzjoni fil-punt 545 tas-sentenza appellata, peress li, f'dak il-punt, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, minn naħa, li Posco, Hyundai Steel u Baosteel irnexxielhom jipprovdu proporzjon sinjifikattiv tal-bżonnijiet ta' ċerti klijenti u, min-naħa l-oħra, li "l-klijenti kienu esprimew huma stess preferenza ċara għall-provvista fi ħdan iż-ŻEE". It-tielet nett, thyssenkrupp tqis li, fil-punt 545 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżiġiet b'mod żbaljat li din il-kumpannija turi li l-klijenti kollha setgħu jiġu fornuti fil-parti l-kbira tagħhom minn importaturi. Ir-raba' nett, thyssenkrupp issostni li l-Qorti Ġenerali injorat il-provi rilevanti, meta, fil-punt 545 tas-sentenza appellata, qieset li r-raġunijiet intiżi sabiex jiġġustifikaw il-fatt li Fiat Chrysler Automobiles NV (iktar 'il quddiem "FCA") kienet fornuta billi tirrikorri għall-importazzjonijiet ma kinux trasponibbli għall-klijenti l-oħra.

305 Permezz tat-tieni lment tagħha, thyssenkrupp issostni, l-ewwel nett, li, fil-punt 645 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx l-analiżi tagħha stess tal-argumenti ta' thyssenkrupp ibbażati fuq il-fatt li l-Kummissjoni kienet tat piż sproporzjonat lil ċerti dikjarazzjonijiet ta' klijenti dwar restrizzjonijiet allegatament imputabbli għall-volatilità tad-domanda, iżda sempliċement iddeskriviet l-approċċ tal-Kummissjoni u rreferiet għat-tweġibiet mogħtija għall-kwestjonarju 13, mingħajr ma pprovdiet spjegazzjonijiet oħra.

306 It-tieni nett, skont thyssenkrupp, fil-punt 646 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qalbet l-oneru tal-prova billi kkunsidrat li l-ilment invokat minn thyssenkrupp, li jgħid li l-Kummissjoni injorat il-fatt li l-partijiet stess bigħu volumi sinjifikattivi lil klijenti stabbiliti barra miż-ŻEE, jista' jkollu biss rilevanza limitata ħafna għall-analiżi tas-swieq inkwistjoni u tar-reazzjoni tal-klijenti stabbiliti fi ħdan iż-ŻEE, peress li thyssenkrupp ma wrietx il-kuntrarju.

307 It-tielet nett, thyssenkrupp issostni, minn naħa, li, fil-punt 647 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi li hija kellha quddiemha u li l-motivazzjoni tagħha hija kontradittorja. Fil-fatt, hija tqis li, peress li l-Qorti Ġenerali kkonstatat li d-dokumenti interni ta' thyssenkrupp, riprodotti fl-istampi 200 u 201 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, "[kienu] jikkorroboraw" il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-importanza tat-termini, l-interpretazzjoni żbaljata ta' dawn id-dokumenti interni mill-Kummissjoni neċessarjament kellha effett fuq l-evalwazzjoni ta' dik l-istituzzjoni.

308 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-kwalità tal-importazzjonijiet, thyssenkrupp essenzjalment ikkritikat lill-Kummissjoni li, fil-premessi 1312 sa 1316 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, għażlet kwotazzjonijiet mill-investigazzjoni tagħha tas-suq u injorat l-informazzjoni li toriġina mill-partijiet jew minn din l-investigazzjoni li tikkontradixxihom. F'dan ir-rigward, thyssenkrupp tqis li mill-punt 649 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali sempliċement irreferiet għat-tweġibiet mogħtija għall-mistoqsija 63 tal-kwestjonarju 4 mingħajr ma wettqet l-analiżi tagħha stess.

309 Il-Kummissjoni tikkontesta kemm il-fondatezza tal-argumenti ta' thyssenkrupp kif ukoll l-ammissibbiltà ta' wħud mill-argumenti tagħha.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

310 Fir-rigward tal-ewwel ilment ta' thyssenkrupp dwar l-effett tal-importazzjonijiet ta' prodotti ta' Auto HDG fuq il-kompetizzjoni, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti Ġenerali eżaminat is-seba' parti tat-tielet motiv tar-rikors fl-ewwel istanza fil-punti 534 sa 551 tas-sentenza appellata.

311 Qabel kollox, fil-punti 541 sa 544 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-kritika magħmula lill-Kummissjoni minn thyssenkrupp li dik l-istituzzjoni ma kinitx eżaminat b'mod suffiċjenti l-kwistjoni dwar sa fejn l-importazzjonijiet jikkostitwixxu restrizzjoni fuq il-partijiet wara l-implimentazzjoni tal-konċentrazzjoni ppjanata.

312 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset, essenzjalment, li, kif jirriżulta mill-premessa 974 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, l-investigazzjoni tas-suq imwettqa mill-Kummissjoni kienet żvelat li l-flussi futuri ta' importazzjonijiet possibbli ta' Auto HDG lejn iż-ŻEE kienu minimi u li l-importazzjonijiet kienu jikkostitwixxu restrizzjoni limitata minħabba fatturi ta' natura strutturali u regolamentari, bħal termini ta' eżekuzzjoni itwal, in-nuqqas ta' reattività tal-importaturi, ir-riskju ta' ħsara matul it-trasport, in-nuqqas ta' kapaċitajiet tekniċi tal-forniturі stabbiliti barra miż-ŻEE, in-nuqqas ta' preżenza kummerċjali fiż-ŻEE kif ukoll il-miżuri ta' difiża kummerċjali imposti reċentement fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti ta' Auto HDG.

313 Sussegwentement, fil-punti 545 u 546 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset, essenzjalment, li l-eżempju rari ta' FCA, bħala klijenta li tiġi fornuta billi tirrikorri għall-importazzjonijiet, invokat minn thyssenkrupp, ma jistax fih innifsu jinvalida l-fatt li l-maġġoranza l-kbira tal-klijenti tas-settur tal-karozzi ma jiġux fornuti mingħand forniturі stabbiliti barra miż-ŻEE, jew jagħmlu dan b'mod negliġibbli, fatt li ma għandux jinbidel fil-futur, kif jirriżulta mill-premessi 974 u 981 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li ma ġewx ikkontestati minn thyssenkrupp. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-fatt li klijent speċifiku tal-karozzi jiġi fornut mill-importazzjonijiet ma kienx ifisser li dan kien l-istess għall-klijenti kollha.

314 Barra minn hekk, fil-punti 547 sa 549 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-kritika indirizzata lill-Kummissjoni minn thyssenkrupp li dik l-istituzzjoni, mingħajr ma talbet lil Posco, lil Hyundai Steel u lil Baosteel jekk il-klijenti stabbiliti fiż-ŻEE kinux il-mira strateġika tagħhom, kienet, fil-premessa 1001 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, tiddeduċi mill-istrateġija attwali ta' TSE l-konstatazzjoni li dawn il-klijenti stabbiliti fiż-ŻEE ma kinux jikkostitwixxu tali mira għal dawn il-kumpanniji.

315 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-imsemmija kumpanniji ma kinux jikkonċentraw l-istrateġiji tagħhom fuq il-klijenti fiż-ŻEE minħabba li t-trasport tal-prodotti fuq livell dinji kien diffiċli u oneruż. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni kienet ibbażat ruħha fuq it-tabella Nru 8 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, imfassla abbażi tad-data pprovduta mill-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata, sabiex issostni li l-volumi limitati tal-importazzjonijiet fiż-ŻEE kienu jindikaw li dawn l-importazzjonijiet kienu jikkostitwixxu restrizzjoni limitata fuq il-forniturі stabbiliti fiż-ŻEE. It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali qieset li l-investigazzjoni tas-suq tal-Kummissjoni kienet uriet li l-klijenti kienu jesprimu huma stess preferenza ċara għall-provvista fi ħdan iż-ŻEE. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali qieset li, anki jekk jitqies li l-Kummissjoni ma ddeduċietx mill-istrateġija attwali ta' TSE li l-klijenti ta' din il-kumpannija ma kinux jikkostitwixxu mira strateġika għal Posco, Hyundai Steel u Baosteel, dik l-istituzzjoni kienet neċessarjament tasal għall-istess konstatazzjoni, jiġifieri li l-imsemmija klijenti ma kinux jikkostitwixxu mira strateġika għal dawn il-kumpanniji.

316 Fl-aħħar nett, fil-punt 550 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li Posco għandha importanza minima bħala kompetitriċi ta' thyssenkrupp u TSE fis-suq tal-Auto HDG taż-ŻEE. Din il-konstatazzjoni ma hijiex ikkontestata minn thyssenkrupp quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

317 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kkonstatat fil-punt 551 tas-sentenza appellata li, fid-dawl tal-motivi kollha li jinsabu fil-punti 540 sa 550 ta' dik is-sentenza, thyssenkrupp ma tistax validament tikkritika lill-Kummissjoni talli wettqet, fil-premessi 967 sa 1033 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, żbalji manifesti ta' evalwazzjoni li jivvizzjaw il-konklużjoni li l-importazzjonijiet kienu jikkostitwixxu restrizzjoni kompetittiva limitata fuq il-forniturі taż-ŻEE fis-settur tal-Auto HDG fi ħdan iż-ŻEE.

318 F'dan il-kuntest, għandu, fl-ewwel lok, jiġi eżaminat it-tielet argument ifformulat fil-kuntest tal-ewwel ilment ta' thyssenkrupp, li jipprovdi li, fil-punt 545 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali b'mod żbaljat eżiġiet li din il-kumpannija turi li l-klijenti kollha setgħu jiġu fornuti fil-parti l-kbira minn importaturi.

319 Għandu jiġi kkonstatat, f'dan ir-rigward, li din l-affermazzjoni tirriżulta minn qari żbaljat ta' dan il-punt 545.

320 Huwa minnu li, fl-imsemmi punt 545, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li "l-fatt li klijent speċifiku tal-karozzi jiġi fornut mill-importazzjonijiet ma jfissirx li dan japplika għall-klijenti kollha". Madankollu, tali kunsiderazzjoni ma timplikax li l-Qorti Ġenerali eżiġiet li thyssenkrupp turi li l-klijenti kollha setgħu jiġu forniti fil-parti l-kbira tagħhom minn importaturi. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li, "[f]i kwalunkwe każ, eżempju wieħed, jew anki diversi eżempji rari ma jistgħux waħedhom jinvalidaw il-fatt li l-maġġoranza l-kbira tal-klijenti tas-settur tal-karozzi ma jiġux fornuti minn forniturі stabbiliti barra miż-ŻEE, jew jagħmlu dan b'mod negliġibbli". Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li l-Qorti Ġenerali sempliċement ippreċiżat li ma setgħetx tinsilet konklużjoni ġenerali minn eżempji iżolati.

321 Fit-tieni lok, għandu jiġi eżaminat ir-raba' argument ifformulat fil-kuntest tal-ewwel ilment ta' thyssenkrupp li, fil-punt 545 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali injorat il-provi rilevanti, meta qieset li r-raġunijiet intiżi sabiex jiġġustifikaw il-fatt li FCA kienet fornuta permezz tal-importazzjonijiet ma kinux trasponibbli għall-klijenti l-oħra.

322 F'dan ir-rigward, peress li thyssenkrupp ma tikkontestax, fuq il-mertu, l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tinsab fil-punt 545 tas-sentenza appellata, li "eżempju wieħed, jew anki diversi eżempji rari ma jistgħux waħedhom jinvalidaw il-fatt li l-maġġoranza l-kbira tal-klijenti tas-settur tal-karozzi ma jiġux fornuti minn fornituri stabbiliti barra miż-ŻEE, jew jagħmlu dan b'mod negliġibbli", għandu jiġi miċħud l-argument kollu ta' thyssenkrupp li jikkonċerna lil FCA bħala ineffettiv.

323 It-tielet nett, għandu jiġi eżaminat it-tieni argument ifformulat fil-kuntest tal-ewwel ilment ta' thyssenkrupp, li teżisti kontradizzjoni fil-punt 545 tas-sentenza appellata, peress li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat, minn naħa, li Posco, Hyundai Steel u Baosteel irnexxielhom jipprovdu proporzjon sinjifikattiv tal-bżonnijiet ta' ċerti klijenti u, min-naħa l-oħra, li "l-klijenti kienu esprimew huma stess preferenza ċara għall-provvista fi ħdan iż-ŻEE".

324 Issa, dan l-argument huwa wkoll ibbażat fuq qari żbaljat tal-punt 545 tas-sentenza appellata. Fil-fatt, f'dan il-punt 545, il-Qorti Ġenerali bl-ebda mod ma kkunsidrat li Posco, Hyundai Steel u Baosteel kien irnexxielhom jipprovdu proporzjon sinjifikattiv tal-bżonnijiet ta' ċerti klijenti jew tal-klijenti kollha stabbiliti fiż-ŻEE. Għall-kuntrarju, kif tfakkar fil-punt 313 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, essenzjalment, li l-eżempju rari ta' FCA invokat minn thyssenkrupp ma jistax fih innifsu jinvalida l-fatt li l-maġġoranza l-kbira tal-klijenti tas-settur tal-karozzi stabbiliti fiż-ŻEE ma kinux fornuti mingħand fornituri stabbiliti barra miż-ŻEE, jew kienu jagħmlu dan b'mod negliġibbli. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-fatt li klijent speċifiku tal-karozzi jiġi fornut mill-importazzjonijiet ma kienx ifisser li dan kien l-istess għall-klijenti kollha. Din il-kunsiderazzjoni hija konsistenti mal-konstatazzjoni li dawn il-klijenti ma kinux jikkostitwixxu mira strateġika għall-fornituri stabbiliti barra miż-ŻEE.

325 Fir-raba' u l-aħħar lok, għandu jiġi ttrattat l-ewwel argument ifformulat fil-kuntest tal-ewwel ilment ta' thyssenkrupp, li permezz tiegħu din il-kumpannija tqis li, mingħajr ma titlob direttament lil Posco, lil Hyundai Steel u lil Baosteel x'kienet il-mira strateġika tagħhom, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tikkunsidra, abbażi tal-informazzjoni li kellha għad-dispożizzjoni tagħha, li l-klijenti taż-ŻEE ma kinux jikkostitwixxu mira strateġika għal dawn il-fornituri Asjatiċi.

326 Dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv. Fil-fatt, il-kwistjoni dwar jekk il-klijenti stabbiliti fiż-ŻEE kinux jikkostitwixxu mira strateġika għal Posco, Hyundai Steel u Baosteel hija irrilevanti peress li, minn naħa, kif jirriżulta mill-punti 541 sa 544 tas-sentenza appellata, l-investigazzjoni tas-suq imwettqa mill-Kummissjoni żvelat li l-flussi futuri ta' importazzjonijiet possibbli ta' Auto HDG lejn iż-ŻEE kienu minimi u li l-importazzjonijiet kienu jikkostitwixxu restrizzjoni limitata minħabba fatturi ta' natura strutturali u regolamentari, bħall-iskadenzi itwal għall-eżekuzzjoni, in-nuqqas ta' reattività tal-importaturi, ir-riskju ta' ħsara matul it-trasport, in-nuqqas ta' kapaċitajiet tekniċi tal-fornituri stabbiliti barra miż-ŻEE, in-nuqqas ta' preżenza kummerċjali fiż-ŻEE kif ukoll il-miżuri ta' difiża kummerċjali imposti reċentement fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti ta' Auto HDG.

327 Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punti 545 u 546 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-maġġoranza l-kbira tal-klijenti tas-settur tal-karozzi ma kinux jiġu fornuti mingħand fornituri stabbiliti barra miż-ŻEE jew kienu jagħmlu dan b'mod negliġibbli, fatt li ma kellux jinbidel fil-futur, kif jirriżulta mill-premessi 974 u 981 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li ma ġewx ikkontestati minn thyssenkrupp.

328 Għalhekk, anki jekk jitqies li l-Kummissjoni ddeduċiet b'mod żbaljat mill-istrateġija attwali ta' TSE l-konstatazzjoni li dawn il-klijenti ma kinux jikkostitwixxu tali mira għal dawn il-forniturі, tali żball possibbli ma jistax jaffettwa l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali, li tinsab fil-punt 551 tas-sentenza appellata, li tgħid li, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha li jinsabu fil-punti 540 sa 550 ta' dik is-sentenza, thyssenkrupp ma tistax validament tikkritika lill-Kummissjoni talli wettqet, fil-premessi 967 sa 1033 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, żbalji manifesti ta' evalwazzjoni li jivvizzjaw il-konklużjoni li l-importazzjonijiet kienu jikkostitwixxu restrizzjoni kompetittiva limitata fuq il-forniturі stabbiliti fiż-ŻEE fis-settur tal-Auto HDG fi ħdan iż-ŻEE.

329 Għaldaqstant, l-ewwel ilment għandu jiġi miċħud bħala infondat.

330 Fir-rigward tal-ewwel wieħed mit-tliet argumenti mqajma fil-kuntest tat-tieni lment, imsemmi fil-punt 305 ta' din is-sentenza, għandu jiġi kkunsidrat li dan l-argument huwa bbażat fuq qari żbaljat tal-punt 645 tas-sentenza appellata. F'dan il-punt 645, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li "mill-investigazzjoni tas-suq imwettqa mill-Kummissjoni u, b'mod partikolari, mit-tweġibiet għall-kwestjonarju 13 (Anness A.4h) jirriżulta li l-Kummissjoni ma kinitx tat, kif tallega [thyssenkrupp], piż sproporzjonat lil ċerti dikjarazzjonijiet tal-klijenti. Fil-fatt, il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni, fil-premessi 1307 sa 1309 tad-Deċiżjoni [kontenzjuża], [kienu] jirriflettu dawn it-tweġibiet b'mod raġonevoli". Hija żiedet "li għalkemm il-Kummissjoni ma [kinitx semmiet], fid-Deċiżjoni [kontenzjuża], id-dikjarazzjonijiet tal-klijenti li kkonfermaw l-użu ta' ħażniet irreġistrati fiż-ŻEE jew il-fatt li huma ttolleraw termini twal, dan ma [kienx] neċessarjament [ifisser] li l-Kummissjoni injorathom. F'dan il-każ, il-Kummissjoni sempliċement qieset, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessa 1311 tal-imsemmija deċiżjoni, li dawn id-dikjarazzjonijiet ma kinux suffiċjentement rappreżentattivi jew rilevanti fost it-tweġibiet kollha tal-klijenti miksuba fil-kuntest tal-investigazzjoni tagħha tas-suq". Fl-aħħar nett, hija tenfasizza "li, minn qari tat-tweġibiet għall-imsemmi kwestjonarju 13, dan [kien] fil-fatt il-każ."

331 Minn dan il-punt jirriżulta b'mod suffiċjentement ċar li, meta l-Qorti Ġenerali tirreferi għall-investigazzjoni tas-suq imwettqa mill-Kummissjoni u, b'mod partikolari, għat-tweġibiet għall-kwestjonarju 13, u minn dan iddeduċiet li l-Kummissjoni ma kinitx tat piż sproporzjonat lid-dikjarazzjonijiet tal-klijenti, dik il-qorti wettqet l-eżami tagħha stess tal-provi. Barra minn hekk, ir-realtà ta' dan l-eżami hija sostnuta, minn naħa, mit-tieni sentenza tal-punt 645 tas-sentenza appellata, li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali qieset li l-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni "[kienu] jirriflettu raġonevolment dawn it-tweġibiet" u, min-naħa l-oħra, permezz tal-aħħar sentenza ta' dan il-punt li minnha jirriżulta, mingħajr ebda ambigwità, li l-Qorti Ġenerali wettqet il-qari tagħha stess ta' dawn it-tweġibiet.

332 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ewwel argument ta' thyssenkrupp fil-kuntest tat-tieni lment għandu jiġi miċħud bħala infondat.

333 Fir-rigward tat-tieni argument imqajjem fil-kuntest tat-tieni lment, imsemmi fil-punt 306 ta' din is-sentenza, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li dan l-argument jirriżulta minn qari żbaljat tal-punt 646 tas-sentenza appellata, peress li, kif jirriżulta minn dan il-punt, il-Qorti Ġenerali, fir-realtà, ikkunsidrat li dan l-ilment huwa prattikament irrilevanti għall-analiżi tal-Kummissjoni dwar ir-restrizzjoni kompetittiva fuq l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni eżerċitata mill-importazzjonijiet. Għaldaqstant, l-imsemmi argument għandu jiġi miċħud bħala infondat.

334 Fir-rigward tat-tielet argument imqajjem fil-kuntest tat-tieni lment, imsemmi fil-punt 307 ta' din is-sentenza, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat, fir-rigward tal-allegat żnaturament tal-provi, li, f'dan il-każ, thyssenkrupp sempliċement tikkritika b'mod ġenerali l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

mingħajr madankollu ma tistabbilixxi li r-raġunament ta' din tal-aħħar huwa bbażat fuq żnaturament tal-provi konkreti li jidher b'mod manifest li dik il-qorti marret manifestament lil hinn mil-limiti ta' evalwazzjoni raġonevoli. Għaldaqstant, u f'dan ir-rigward, l-argument ta' thyssenkrupp għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, peress li ma huwiex konformi mar-rekwiżiti mfakkra fil-punt 102 ta' din is-sentenza.

335 Sa fejn thyssenkrupp issostni barra minn hekk li r-raġunament li jinsab fil-punt 647 tas-sentenza appellata huwa kontradittorju, għandu jiġi rrilevat li l-argument tagħha jirriżulta minn qari żbaljat ta' dan il-punt. Fil-fatt, fl-imsemmi punt 647, il-Qorti Ġenerali qieset li l-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-importanza tat-termini ta' kunsinna bħala fattur rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk l-importazzjonijiet kinux jeżerċitaw pressjoni kompetittiva fuq l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ppjanata fis-settur tal-azzar miksi bil-metall intiż għall-imballaġġ fiż-ŻEE kienu debitament u suffiċjentement issostanzjati, fil-premessi 1307 sa 1309 u 1311 tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

336 Għalhekk, dik il-qorti kkunsidrat li l-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni kinitx wettqet żball ta' interpretazzjoni tad-dokumenti interni, riprodotti fl-istampi 200 u 201 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li sempliċement "jikkorroboraw" il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni, ma jista' jkollha l-ebda effett deċiżiv fuq l-analiżi tal-Kummissjoni li hija suffiċjentement sostnuta minn provi oħra.

337 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument ta' thyssenkrupp, ibbażat fuq motivazzjoni kontradittorja fil-punt 647 tas-sentenza appellata, għandu jiġi miċħud bħala infondat.

338 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument li, fil-punt 649 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali sempliċement irreferiet għat-tweġibiet għal mistoqsija ta' kwestjonarju użat mill-Kummissjoni mingħajr ma wettqet l-analiżi tagħha stess, għandu jiġi kkunsidrat li dan l-argument jirriżulta wkoll minn qari żbaljat ta' dan il-punt 649.

339 Fil-fatt, mill-imsemmi punt 649 jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-argument ta' thyssenkrupp li inqas minn nofs il-klijenti kkonsultati ddikjaraw li kienu jeżistu differenzi bejn il-forniturі stabbiliti fi ħdan iż-ŻEE u l-importaturi li jinsabu barra miż-ŻEE fir-rigward tal-kapaċità tagħhom li jwieġbu għad-domanda tal-klijenti kellu jiġu miċħud. Sabiex tiġġustifika din l-evalwazzjoni, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-qari ta' thyssenkrupp tat-tweġibiet mogħtija mill-klijenti għall-mistoqsija inkwistjoni kien parzjali u ppreġudikat. Kif jirriżulta mit-tielet sentenza tal-punt 649 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali neċessarjament wettqet l-eżami tagħha stess tat-tweġibiet għal din il-mistoqsija ta' dan il-kwestjonarju, meta hija kkonstatat li, kuntrarjament għal dak li tafferma thyssenkrupp, minn dawn it-tweġibiet jirriżulta li l-maġġoranza tal-klijenti li wieġbu din il-mistoqsija semmew l-eżistenza ta' tali differenzi.

340 Għaldaqstant, it-tieni lment tal-ħames parti għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u bħala parzjalment infondat.

341 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, il-ħames parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u bħala parzjalment infondata.

Fuq is-sitt parti tat-tielet aggravju

– *L-argumenti tal-partijiet*

342 thyssenkrupp issostni li, fil-punti 377 sa 384 u 594 sa 597 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi li kellha quddiemha u wettqet żball ta' liġi waqt l-istħarriġ ġudizzjarju tal-kalkolu tal-IHH imwettaq mill-Kummissjoni, f'dak li jirrigwarda s-swieq tal-HDG, ta' TP u ta' ECCS.

343 F'dan il-każ, skont thyssenkrupp, l-IHH ikkalkolati mill-Kummissjoni għas-swieq rilevanti rispettivi kienu miżjuda artifiċjalment u l-Qorti Ġenerali kellha tqis li dawn iċ-ċifri manifestament żbaljati ma setgħux jintużaw sabiex tintwera l-eżistenza possibbli ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva f'dawn is-swieq. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat li dawn l-IHH ma kellhom l-ebda effett fuq l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni u li l-applikazzjoni tal-IHH korretti wasslet lil dik l-istituzzjoni għall-istess riżultat, jiġifieri għall-konstatazzjoni ta' tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva.

344 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argument ta' thyssenkrupp.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

345 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, is-suq tal-HDG, għandu jiġi rrilevat li, fil-punti 370 sa 384 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-kritiki ta' thyssenkrupp dwar il-kalkolu tal-IHH qabel u wara l-implementazzjoni tal-konċentrazzjoni ppjanata.

346 Fil-kuntest tal-eżami tagħha, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, essenzjalment, fil-punti 379 u 381 ta' dik is-sentenza, li, anki jekk jiġi ammess li l-kalkolu propost minn thyssenkrupp, li kien jissuġġerixxi li l-IHH tas-suq tal-HDG kien ikun ta' 1 821 qabel il-konċentrazzjoni ppjanata u ta' 2 013 warajha, b'delta ta' 192, il-livelli u t-tkabbir tal-IHH għas-suq tal-HDG kienu jaqbżu l-limiti stabbiliti fil-punti 19 sa 21 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali, li lil hinn minnhom jista' jkun hemm problemi ta' kompetizzjoni orizzontali fis-suq ikkonċernat, kif inhu l-każ ukoll fil-kalkolu tal-Kummissjoni.

347 Barra minn hekk, mill-punt 381 tal-imsemmija sentenza jirriżulta li l-Qorti Ġenerali enfasizzat li d-delta kienet identika, kemm fil-kalkolu tal-Kummissjoni kif ukoll f'dak ta' thyssenkrupp, li kien ifisser li lanqas ma kien hemm differenza f'dan ir-rigward bejn iż-żewġ kalkoli tal-IHH.

348 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, is-swieq ta' TP u tal-ECCS, mill-punti 594 sa 596 tas-sentenza appellata jirriżulta li għalkemm thyssenkrupp kienet ikkritikat, essenzjalment, lill-Kummissjoni talli wettqet l-istess żball ta' kalkolu bħal dak imwettaq għas-suq tal-Auto HDG, il-Qorti Ġenerali ċaħdet din il-kritika bħala ineffettiva għall-istess raġunijiet.

349 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali setgħet tqis, mingħajr ma twettaq żball ta' liġi, li kien hemm lok li l-argument ta' thyssenkrupp, ibbażat fuq żbalji fil-kalkolu tal-IHH, jiġi miċħud bħala ineffettiv.

350 Fil-fatt, mill-punti 16 u 21 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali jirriżulta li l-livell assolut tal-IHH jista' jagħti l-ewwel indikazzjoni tal-pressjonijiet kompetittivi li ser jiġu eżerċitati fis-suq wara l-konċentrazzjoni ppjanata. Barra minn hekk, id-delta tintuża

mill-Kummissjoni bħala indikatur utli dwar il-bidla fil-livell ta' konċentrazzjoni li ser jirriżulta direttament minn din it-tranżazzjoni. Fi kwalunkwe każ, dawn il-valuri ma jagħtux lok għal preżunzjoni ta' eżistenza jew ta' assenza ta' tali problemi.

351 Issa, sa fejn il-valuri tal-IHH u tad-delta jaqbżu l-limiti stabbiliti fil-punt 20 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali, din iċ-ċirkustanza tista' tintuża bħala indikatur tal-effetti antikompetittivi potenzjali tal-konċentrazzjoni kkonċernata.

352 Għalhekk, peress li thyssenkrupp ma tikkontestax il-fatt li, irrispettivament mill-metodu ta' kalkolu applikat (inkluż il-metodu ta' kalkolu propost minn thyssenkrupp), l-IHH u d-delta huma ogħla mil-limiti stabbiliti fil-punt 20 tal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet orizzontali, is-sitt parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala ineffettiva.

353 Fir-rigward tal-argument ta' thyssenkrupp ibbażat fuq żnaturament ta' ċerti provi li jinsabu fil-proċess li kellha quddiemha l-Qorti Ġenerali, dan għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli peress li din il-kumpannija ma tidentifikax dawn il-provi b'mod preċiż.

354 Għaldaqstant, is-sitt parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u bħala parzjalment infondata.

355 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, it-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u bħala parzjalment infondat.

Fuq ir-raba' aggravju

L-argumenti tal-partijiet

356 Permezz tal-ewwel ilment tagħha, thyssenkrupp tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli żnaturat, fil-punti 300 sa 303 tas-sentenza appellata, ċerti provi u, konsegwentement, li ma ddeċidietx dwar l-argumenti tagħha li jagħmlu parti mit-tielet ilment tat-tieni parti tat-tielet motiv fl-ewwel istanza bbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kienet ikkomunikat lill-partijiet fil-konċentrazzjoni ppjanata l-analiżi ekonomika l-ġdida tagħha, kif żviluppata fil-premessa 1095 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, biss fl-istadju tad-deċiżjoni finali.

357 thyssenkrupp issostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi li jinsabu fil-proċess tagħha b'mod li, evidentement, jikkontradixxi l-interpretazzjoni korretta tal-imsemmija premessa. Din il-kumpannija tosserva li, fil-punti 301 u 302 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rreferiet biss għall-ittra tal-fatti u ddikjarat b'mod żbaljat li l-Kummissjoni bl-ebda mod ma kienet biddlet l-analiżi ekonomika li hija kienet esponiet fl-imsemmija premessa.

358 Permezz tat-tieni lment tagħha, thyssenkrupp issostni li, peress li l-premessa 1095 tad-Deċiżjoni kontenzjuża tinkludi analiżi ekonomika ġdida tal-Kummissjoni li ġiet ikkomunikata lilha għall-ewwel darba mad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punti 300 sa 303 tas-sentenza appellata meta kkonstatat li l-Kummissjoni ma kinitx kisret id-drittijiet tad-difiża ta' thyssenkrupp. B'mod partikolari, din il-kumpannija ma kellhiex l-okkażjoni, matul il-proċedura amministrattiva, li tisma' l-oġġezzjonijiet tagħha dwar din l-analiżi, li jikkostitwixxi, skont thyssenkrupp, ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha li jirriżultaw mill-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 139/2004 u mill-Artikolu 13(2) tar-Regolament Nru 802/2004, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1269/2013.

359 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argument ta' thyssenkrupp.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

360 Fir-rigward tal-ewwel ilment ta' thyssenkrupp ibbażat fuq żnaturament ta' ċerti provi li jinsabu fil-proċess li kellha quddiemha l-Qorti Ġenerali, għandu jitfakkar, kif ġie rrilevat fil-punt 102 ta' din is-sentenza, li appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkritikati tas-sentenza li qiegħed jintalab l-annullament tagħha kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku din it-talba. Għalhekk, meta appellant jallega żnaturament tal-provi mill-Qorti Ġenerali, huwa għandu jindika b'mod preċiż il-provi li allegatament ġew żnaturati minnha u juri l-iżbalji fl-analiżi li, fl-evalwazzjoni tagħha, wasslu lill-Qorti Ġenerali għal dan l-iżnaturament.

361 Issa, f'dan il-każ, thyssenkrupp tikkuntenta ruħha, essenzjalment, li tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli żnaturat il-provi li jinsabu fil-proċess tagħha u, konsegwentement, talli qieset b'mod żbaljat, fil-punti 300 sa 302 tas-sentenza appellata, li l-premessa 1095 tad-Deċiżjoni kontenzjuża ma kienet tinkludi l-ebda analiżi ekonomika ġdida tal-Kummissjoni.

362 Madankollu, din il-kumpannija ma tidentifikax l-iżbalji ta' analiżi li, fl-evalwazzjoni tagħha tad-dokument imsemmi fl-appell, wasslu lill-Qorti Ġenerali għall-iżnaturament invokat. Hija sempliċement tikkritika b'mod ġenerali l-konstatazzjonijiet magħmula minn dik il-qorti mingħajr madankollu ma tistabbilixxi la li r-raġunament tagħha huwa bbażat fuq żnaturament konkret tal-provi u lanqas li jidher b'mod manifest li dik il-qorti manifestament marret lil hinn mil-limiti ta' evalwazzjoni raġonevoli.

363 Għaldaqstant, l-ewwel ilment tar-raba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

364 Fir-rigward tat-tieni lment ta' thyssenkrupp ibbażat fuq il-fatt li d-drittijiet tad-difiża ta' din il-kumpannija nkisru peress li din ma kellhiex l-okkażjoni, matul il-proċedura amministrattiva, li ssemma' l-oġġezzjonijiet tagħha dwar l-allegata analiżi ekonomika l-ġdida li tinsab fil-premessa 1095 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, mill-punt 302 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali qieset li din il-premessa ma kien fiha l-ebda analiżi ekonomika ġdida tal-Kummissjoni.

365 Konsegwentement, peress li, kif jirriżulta mill-punti 361 u 362 ta' din is-sentenza, thyssenkrupp ma rnexxilhiex tipprova li l-Qorti Ġenerali kienet żnaturat il-provi meta waslet għal tali konstatazzjoni, it-tieni lment tar-raba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

366 Għaldaqstant, ir-raba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u bħala parzjalment infondat.

Fuq il-ħames aggravju

L-argumenti tal-partijiet

367 Permezz tal-ħames aggravju tagħha, thyssenkrupp issostni, fl-ewwel lok, li l-Qorti Ġenerali ma ddeċidietx dwar is-seba' motiv imqajjem fir-rikors fl-ewwel istanza għaliex hija ma fehmitx dan tal-aħħar korrettament.

368 Permezz ta' dan is-seba' motiv, thyssenkrupp ma sostnietx biss li l-Kummissjoni kienet wettqet żball proċedurali meta ma użatx is-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha sabiex tirċievi numru ikbar ta' tweġibiet għat-talbiet għal informazzjoni sempliċi mibgħuta skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 139/2004. Fil-fatt, permezz ta' dan il-motiv, thyssenkrupp sostniet ukoll, essenzjalment, li l-Kummissjoni ma kellhiex tagħti valur probatorju lit-tweġibiet aleatorji u inkompleti li hija kienet irċeviet matul il-proċedura amministrattiva, b'mod partikolari, peress li inqas minn nofs id-destinatarji li l-Kummissjoni kienet qieset li kien neċessarju li jintbagħtu talbiet għal informazzjoni sempliċi kienu fil-fatt wieġbu.

369 Sa fejn il-Kummissjoni kkunsidrat li hija kellha tikseb l-informazzjoni neċessarja, fis-sens tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 139/2004, hija ma tistax tibgħat talbiet għal informazzjoni sempliċi, taħt piena ta' illegalità ta' tali approċċ proċedurali. Għalhekk, minħabba n-numru baxx ħafna ta' tweġibiet irċevuti, dawn tal-aħħar ma setgħux jitqiesu li jistgħu jirrappreżentaw l-opinjoni tal-parteċipanti kollha fis-suq jew, tal-inqas, tal-parteċipanti kollha fis-suq li jkunu rċevew talba għal informazzjoni. Għaldaqstant, it-tweġibiet li rċeviet il-Kummissjoni, f'dan il-każ, ma setgħux jiġġustifikaw id-deċiżjoni li tipprojbixxi l-konċentrazzjoni ppjanata.

370 Fit-tieni lok, thyssenkrupp issostni li, fil-punt 956 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat li kienet teżisti rata ta' tweġiba għat-talbiet għal informazzjoni preċiżi li tippermetti li tiġi evalwata b'mod affidabbli r-rappreżentattività tas-suq ikkonċernat. B'mod partikolari, thyssenkrupp tqis li huwa irrilevanti li l-perċentwal tat-tweġibiet rċevuti mingħand il-kompetituri jkun ogħla jew inqas minn "limitu ta' 50 %" tan-numru totali ta' talbiet għal informazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni, peress li tali limitu ma jeżistix u n-numru ta' tweġibiet irċevuti f'dan il-każ kien manifestament baxx wisq.

371 Barra minn hekk, thyssenkrupp tqis li l-Qorti Ġenerali wettqet żball meta kkonstatat, fil-punt 956 tas-sentenza appellata, li l-affidabbiltà tal-affermazzjoni tal-Kummissjoni li l-limitu ta' 50 % tat-tweġibiet inqabeż ma setgħetx tiġi kkontestata.

372 Il-Kummissjoni tqis li l-argumenti ta' thyssenkrupp huma inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, infondati.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

373 Fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-ħames aggravju mqajjem minn thyssenkrupp, għandu jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, dan l-aggravju intiż sabiex jikkritika lill-Qorti Ġenerali dwar, minn naħa, assenza ta' eżami tas-seba' motiv tar-rikors fl-ewwel istanza u, min-naħa l-oħra, l-impożizzjoni ta' limitu li jippermetti li jitkejjel b'mod affidabbli r-rappreżentattività tas-suq ikkonċernat, iqajjem punti ta' liġi u ma jistax jiġi miċħud bħala inammissibbli.

374 Fir-rigward tal-fondatezza, fl-ewwel lok, tal-argument ta' thyssenkrupp, ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali ma ddeċidietx fuq is-seba' motiv tar-rikors fl-ewwel istanza peress li ma fehmitx dan tal-aħħar korrettament, għandu jiġi kkunsidrat li dan l-argument huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata.

375 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li mir-rikors fl-ewwel istanza jirriżulta li s-seba' motiv invokat fl-ewwel istanza kien intitolat "Żball proċedurali li jikkonsisti fin-nuqqas ta' neċessità għal tweġibiet għat-talbiet għal informazzjoni". Konsegwentement, dan kien jimplika żball proċedurali possibbli tal-Kummissjoni.

376 Mill-kontenut tal-imsemmi motiv u, b'mod partikolari, mill-punti 197 sa 199 tar-rikors fl-ewwel istanza jirriżulta wkoll li thyssenkrupp sempliċement ikkritikat il-fatt li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni kienet bagħtet lill-atturi tas-suq inkwistjoni sempliċi talbiet għal informazzjoni u għalhekk ma kinitx talbet lid-destinatarji ta' dawn it-talbiet sabiex iwiġbuhom, minkejja li hija kellha s-setgħa li teżiġi tweġibiet għat-talbiet tagħha għal informazzjoni skont l-Artikoli 11, 14 u 15 tar-Regolament Nru 139/2004. Konsegwentement, kif jirriżulta mill-punt 198 ta' dan ir-rikors, thyssenkrupp kienet tal-fehma li t-test tas-suq imwettaq mill-Kummissjoni permezz tat-tweġibiet li rċeviet l-imsemmija talbiet kien null minħabba żball proċedurali, b'mod partikolari għaliex din kienet sitwazzjoni li fiha "[…] nofs jew iktar mill-persuni intervistati ma [weġbux għat-talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni] u [għadditilhom] lixxa mingħajr ebda miżura koerċittiva".

377 F'dan il-kuntest, għandu jiġi kkonstatat li l-punt 947 tas-sentenza appellata jirrifletti fedelment l-argument ta' thyssenkrupp li jinsab fil-punti 197 sa 199 tar-rikors fl-ewwel istanza.

378 Fil-punti 950 sa 955 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument ta' thyssenkrupp li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet it-testijiet tagħha tas-suq b'mod xieraq fuq livell proċedurali.

379 L-ewwel nett, wara tfakkira, fil-punt 950 tas-sentenza appellata, tal-kontenut tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 139/2004, il-Qorti Ġenerali ġustament għamlet distinzjoni bejn it-talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni skont jekk dawn sarux permezz ta' sempliċi talba jew permezz ta' deċiżjoni. F'dan il-kuntest, fil-punti 951 u 952 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li, jekk id-destinatarji ma jipprovdux l-informazzjoni mitluba fit-terminu mogħti, il-Kummissjoni tista', biss meta t-talbiet għal informazzjoni saru permezz ta' deċiżjoni, timponi multa skont l-Artikolu 14(1)(ċ) tar-Regolament Nru 139/2004 jew pagamenti ta' penalità abbażi tal-Artikolu 15(1)(a) ta' dan tal-aħħar.

380 Sussegwentement, fil-punti 953 sa 955 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni indikat li hija kienet bagħtet sempliċi talbiet għal informazzjoni u li hija kienet bagħtet sistematikament tfakkiriet lid-destinatarji li ma wiġbux fit-terminu mogħti, ħaġa li thyssenkrupp ma kkontestatx. Fir-rigward tal-kritika ta' din il-kumpannija li tgħid li l-Kummissjoni kellha tadotta deċiżjonijiet skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament Nru 139/2004, u sussegwentement eventwalment tibda l-proċeduri għall-impożizzjoni ta' multi jew ta' pagamenti ta' penalità għal kull każ ta' nuqqas ta' tweġiba minn attur tas-suq, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li tali talbiet għal informazzjoni kienu inkompatibbli mar-rekwiżit ta' ħeffa li jikkaratterizza l-istruttura ġenerali tar-Regolament Nru 139/2004 u li jimponi fuq il-Kummissjoni l-obbligu li tosserva t-termini stretti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni finali. Għaldaqstant, fid-dawl tas-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa li għandha l-Kummissjoni fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikoli 11, 14 u 15 tar-Regolament Nru 139/2004, hija ma tistax tiġi kkritikata talli, minbarra t-tfakkiriet mibgħuta lid-destinatarji li ma wiġbux fit-terminu mogħti, ma eżiġietx mingħand kulħadd jew, tal-inqas, mingħand numru suffiċjenti minnhom li tinkiseb tweġiba għat-talbiet tagħha għal informazzjoni skont l-imsemmija artikoli.

381 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument ta' thyssenkrupp, li jinsab fil-punt 198 tar-rikors fl-ewwel istanza, li jgħid li "[j]ekk sa nofs jew iktar mill-persuni intervistati ma jweġbux u tgħaddilhom lixxa mingħajr ebda miżura koerċittiva, ir-riżultat tal-konsultazzjoni tal-atturi tas-suq huwa diġà vvizzjat b'nullità mill-perspettiva tal-proċess", il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 956 tas-sentenza appellata, li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni kienet iddikjarat li r-rata medja ta' tweġiba

għall-kwestjonarji rilevanti mibgħuta lill-atturi tas-swieq rilevanti kienet ogħla minn 50 % u li din ir-rata ma setgħetx titqies li ma kinitx rappreżentattiva biżżejjed. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li thyssenkrupp ma kienx irnexxielha turi l-kuntrarju.

382 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali la tista' tiġi kkritikata talli ma fehmitx korrettament is-seba' motiv tar-rikors fl-ewwel istanza u lanqas li ma tatx deċiżjoni dwar dan tal-aħħar.

383 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-argument ta' thyssenkrupp ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat, fil-punt 956 tas-sentenza appellata, li kienet teżisti rata ta' tweġiba għat-talbiet għal informazzjoni preċiżi li tippermetti li tiġi evalwata b'mod affidabbli r-rappreżentattività tas-suq ikkonċernat, għandu jiġi rrilevat li dan l-argument huwa bbażat ukoll fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata.

384 Huwa minnu li l-Qorti Ġenerali għamlet riferiment għal "limitu ta' 50 %" meta kkonstatat li, f'dan il-każ, ir-rata medja ta' tweġiba għall-kwestjonarji kienet teċċedi din il-perċentwali.

385 Madankollu, il-Qorti Ġenerali rreferiet għall-imsemmi livell sabiex tagħti tweġiba għall-argument preċiż ta' thyssenkrupp li l-Kummissjoni ma kellhiex tieħu inkunsiderazzjoni t-tweġibiet għat-talbiet għal informazzjoni li hija kienet irċeviet matul il-proċedura amministrattiva, peress li 50 %, jew saħansitra iktar, tal-impriżi kkonsultati ma kinux wieġbu għal dawn it-talbiet.

386 Fil-fatt, mill-punt 197 tar-rikors fl-ewwel istanza u mill-punt 65 tar-risposta ta' thyssenkrupp fl-ewwel istanza jirriżulta b'mod partikolari li kienet ir-rikorrenti, jiġifieri din il-kumpannija, li kienet invokat din il-perċentwali quddiem il-Qorti Ġenerali.

387 Dan il-fatt huwa kkonfermat fil-punt 947 tas-sentenza appellata li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali ġabret fil-qosor l-argumenti prinċipali ta' thyssenkrupp. Minn dan il-punt jirriżulta li din il-kumpannija kkunsidrat li, "fl-assenza ta' pressjoni eżerċitata mill-Kummissjoni […] sabiex jinkisbu t-tweġibiet neqsin tal-atturi kkonsultati u fid-dawl tar-rata medja ta' tweġiba ta' inqas minn 50 %, kif jirriżulta mill-proċess, l-ebda konklużjoni ma [setgħet] tinsilet, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, mit-tweġibiet irċevuti fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-maġġoranza tal-klijenti jew tal-kompetituri [kinux] jikkondividu ċerta perspettiva jew le".

388 F'dan il-kuntest, għandu jiġi kkunsidrat li, fil-punt 956 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali għamlet riferiment għal din il-perċentwali biss sabiex tagħti tweġiba għall-argument ta' thyssenkrupp.

389 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata talli ddeduċiet regola li, sabiex tweġibiet għal sempliċi talbiet għal informazzjoni indirizzati lill-atturi tas-suq inkwistjoni jkunu jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-analiżi ta' dik l-istituzzjoni ta' konċentrazzjoni, huwa neċessarju li, tal-inqas, 50 % tad-destinatarji ta' dawn it-talbiet ikunu wieġbu.

390 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument ta' thyssenkrupp li l-Qorti Ġenerali kkonstatat b'mod żbaljat, fil-punt 956 tas-sentenza appellata, li l-affidabbiltà tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-limitu ta' 50 % tat-tweġibiet kien inqabeż f'dan il-każ ma setgħetx tiġi kkontestata, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, għalkemm thyssenkrupp tikkontesta din l-allegata konstatazzjoni, din il-kumpannija madankollu ma tikkontestax li r-rata medja ta' tweġiba għall-kwestjonarji rilevanti mibgħuta lill-atturi tas-swieq li għalihom il-Kummissjoni kienet ikkonstatat tfixkil sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva, jiġifieri s-swieq tal-Auto HDG u tal-azzar intiż għall-imballaġġ (TP,

ECCS u azzar illaminat), kienet effettivament ogħla mil-limitu ta' 50 %, kif irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 956 tas-sentenza appellata. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument ta' thyssenkrupp dwar din l-allegata konstatazzjoni huwa ineffettiv.

391 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-ħames aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

392 Peress li l-ebda wieħed mill-aggravji mqajma minn thyssenkrupp insostenn tal-appell tagħha ma ntlaqa', hemm lok li dan tal-aħħar jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq l-ispejjeż

393 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tal-imsemmija Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

394 F'dan il-każ, peress li l-appellanti tilfet, hemm lok li hija tiġi kkundannata għall-ispejjeż relatati ma' dan l-appell, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) thyssenkrupp AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem